



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' April 2022
(OR. en)

8042/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0099(COD)

ENV 335
CLIMA 159
CODEC 469

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' April 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 150 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 517/2014

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 150 final.

Mehmuż: COM(2022) 150 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 5.4.2022
COM(2022) 150 final

2022/0099 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u li
jħassar ir-Regolament (UE) Nru 517/2014**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2022) 156 final} - {SWD(2022) 95 final} - {SWD(2022) 96 final} -
{SWD(2022) 97 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew nieda strateġija ġdida għat-tkabbir għall-UE bil-għan li tittrasforma lill-UE f'soċjetà ġusta u għanja b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva. Din tafferma mill-ġdid l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li żżid il-miri klimatiki tagħha u tagħmel lill-Ewropa l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050. Barra minn hekk, hija timmira li tiproteġi s-saħħa u l-benessri taċ-ċittadini minn riskji u minn impatti relatati mal-ambjent. B'reazzjoni għall-urġenza għall-azzjoni klimatika, l-UE żiedet l-ambizzjoni klimatika tagħha permezz tar-Regolament (UE) 2021/1119 (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima)¹, li ġie adottat fl-2021. Il-liġi dwar il-klima tistabbilixxi mira vinkolanti netta għat-tnaqqis tal-gassijiet serra ta' mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990 u n-newtralità klimatika tal-UE sa mhux aktar tard mill-2050. L-UE tejbet ukoll il-Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali inizjali tagħha skont *il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima* minn tnaqqis ta' mill-inqas 40 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030, għal tnaqqis nett ta' mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Il-kisba ta' dawk l-oġġettivi, u l-possibbiltà li t-temperatura medja globali tinżamm fi ħdan 1,5 °C, jeħtieġu t-tisħiħ tal-istrumenti kollha rilevanti għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE; ir-Regolament dwar il-gassijiet F huwa strument importanti fir-rigward tal-emissjonijiet ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra (gassijiet F).

Il-gassijiet F huma sustanzi kimiċi magħmulin mill-bniedem li huma gassijiet serra (GHG) b'saħħithom ħafna, spiss diversi eluf ta' drabi aktar b'saħħithom mid-diossidu tal-karbonju (CO₂). Flimkien mad-diossidu tal-karbonju, mal-metan u mal-ossidu nitruż, huma jappartjenu għall-grupp ta' emissjonijiet ta' GHG koperti mill-*Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima*. Illum, l-emissjonijiet ta' gassijiet F jammontaw għal 2,5 % tal-emissjonijiet totali ta' GHG tal-UE iżda rdoppjaw mill-1990 sal-2014 meta mqabbla ma' emissjonijiet oħrajn ta' GHG, li naqsu. Dan minħabba li l-gassijiet F fil-passat tipikament ħadu post sustanzi li jnaqqsu l-ożonu f'żoni fejn dawn tal-aħħar saru pprojbti li jintużaw fl-UE sabiex jiġi protett is-saff tal-ożonu stratosferiku, kif meħtieġ skont il-Protokoll ta' Montreal tal-1987 dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu ("il-Protokoll").

Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 dwar il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra² ("ir-Regolament dwar il-gassijiet F") ġie adottat sabiex ireġġa' lura ż-żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet F. L-idrofluworokarburi (HFCs) huma l-aktar grupp importanti ta' gassijiet F f'termini ta' emissjonijiet rilevanti għall-klima u n-novità ewlenija tar-Regolament dwar il-gassijiet F kienet l-istabbiliment ta' "tnaqqis gradwali tal-HFC tal-UE", jiġifieri sistema ta' kwoti għall-implimentazzjoni ta' skeda ta' tnaqqis gradwali tal-ammont ta' HFCs li l-importaturi u l-produtturi jistgħu jqiegħdu fis-suq kull sena.

Il-politika tal-UE dwar il-gassijiet F trid titqies fil-kuntest tar-Rapport speċjali reċenti tal-IPCC³. Il-mogħdijiet sabiex it-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5 °C jeħtieġu tnaqqis fl-emissjonijiet għall-gassijiet F sa 90 % sal-2050 *globalment* meta mqabblin mas-sena 2015.

Bl-għan li jitreggħu lura l-emissjonijiet ta' HFCs li qed jiżdiedu u l-impatt tagħhom fuq il-klima, u minkejja li l-HFCs ma jnaqqsu is-saff tal-ożonu, fl-2016 il-Partijiet għall-Protokoll iddeċidew bl-Emenda ta' Kigali li jimplimentaw tnaqqis gradwali globali tal-HFCs li se

¹ ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.

² ĠU L150, 20.5.2014, p. 195.

³ Ir-Rapport Speċjali tal-IPCC. Global warming of 1.5 C (Awwissu 2021), <https://www.ipcc.ch/sr15/>.

jnaqqas il-produzzjoni u l-konsum tal-HFCs b'aktar minn 80 % matul it-30 sena li ġejjin fil-livell globali. Dan jimplika li kull Parti jeħtiġilha tikkonforma ma' skeda ta' tnaqqis tal-konsum u tal-produzzjoni tal-HFCs kif ukoll mal-liċenzjar tal-importazzjoni/tal-esportazzjoni u mar-rapportar dwar l-HFCs. Ix-xjenzati vvalutaw li l-Emenda ta' Kigali waħedha se tiffirka sa 0,4 °C ta' tisħin addizzjonali sal-aħħar tas-seklu.

Kif konkluż mill-evalwazzjoni mħejjija mill-Kummissjoni⁴, ir-Regolament dwar il-gassijiet F wassal għal treġġigħ lura u għal tnaqqis sena wara sena tal-emissjonijiet ta' gassijiet F mill-2015 'il quddiem. Barra minn hekk, il-provvista fis-suq tal-UE ta' HFCs naqset b'37 % f'tunnellati metriċi u 47 % f'termini ta' tunnelli ta' ekwivalenti ta' CO₂ mill-2015 sal-2019. Kien hemm bidla ċara fl-użu ta' alternattivi b'potenzjal aktar baxx ta' tisħin globali (minn hawn 'il quddiem "GWP") inklużi alternattivi naturali (eż. CO₂, ammonijaka, idrokarburi, ilma) f'hafta tipi ta' tagħmir li tradizzjonalment kien juża gassijiet F. Madankollu, l-iffirkar tal-emissjonijiet previst sal-2030 ma huwiex se jinkiseb bis-sħiħ u hemm potenzjal mhux sfruttat sabiex jiġu ffrankati aktar emissjonijiet. Barra minn hekk, filwaqt li r-Regolament dwar il-gassijiet F ġie adottat qabel l-Emenda ta' Kigali u filwaqt li kien strumentali sabiex jintlaħaq dan il-ftehim globali, ir-Regolament ma jistax jiżgura bis-sħiħ il-konformità mal-obbligi kollha (b'mod partikolari lil hinn mill-2030).

Fl-aħħar nett, is-snin ta' esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tar-Regolament kif ukoll il-feedback riċevut mingħand il-partijiet ikkonċernati jikkonfermaw il-hteġa li jiġu indirizzati diversi sfidi għas-sistema ta' kwoti. Dawn ivarjaw minn attivitajiet illegali inklużi l-kuntrabandu u l-kummerċjanti qarrieqa b'motivi purament spekulattivi san-nuqqas ta' tekniċi tas-sengħa. Hemm ukoll ċerti lakuni fil-monitoraġġ li għandhom jiġu indirizzati, l-effiċjenza tal-attivitajiet ta' rapportar u ta' verifika li għandha tittejjeb u diversi regoli eżistenti li għandhom jiġu ċċarati aktar, peress li l-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati mill-industrija, mill-NGOs u mill-awtoritajiet enfasizzaw dan bħala objettiv importanti għar-rieżami. Għalhekk, kien ċar li l-elementi ewlenin tar-Regolament għandhom jinżammu iżda kien hemm bżonn li jiġu rfinati u jiżdiedu diversi dispożizzjonijiet.

L-objettivi ġenerali tal-politiki tal-UE dwar il-gassijiet F huma li:

- (1) Jipprevjenu emissjonijiet addizzjonali ta' gassijiet F, u b'hekk jikkontribwixxu għall-objettivi klimatiċi tal-UE
- (2) Jiżguraw il-konformità mal-Protokoll fir-rigward tal-obbligi relatati mal-idrofluworokarburi ("HFCs").

Il-prevenzjoni tal-emissjonijiet tista' ssir b'żewġ modi: billi jiġi evitat li l-gassijiet F, qabel kollox, jintużaw (jiġifieri titnaqqas id-domanda għall-gassijiet F) u billi jiġi żgurat li jkun hemm miżuri li jipprevjenu l-emissjonijiet jew it-tnixxijiet meta jiġu prodotti, jintużaw u jintremew il-gassijiet ("konteniment"). Għalhekk, il-politika dwar il-gassijiet F għandha l-objettivi speċifiċi li:

- Tiskoraġġixxi l-użu ta' gassijiet F b'Potenzjal għoli ta' Tisħin Globali u thegġegħ l-użu ta' sustanzi jew ta' teknoloġiji alternattivi meta jirriżultaw f'emissjonijiet aktar baxxi ta' GHG mingħajr ma jikkompromettu s-sikurezza, il-funzjonalità u l-effiċjenza enerġetika;
- Tipprevjeni t-tnixxija mit-tagħmir u t-trattament xieraq fi tmiem il-ħajja tal-gassijiet F fl-applikazzjonijiet;

⁴

Ara l-Anness 5 tal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta.

- Issaħħaħ it-tkabbir sostenibbli, tistimola l-innovazzjoni, u tiżviluppa teknoloġiji ekoloġiċi billi ttejjeb l-opportunitajiet tas-suq għal teknoloġiji u għal gassijiet alternattivi b'GWP baxx.

Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet ta' evalwazzjoni tar-Regolament, il-Kummissjoni għandha l-oġġettivi li ġejjin għar-rieżami:

- (1) Il-kisba ta' **tnaqqis addizzjonali fl-emissjonijiet ta' gassijiet F** bħala kontribuzzjoni għall-ilħuq tat-tnaqqis ta' 55 % tal-emissjonijiet sal-2030 u għan-newtralità karbonika netta sal-2050.
- (2) L-allinjament sħiħ mal-Protokoll.
- (3) Il-faċilitazzjoni tal-**implimentazzjoni u l-infurzar** imtejbin dwar kwistjonijiet ta' kummerċ illegali, il-funzjonament tas-sistema ta' kwoti u l-ħtiġijiet ta' taħriġ dwar alternattivi għall-gassijiet F.
- (4) It-titjib tal-**monitoraġġ u tar-rapportar** sabiex jiġu eliminati l-lakuni eżistenti u tittejjeb il-kwalità tal-proċess u tad-*data* għall-konformità.
- (5) It-titjib tal-**taċ-ċarezza u tal-koerenza interna** sabiex jiġu appoġġati l-implimentazzjoni u l-fehim aħjar tar-regoli.

L-inizjattiva tikkontribwixxi għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, bl-aktar mod prominenti għall-“għieda kontra t-tibdil fil-klima”.

• **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Sabiex jintlaħqu l-miri klimatiċi legalment vinkolanti fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, il-Kummissjoni pproponiet li ssaħħaħ il-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-Istati Membri għall-2021 sal-2030 f'emenda għall-hekk imsejjaħ Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi. Ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi jkopri l-emissjonijiet minn setturi mhux koperti mis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS)⁵ eżistenti u l-emissjonijiet ta' gassijiet F jirrappreżentaw kważi 5 % tal-emissjonijiet koperti minn dak ir-Regolament. Il-miri individwali tal-Istati Membri huma relatati ma' dan il-basket ġenerali ta' GHGs. Konsegwentement, l-UE jew l-Istati Membri ma għandhom l-ebda mira vinkolanti speċifika għall-emissjonijiet ta' gassijiet F. Madankollu, huwa kruċjali li l-emissjonijiet ta' gassijiet F jitnaqqsu prinċipalment permezz tar-Regolament dwar il-gassijiet F minħabba li tali azzjoni wriet li hija effettiva kif ukoll kosteffiċjenti li ssir fil-livell Ewropew. Tali azzjoni se tikkomplementa miżuri addizzjonali sabiex jitnaqqsu l-gassijiet F li jittieħdu aħjar fil-livell nazzjonali f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, pereżempju miżuri addizzjonali tal-politika dwar l-iskart, sorveljanza aktar stretta tas-setturi jew inċentivi finanzjarji għall-alternattivi. Flimkien, il-miżuri meħudin fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali relatati mat-tipi kollha ta' emissjonijiet iridu jiżguraw li kull Stat Membru jkun jista' jilħaq il-miri nazzjonali tiegħu ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, kif iddefiniti mir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi, b'mod effettiv.

Ir-Regolament dwar il-gassijiet F ikopri s-setturi kollha li minnhom huma rilevanti l-emissjonijiet ta' gassijiet F, iżda huwa kkomplementat mid-Direttiva 2006/40/KE⁶ dwar il-kundizzjonament mobbli tal-arja (MAC) li speċifikament tipprojbixxi l-użu ta' refriġeranti b'GWP ogħla minn 150 f'karozzi ġodda tal-passiġġieri mill-2017. Qabel din il-projbizzjoni, ir-refriġerant użat kien HFC b'GWP ta' 1430.

⁵ COM(2021) 555 final

⁶ ĠU L 161, 14.6.2006, p. 12.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Ir-Regolament propost (kif ukoll ir-Regolament attwali dwar il-gassijiet F) għandu ħafna similaritajiet mar-Regolament (UE) 1005/2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu⁷ (ir-Regolament dwar l-ODS), li qiegħed jiġi rivedut b'mod parallel. Dawn iż-żewġ Regolamenti jridu jiżguraw b'mod konġunt li l-Unjoni tikkonforma mal-obbligi tagħha relatati mal-HFCs u mal-ODS skont il-Protokoll. Filwaqt li ż-żewġ rieżamijiet ma għandhomx impatt dirett fuq xulxin, dawn jaffettwaw partijiet ikkonċernati u setturi simili, kif ukoll attivitajiet simili (kummerċ, użu ta' tagħmir eċċ.) u jużaw miżuri ta' kontroll simili, inkluża sistema ta' liċenzjar tal-kummerċ kif meħtieġ mill-Protokoll. Għalhekk, kemm l-industrija kif ukoll l-awtoritajiet talbu li r-regoli rilevanti tagħhom jiġu allinjati mill-qrib (eż. fir-rigward tal-kontrolli doganali, ir-regoli dwar it-tnixxija, id-definizzjonijiet eċċ.).

Il-kontribut tar-Regolament rivedut dwar il-Gassijiet F għall-ilħuq tal-miri tal-GHG fil-livell tal-Istati Membri skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi huwa kkomplementat mir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (IED: id-Direttiva 2010/75/UE) li se tkopri attivitajiet responsabbli għal madwar 15 % tal-emissjonijiet kumplessivi tal-UE ta' GHG li ma humiex koperti mill-ETS. L-enfasi tal-IED hija primarjament fuq l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa u fuq l-emissjonijiet ta' GHGs minn sorsi industrijali li ma humiex koperti mill-EU ETS⁸. B'kuntrast ma' dan, ir-Regolamenti dwar l-ODS u dwar il-gassijiet F prinċipalment, iżda mhux esklużivament, jiffokaw fuq it-tqegħid fis-suq u fuq l-użu ta' sustanzi li jnaqqsu l-ożonu u ta' gassijiet fluworurati għall-prevenzjoni tal-emissjonijiet ta' daww is-sustanzi kimiċi li huma GHGs qawwjin ħafna. L-IED toffri l-opportunità għal kunsiderazzjoni sistematika tal-emissjonijiet ta' gassijiet F bħala parametru ambjentali ewlieni fl-iżvilupp ta' dokumenti ta' referenza tal-aqwa tekniki disponibbli għas-setturi tal-industrija. Dawn tal-aħħar jikkostitwixxu l-bażi għall-iffissar ta' valuri ta' limitu tal-emissjonijiet għal installazzjonijiet industrijali sabiex jiġu limitati l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet F u ta' ODS. Barra minn hekk, ir-Regolament dwar l-E-PRTR (ir-Regolament (KE) Nru 166/2006) se jiġi mmodernizzat sabiex jittejjbu r-rapportar u d-disponibbiltà pubblika tal-informazzjoni dwar l-emissjonijiet kemm ta' sustanzi niġġiesa kif ukoll ta' gassijiet serra u, fil-futur, għandu jippermetti aktar granularità fid-data dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet F u ta' ODS minn installazzjonijiet bħal dawn.

Hemm ukoll sinerġiji mill-qrib mal-politiki dwar l-enerġija, b'mod partikolari d-Direttiva 2009/125/KE dwar l-ekodisinn⁹, minħabba r-rilevanza tal-emissjonijiet indiretti mill-użu tal-enerġija tat-tagħmir tal-gassijiet F. Il-proposta ssegwi l-“prinċipju l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel” billi tqis biss alternattivi li jkun tal-anqas effiċjenti fl-enerġija daqs tagħmir li juża gass F tradizzjonali. Ingħatat ukoll attenzjoni speċjali lill-fatt li d-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija se teħtieġ rati għoljin ta' tkabbir għall-pompi tas-sħana li bħalissa huma kkummerċjalizzati b'gassijiet F fl-Unjoni. Dan huwa b'mod partikolari minħabba l-iżviluppi ġeopolitiċi riċenti li jeħtieġu tkabbir ogħla fil-pompi tas-sħana sabiex titnaqqas id-dipendenza fuq iż-żejt u fuq il-gass kif deskritt fil-Komunikazzjoni RePowerEU¹⁰. Sabiex tintlaħaq in-newtralità klimatika, huwa importanti li jkun hemm fis-seħħ politiki li jżidu l-effiċjenza enerġetika kemm jista' jkun u li jlimitaw l-emissjonijiet diretti mill-gassijiet F. Dan huwa partikolarment importanti peress li kwalunkwe tagħmir b'pompa tas-sħana b'gassijiet F li jibda jopera llum iwassal għal emissjonijiet diretti ta' GHG għal ħafna snin fil-futur minħabba

⁷ ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1.

⁸ Id-Direttiva 2003/87/KE, ĠU L 275, 25.10.2003, p.32.

⁹ Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

¹⁰ COM(2022) 108 final.

tnixxija, servizzi ta' manutenzjoni neċessarji b'aktar gassijiet F u emissjonijiet possibbli meta t-tagħmir jiddaħħal fil-fluss ta' skart. Meta jkun possibbli, dan għandu jiġi evitat, u għalhekk huma inklużi projbizzjonijiet fuq prodotti speċifiċi. B'mod ġenerali, huwa stmat li r-rieżami propost tas-sistema ta' kwoti, skont l-għażla ppreferuta tal-valutazzjoni tal-impatt, għandha biżżejjed l-qugh sabiex tippermetti tali tkabbir fil-varar tal-pompi tas-sħana.

Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar l-importazzjoni u r-rapportar, hemm sinerġiji mal-Leġiżlazzjoni REACH¹¹, peress li l-importaturi tal-gassijiet fluworurati huma affettwati mit-tnejn. Id-data aktar granulari miġbura, u r-rekwiżiti stretti tal-importazzjoni relatati mas-sistema ta' kwoti fir-Regolament dwar il-gassijiet F jistgħu jintużaw sabiex itejbu l-ħarsa ġenerali u l-konformità mal-obbligi tar-reġistrazzjoni tar-REACH kif indikati mill-industrija tal-kimika.

Il-proposta rieżaminata ssaħħaħ b'mod qawwi r-rabtiet mad-dwana, mas-sorveljanza tas-suq, mar-reati ambjentali u mal-iżvelar ta' informazzjoni protetta billi tispjega l-obbligi konkreti tal-operaturi ekonomiċi u tal-awtoritajiet kompetenti sabiex inaqqsu l-attivitajiet illegali inkluż il-kuntrabandu u jissalvagwardjaw l-integrità ambjentali tar-Regolament.

Barra minn hekk, hemm rabtiet diretti mal-politika dwar l-iskart, peress li t-tmiem tal-ħajja huwa fażi kruċjali li fih iseħħu ħafna emissjonijiet jekk ma jiġux irrispettati l-obbligi eżistenti. L-obbligi ta' rkupru fir-Regolament dwar il-gassijiet F huma kkomplementati minn referenzi fil-leġiżlazzjoni rilevanti dwar l-iskart (eż. id-Direttiva WEEE¹² u d-Direttiva dwar Vjeġġi ta' Skart¹³). Skemi msaħħin ta' responsabbiltà tal-produtturi kif promossi mir-Regolament dwar il-gassijiet F jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti għat-titjib tal-prattiki kurrenti u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' tmiem il-ħajja. Din hija opportunità fid-dawl tar-reviżjoni li għaddejjja tad-Direttiva Qafas dwar l-iskart.

Fl-aħħar iżda mhux l-anqas, l-aġġornament kontinwu u f'waqtu tal-istandards tas-sikurezza kif ukoll tal-kodiċijiet u tal-leġiżlazzjoni fil-livelli kollha, Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali, huwa kruċjali sabiex jinżamm il-pass mal-iżvilupp rapidu tat-teknoloġiji u sabiex jiġi aċċertat li l-użu ta' refriġeranti li ma jagħmlux ħsara lill-klima jista' jiġi mmassimizzat mingħajr ma tiġi compromessa s-sikurezza.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-oġġettiv li tiġi ppreservata, protetta u mtejbja l-kwalità tal-ambjent; tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem; u biex jiġu promossi miżuri fil-livell internazzjonali biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima.

• Is-sussidjarjetà

Il-proposta tikkomplementa l-leġiżlazzjoni tal-UE li ilha teżisti fil-livell tal-UE mill-2006 u tikkonforma b'mod ċar mal-prinċipju tas-sussidjarjetà għar-raġunijiet li ġejjin:

L-ewwel nett, il-protezzjoni tas-sistema klimatika hija kwistjoni transfruntiera u l-iskala tal-problema titlob azzjoni madwar id-dinja. It-tieni, l-aktar miżuri effettivi huma l-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni tal-użu jew tat-tqegħid fis-suq ta' gassijiet F jew ta' prodotti u ta' tagħmir

¹¹ <https://echa.europa.eu/mt/regulations/reach/legislation>

¹² Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38).

¹³ Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1).

tal-gassijiet F. Għall-funzjonament tas-suq intern tal-UE u għall-moviment liberu tal-merkanzija, huwa preferibbilment ħafna jekk tali miżuri jittieħdu fil-livell tal-UE. It-tielet, il-Protokoll iqis lill-UE bħala organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika (REIO) u, għalhekk, l-UE jeħtiġilha tikkonforma mal-obbligi tal-Protokoll fil-livell tal-Unjoni (eż. ir-rapportar, is-sistema ta' liċenzjar, it-tnaqqis gradwali fil-konsum). Dan jeħtieġ leġiżlazzjoni rilevanti fl-istess livell; ikun diffiċli ħafna jekk ma jkunx fattibbli li tinkiseb il-konformità permezz ta' 27 sistema nazzjonali differenti. L-unika eċċezzjoni għall-klawżola tal-ROIE hija l-iskeda tal-Protokoll għat-tnaqqis gradwali tal-produzzjoni tal-HFCs, li teħtieġ il-konformità fil-livell tal-Istati Membri.¹⁴ Madankollu, xi Stati Membri talbu li l-produzzjoni tiġi rregolata wkoll fil-livell tal-UE peress li dan iżid il-flessibbiltà għall-kumpaniji kkonċernati.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-proposta tiżgura li l-emissjonijiet ta' gassijiet F ikomplu jitnaqqsu u li l-UE tkompli tikkonforma mal-obbligi internazzjonali tagħha skont il-Protokoll sabiex tnaqqas gradwalment il-produzzjoni u l-konsum tal-HFCs. Il-miżuri proposti huma bbażati fuq valutazzjoni bir-reqqa tal-kosteffiċjenza tagħhom li turi li l-kostijiet marġinali tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għal kwalunkwe settur huma fi ħdan il-medda li setturi oħrajn fl-ekonomija huma mistennijin jiffaċċjaw sabiex jiżguraw it-tranżizzjoni meħtieġa lejn in-newtralità klimatika sal-2050. Barra minn hekk, fit-tul, il-miżuri ta' mitigazzjoni se jirriżultaw fi ffrankar ġenerali tal-ispejjeż. Xi miżuri se jżidu bi ftit il-piż amministrattiv fuq l-industrija iżda xi wħud minnhom huma essenzjali għall-konformità mal-Protokoll u oħrajn huma meħtieġa sabiex jiġi ffaċilitat l-infurzar xieraq tar-regoli kif ukoll sabiex jiġu mmonitorjati t-theddiet futuri. L-ebda waħda minn dawn il-miżuri msemminjin l-aħħar ma tinvolvi kostijiet għoljin. Ma hija proposta l-ebda dispożizzjoni dettaljata f'oqsma li fihom l-oġettivi jistgħu jintlaħqu aħjar b'azzjoni f'oqsma ta' politika oħrajn, pereżempju leġiżlazzjoni dwar l-iskart. Il-livell ta' benefiċċji miksub minn dawn il-miżuri ma setax jinkiseb b'mod kosteffiċjenti għall-industrija u għall-Istati Membri billi jiġu introdotti 27 politika addizzjonali differenti dwar il-gassijiet F fl-Istati Membri.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument legali magħżul huwa Regolament minħabba li l-proposta għandha l-għan li tissostitwixxi u ttejjeb ir-Regolament dwar il-gassijiet F filwaqt li żżomm l-istruttura ġenerali tiegħu dwar il-miżuri ta' kontroll. Ir-Regolament dwar il-gassijiet F wera li huwa effettiv. Peress li l-proposta tinkludi diversi emendi kif ukoll adattamenti għall-istruttura tar-Regolament dwar il-gassijiet F, ir-Regolament dwar il-gassijiet F għandu jitħassar u għandu jiġi ssostitwit b'Regolament ġdid sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza legali. Kwalunkwe bidla kbira (jiġifieri revoka, jew il-bidla tagħha f'Direttiva) tkun ta' piż bla bżonn fuq l-Istati Membri u toħloq inċertezza addizzjonali għall-impriżi attivi f'dan is-settur.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjoni ex post**

Il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni tar-Regolament dwar il-gassijiet F f'konformità mar-rekwiżiti ta' "Regolamentazzjoni aħjar", u wiegħbet għall-Artikolu 21(2) tar-Regolament dwar il-gassijiet F, li jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika rapport komprensiv dwar l-effetti tiegħu sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2022.

¹⁴ Skont l-Artikolu 2(8)(a) tal-Protokoll, hija possibbli konformità fil-livell tal-UE skont l-ROIE dwar il-produzzjoni, iżda bħalissa ma huwiex il-każ peress li ma kien hemm l-ebda ftehim mill-Istati Membri.

L-evalwazzjoni tikkonkludi li r-Regolament dwar il-gassijiet F kien fil-biċċa l-kbira effettiv għall-ilħuq tal-oġġettivi oriġinali tiegħu kemm li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet F kif ukoll kien strumentali fil-kisba ta' qbil internazzjonali għat-tnaqqis tal-HFCs. Barra minn hekk, instab li l-miżuri individwali jaħdmu tajjeb flimkien sabiex jintlaħqu dawn l-oġġettivi. B'riżultat dirett tal-leġislazzjoni, l-emissjonijiet ta' gassijiet F naqsu sena wara sena mill-2015 'il quddiem, wara għaxar snin ta' ammonti li kienu qegħdin jiżdiedu. Dan l-iffrankar tal-emissjonijiet inkiseb b'kostijiet ta' tnaqqis baxxi ħafna marbutin mat-tibdil teknoloġiku (jiġifieri medja ta' EUR 6 għal kull tunnellata ta' CO₂e), u mingħajr tnaqqis tal-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir ikkonċernat. Ir-Regolament dwar il-gassijiet F issalvagwardja l-ambizzjoni ambjentali għolja billi żamm l-istess obbligi madwar l-UE kollha, filwaqt li żgura wkoll kundizzjonijiet ekwi għall-industrija u għall-impriżi kkonċernati fis-suq intern.

Fl-istess ħin, l-evalwazzjoni tikkonkludi li mill-adozzjoni tar-Regolament, numru ta' żviluppi importanti (b'mod partikolari l-Patt Ekoloġiku Ewropew, u ambjent ta' politika internazzjonali mibdul bil-Ftehim ta' Pariġi u bl-Emenda ta' Kigali) biddlu l-qafas ta' politika rilevanti, li jimplika li r-Regolament tal-UE dwar il-gassijiet F ma huwiex kompletament adattat għall-iskop tiegħu, kemm f'termini tal-isfruttament tal-potenzjal mhux użat għall-kisba ta' tnaqqis addizzjonali tal-emissjonijiet kif ukoll tal-iżgurar ta' konformità futura mal-Protokoll. L-immudellar jindika li t-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet F fl-2030 se jkun aktar baxx milli mistenni fil-valutazzjoni tal-impatt tal-2012¹⁵ li kellha l-oġġettiv li tikkontribwixxi sabiex tintlaħaq il-mira klimatika preċedenti tal-2030 (tal-anqas -40 % meta mqabbla mal-1990). Barra minn hekk, xi setturi għadhom qegħdin jużaw u jarmu gassijiet F b'rata għolja ta' tisħin, meta dan jista' jiġi evitat (eż. fid-dawl tal-progress teknoloġiku) u hemm emissjonijiet minn setturi jew minn sustanzi li bħalissa ma humiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

L-evalwazzjoni tidentifika wkoll sfidi oħrajn, inklużi l-importazzjonijiet illegali ta' HFCs li jevitaw is-sistema ta' kwoti u "kummerċjanti qarrieqa" (multiplikazzjoni ta' importaturi bl-ingrossa spiss mingħajr konnessjoni għas-settur li jidħol fis-suq għal raġunijiet spekulattivi u/jew li jibbenefikaw b'mod sproporzjonat mis-sistema ta' kwoti). Barra minn hekk, l-użu ta' alternattivi li ma jagħmlux ħsara lill-klima qiegħed jiġi mfixxkel minn nuqqas ta' persunal li għandu ħiliet sabiex jinstalla u jmantni t-tagħmir b'alternattivi li ma jagħmlux ħsara lill-klima kif ukoll minn standards ta' sikurezza li ma humiex aġġornati bis-sħiħ skont il-progress teknoloġiku. Kontroll aħjar tal-emissjonijiet jista' jindirizza wkoll sehem mit-tħassib dwar il-konsegwenzi ekotossikoloġiċi possibbli tal-prodotti ta' dekompożizzjoni atmosferika tal-HFC u tal-idro(kloro)fluworoolefini (H(C)FOs). Barra minn hekk, ċerti lakuni fis-sustanzi u fl-attivitajiet koperti minn miżuri ta' monitoraġġ u ta' rapportar jistgħu jiġu evitati. Barra minn hekk, ftit obbligi marbutin mal-obbligi ta' rapportar u ta' verifika jistgħu jsiru aktar effiċjenti. Fl-aħħar nett, ġie perċepit bħala theddida li bħalissa ma hemm l-ebda flessibbiltà sabiex wieħed jirreaġixxi malajr f'każ ta' effetti mhux mixtieqa tas-sistema ta' kwoti bħan-nuqqas sinifikanti ta' provvista ta' HFCs.

B'mod ġenerali, instab li r-Regolament dwar il-gassijiet F kien konsistenti esternament u koerenti ma' interventi oħrajn li għandhom oġġettivi simili, għalkemm hemm oqsma li wasslu għal xi inkorenzi li għandhom jiġu indirizzati. Qasam importanti huwa l-liġi doganali, fejn għandhom jiġu sfruttati s-sinerġiji mas-Sistema ta' Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana u għandhom jiġu ffaċilitati l-kontrolli effiċjenti fuq il-fruntieri sabiex jitwaqqfu l-attivitajiet illegali. Sinerġija importanti oħra hija mar-Regolament REACH fejn qegħdin isiru sforzi mmexxijin mill-Istati Membri sabiex titqies ir-rilevanza tal-prodotti ta' degradazzjoni

¹⁵ SWD(2012) 364 final.

persistenti minn H(C)FOs. Il-konsistenza interna tar-Regolament hija tajba, iżda huma meħtieġa xi kjarifiki u allinjamenti.

Fuq il-bażi ta' dawn is-sejbiet, ġew identifikati l-ħames objettivi tar-rieżami msemmijin fit-taqsimha 1.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati. Il-*konsultazzjoni dwar il-pjan direzzjonali tar-rieżami* mid-29 ta' Ġunju 2020 sas-7 ta' Settembru 2020 u l-*konsultazzjoni pubblika online* mill-15 ta' Settembru 2021 sad-29 ta' Diċembru 2021 ipprovdew opportunità għall-partijiet ikkonċernati kollha sabiex jikkontribwixxu fehmiet dwar ir-Regolament dwar il-gassijiet F, irrispettivament mil-livell ta' familjarità tar-rispondenti mar-Regolament. Dawn l-attivitajiet irċievew 76 u 241 tweġiba, rispettivament. It-tweġibiet individwali u sommarju huma disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-Kummissjoni "Semma' lehnex"¹⁶. Twettqet *konsultazzjoni mmirata*, li involviet 34 intervista semisstrutturata mfasslin għall-awtoritajiet kompetenti tal-gassijiet F, għall-awtoritajiet doganali, għall-NGOs, għall-assoċjazzjonijiet kummerċjali u għall-organizzazzjonijiet tal-UE, kif ukoll diversi kumpaniji individwali. Fis-6 ta' Mejju 2021 sar workshop miftuħ għall-partijiet ikkonċernati li għalih attendew 355 parteċipant, fejn ġew ippreżentati r-riżultati preliminari tal-evalwazzjoni u tal-valutazzjoni tal-impatt. L-aġenda, il-materjal tan-nota ta' informazzjoni u l-preżentazzjoni mogħtija fil-workshop huma disponibbli fuq is-sit web tad-DĠ CLIMA¹⁷.

Dawn il-konsultazzjonijiet ġabru l-fehmiet dwar il-kisbiet tar-Regolament sal-lum fir-rigward tar-rilevanza, tal-effettività, tal-effiċjenza, tal-valur miżjud tal-UE u tal-koerenza interna u esterna tiegħu. Barra minn hekk, inġabar ukoll feedback dwar il-miżuri potenzjali u l-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali probabbli tagħhom, filwaqt li jitqies il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-miri aktar ambizzjużi tiegħu u l-obbligi dwar l-idrofluworokarburi skont il-Protokoll.

Il-partijiet ikkonċernati ġeneralment qablu li r-Regolament dwar il-gassijiet F kien ta' suċċess kbir iżda li jista' u għandu jittejjeb. Barra minn hekk, ġie nnotat b'mod ċar li l-objettivi tar-Regolament ma setgħux jintlaħqu aħjar b'azzjoni fil-livell tal-Istati Membri (pjuttost milli fil-livell tal-UE).

Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati, u b'mod partikolari l-awtoritajiet kompetenti, iddikjaraw li r-Regolament jeħtieġ li jiġi allinjat mal-Protokoll wara l-2030 sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-konformità fil-futur. Filwaqt li xi partijiet ikkonċernati tal-industrija u tan-negozju li jaħdmu spiss b'gassijiet F fis-settur tar-refriġerazzjoni, tal-arja kundizzjonata u tal-pompi tas-sħana ma ridux iżidu l-livell ta' ambizzjoni tar-Regolament attwali dwar il-gassijiet F, filwaqt li l-manifatturi ta' tagħmir li juża refriġeranti alternattivi u l-NGOs appoġġaw bil-qawwa ambizzjoni oġġla. Matul l-attivitajiet kollha ta' konsultazzjoni, il-partijiet ikkonċernati industrijali wrew appoġġ qawwi għal diversi miżuri mmirati lejn l-indirizzar tal-kummerċ illegali u l-isfidi għas-sistema ta' kwoti, li jirrifletti li jqisu li dawn huma kwistjoni importanti għat-titjib tar-Regolament (filwaqt li miżuri differenti rċievew livelli differenti ta' appoġġ). Dawn il-partijiet ikkonċernati wrew ukoll livell għoli ta' appoġġ għal taħriġ u għal ċertifikazzjoni addizzjonali tat-tekniki dwar alternattivi għall-gassijiet F, filwaqt li enfasizzaw li dan huwa ostaklu importanti għall-adozzjoni ta' alternattivi.

¹⁶ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12479-Review-of-EU-rules-on-fluorinated-greenhouse-gases/public-consultation_mt

¹⁷ https://ec.europa.eu/clima/eu-action/fluorinated-greenhouse-gases/eu-legislation-control-f-gases_mt#ecl-inpage-1474

- **Għbir u użu tal-għarfien esperti**

Il-Kummissjoni għabret pariri tekniċi estensivi minn numru ta' studji esperti, inklużi rapporti tal-Kummissjoni¹⁸ dwar il-kundizzjonament tal-arja, il-kommutatur, id-disponibbiltà tal-HFCs, ir-refriġerazzjoni kummerċjali, l-allokazzjoni tal-kwoti, l-istandards tas-sikurezza u t-taħriġ għall-persunal tas-servizzi ta' manutenzjoni. Barra minn hekk, twettaq studju preparatorju komprensiv għar-rieżami tar-Regolament minn konsulenti esterni, li kien jinkludi mudell dettaljat tal-istokk minn isfel għal fuq tas-setturi li jużaw il-gassijiet F (mudell AnaFgas) sabiex jiġu kkalkolati x-xenarji tad-domanda u tal-emissjonijiet għall-gassijiet F, għax-xenarju ta' referenza u għall-għażliet ta' politika, kif ukoll l-użu tal-enerġija tat-tagħmir rilevanti, għall-EU27+ir-Renju Unit fil-perjodu mill-2000 sal-2050. Modulu tal-kostijiet meħmuż jippermetti l-kwantifikazzjoni tal-kostijiet relatati għall-operaturi ta' tagħmir li jiddependi fuq gassijiet F jew fuq alternattivi tagħhom. L-effetti makroekonomiċi ġew immudellati bl-użu tal-mudell GEM-E3 taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka¹⁹. Dan l-istudju ta' thejjiġja u l-annessi tiegħu (Öko-Recherche et al., 2021) bid-*data*, bis-suppożizzjonijiet u bir-riżultati dettaljati sottostanti huma ppubblikati fuq is-sit web tad-DĠ CLIMA. Is-settur tal-industrija, l-awtoritajiet tal-Istati Membri u s-soċjetà ċivili pprovdew kontribut u appoġġ tekniku estensivi għall-istudju.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt li analizzat tliet għażliet ta' politika f'termini tal-effettività tagħhom fil-kisba tal-oġġettivi mfittxjin kif ukoll l-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tagħhom. Għal kull oġġettiv ta' rieżami, ġew identifikati serje ta' miżuri. Il-miżuri, li huma komplementari u mhux esklużivi b'mod reċiproku, ġew raggruppati fi tliet għażliet ta' politika fuq il-bażi tal-kostijiet (tat-tnaqqis) mistennjin tagħhom:

It-tliet għażliet kollha jinkludu t-titjib li jfittex li jiċċara r-regoli jew li jagħmilhom aktar koerenti. It-tliet għażliet huma kif ġejjin:

- **Għażla 1: L-allinjament mal-Protokoll - miżuri b'kost baxx.** Tinkludi l-miżuri kollha sabiex tiġi żgurata l-konformità fit-tul mal-Protokoll. Din l-għażla tinkludi wkoll kwalunkwe miżura ta' benefiċċju fuq l-oġġettivi kollha li kienu mistennjin jirriżultaw f'kostijiet u fi sforz baxxi ħafna, jekk ikun hemm.
- **Għażla 2: Tnaqqis proporzjonat tal-emissjonijiet u titjib fl-implimentazzjoni.** Minbarra l-Għażla 1, tinkludi miżuri li jiksibu tnaqqis fl-emissjonijiet u titjib fl-implimentazzjoni b'kostijiet u bi sforz moderati, sal-punt li fih sottosettur ma jkollux għalfejn iħallas aktar mill-kostijiet ta' tnaqqis settorjali marġinali mistennjin għall-ekonomija b'mod ġenerali sabiex tintlaħaq in-newtralità karbonika fl-2050. Għalhekk, il-livelli tal-kwoti tal-HFCs huma aktar restrittivi milli fl-Għażla 1 u l-projbizzjonijiet addizzjonali fuq il-gassijiet F b'limiti tal-GWP u b'dati speċifiċi jikkomplementaw it-tnaqqis gradwali. L-għażla tinkludi wkoll aktar miżuri sabiex jittejjbu l-infurzar u l-monitoraġġ, dment li ma jimplikawx kostijiet għoljin.
- **Għażla 3: Titjib massimu fil-fattibbiltà u fl-implimentazzjoni.** L-Għażla 3 hija għażla b'kost għoli. Minbarra l-miżuri preċedenti kollha fl-Għażliet 1 u 2, l-Għażla 3 tinkludi dawk li jfittxu li jiksibu t-tnaqqis massimu tal-emissjonijiet ta' GHG fuq il-bażi tal-fattibbiltà teknika tal-lum filwaqt li jitqiesu l-aspetti tal-effiċjenza enerġetika u tas-sikurezza, iżda irrISPettivament minn xi jkun il-kost. Din l-għażla għandha l-

¹⁸ C(2020)6637 final, C(2020) 6635 final, C(2020)8842 final, C(2017)5230 final, COM(2017) 377 final, COM/2016/0749 final, COM/2016/0748 final.

¹⁹ https://joint-research-centre.ec.europa.eu/gem-e3/gem-e3-model_mt

aktar sistema ta' kwoti impenjattiva. Il-miżuri kollha sabiex jitlejbu l-infurzar u l-monitoraġġ li tqiesu fattibbli huma inklużi wkoll f'din l-għażla.

Filwaqt li l-għażliet kollha jissalvagwardjaw il-konformità sħiħa mal-Protokoll, il-valutazzjoni dettaljata tal-impatt turi b'mod ċar li l-Għażla 2 tirriżulta fl-aktar bilanċ xieraq bejn il-kostijiet u l-benefiċċji, filwaqt li tikseb ammont sostanzjali ħafna ta' emissjonijiet addizzjonali għar-Regolament kurrenti (jiġifieri x-xenarju ta' referenza) bi prezz modest u tevita tbatija bla bżonn għal kwalunkwe settur affettwat. Fil-kuntest tal-2030, ir-Regolament propost huwa stmat li jirriżulta fi ffrankar addizzjonali ta' 40 MtCO₂e b'mod kumulattiv. Huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li dan l-iffrankar ikun addizzjonali għall-430 MtCO₂e li huwa stmat li jirriżulta mir-Regolament kurrenti. Sal-2050, l-iffrankar addizzjonali tal-Għażla 2 ikun ta' madwar 310 MtCO₂e. Dan ifisser li l-emissjonijiet annwali residwi ta' gassijiet F fl-2050 huma stmati li jkunu ta' 14-il MtCO₂e biss. Għalhekk, l-Għażla 2 titqies kompatibbli mal-ilħuq tan-newtralità klimatika netta sal-2050, u tnaqqas il-ħtieġa għal politiki dwar it-tneħħija tal-karbonju sabiex jikkumpensaw għall-emissjonijiet li ma jistgħux jiġu evitati fl-2050 sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika netta.

L-aġġustament teknoloġiku neċessarju jwassal għal iffrankar globali tal-kostijiet u f'ħafna subsetturi, minħabba kostijiet tal-enerġija aktar baxxi għall-utenti. Madankollu, hemm xi kostijiet għall-utenti finali li ma jaqilbux għall-alternattivi bħala riżultat ta' prezzijiet oġġla tal-HFCs taħt sistema msaħħa ta' kwoti. Minkejja dan, fit-tul, xi setturi tal-ekonomija se jibbenefikaw mill-konverżjoni tat-teknoloġija, li twassal għal output, għal innovazzjoni u għal rata ta' impjiegi oġġla. Għalhekk, l-Għażla 2 hija l-aktar koerenti mal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, kif ukoll mal-prinċipju "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti". Kif ikkonfermat mill-partijiet ikkonċernati, it-tipi ta' miżuri fl-Għażla 2 għandhom valur miżjud tal-UE. Konsegwentement, il-livell ta' benefiċċji miksub ma setax jinkiseb b'mod kosteffiċjenti għall-industrija u għall-Istati Membri billi jiġu introdotti 27 politika addizzjonali differenti dwar il-gassijiet F fl-Istati Membri. Jirriżulta li l-Għażla 1 ma tikseb l-ebda ffrankar kumulattiv addizzjonali tal-emissjonijiet meta mqabbla mar-Regolament kurrenti u meta jitqies il-potenzjal ta' ffrankar muri fl-Għażliet 2 u 3, l-Għażla 1 sempliċiment tkun anqas adegwata fid-dawl tal-miri klimatiċi ambizzjużi tal-UE. Min-naħa l-oħra, l-Għażla 3 tikseb iffrankar tal-emissjonijiet marġinalment oġġla meta mqabbla mal-Għażla 2 iżda dak l-iffrankar addizzjonali jgħib miegħu kostijiet għoljin ħafna għal xi setturi (kostijiet ta' tnaqqis settorjali marġinali sal-2050 sa EUR 2,111/t CO₂e għall-Għażla 3, meta mqabblin mal-massimu ta' EUR 336/tCO₂e fl-Għażla 2; il-kostijiet tal-aġġustament teknoloġiku għas-setturi kollha ta' EUR 113-il miljun fis-sena għall-Għażla 3 meta mqabblin ma' EUR 12-il miljun fis-sena għall-Għażla 2) u huwa preferibbli li jinstabu modi oħrajn li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

L-Għażla 2 tiżgura wkoll kontroll aħjar b'żieda moderata fil-piż amministrattiv għall-industrija u għall-awtoritajiet (Il-kostijiet netti totali għall-industrija ġew stmati għal EUR 7,6 miljun f'kostijiet annwali rikorrenti, minbarra EUR 3 miljun f'kostijiet ta' darba). Dan it-tibdil għandu jippermetti infurzar effettiv, li jindirizza l-isfidi eżistenti identifikati, b'mod partikolari dawk marbutin mal-kummerċ illegali. Barra minn hekk, ir-regoli ta' monitoraġġ isiru aktar simplifikati u komprensivi billi jkopru aspetti ġodda li saru rilevanti. Ir-riżultati dettaljati tal-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali huma ppreżentati fil-valutazzjoni tal-impatt.

Jinkisbu numru ta' simplifikazzjonijiet fil-qasam tal-monitoraġġ. Dawn jinkludu ffrankar mit-tibdil fil-proċess ta' dikjarazzjoni tal-kwoti (EUR 1,2 miljun fi spejjeż iffrankati kull sena), l-allinjament tal-limiti tar-rapportar u tal-awtorizzazzjoni għall-importaturi tat-tagħmir (EUR 0,09 miljun fis-sena), it-tnaqqis tal-limitu ta' verifika għall-importaturi tat-tagħmir (EUR 1,7 miljun fis-sena) u d-diġitalizzazzjoni tal-proċess ta' verifika (EUR 1,5 miljun fis-sena).

Fil-25 ta' Frar 2022, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ħareġ opinjoni pożittiva b'riżervi dwar il-valutazzjoni tal-impatt. Ir-rakkomandazzjonijiet finali sabiex jiġu spjegati aħjar ir-rabtiet mar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi, il-ħtieġa li tiżdied l-ambizzjoni, deskrizzjoni aktar dettaljata tal-metodoloġija u l-ispejgazzjoni tal-parametri ta' suċċess ġew indirizzati f'test rivedut tal-valutazzjoni tal-impatt. Il-kummenti dettaljati kollha tal-Bord u kif ġew indirizzati huma pprovduti fil-valutazzjoni tal-impatt. Din il-valutazzjoni tal-impatt sħiħa u verżjoni fil-qosor huma disponibbli fuq is-sit web tad-DĠ CLIMA.

- **Drittijiet fundamentali**

Ir-regoli proposti ta' din l-inizjattiva jiżguraw ir-rispett sħiħ tad-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta tinkludi prezz tal-kwota fiss għal parti kbira mill-kwota tal-HFCs li kull sena tiġi allokata lill-importaturi u lill-produtturi. Id-dħul annwali massimu huwa muri fit-tabella ta' hawn taħt.

	EUR miljun/sena
2025 - 2026	125
2027 - 2029	53
2030 - 2032	27
2033 - 2035	25
2036 - 2038	20

Madankollu, l-iżvilupp ulterjuri, it-tħaddim, il-manutenzjoni u s-sigurtà tal-IT tas-sistema ta' kwoti tal-HFCs u tas-sistema tal-liċenzjar tal-gassijiet F u tal-ODS meħtieġa skont il-Protokoll ta' Montreal kif ukoll il-ħoloq neċessarji mal-Ambjent għad-Dwana tat-Tieqa Unika tal-UE u l-faċilitazzjoni ta' infurzar aħjar se jeħtieġu riżorsi addizzjonali. Għalhekk, huwa propost li d-dħul mill-bejgħ tal-kwoti jintuża sabiex ikopri l-kostijiet relatati ma' daww l-attivitajiet u li d-dħul mill-bejgħ tal-kwoti li jifdal imur għall-baġit tal-UE bħala dħul ġenerali.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni futuri tar-Regolament jistgħu jiddependu fuq id-*data* tar-rapportar annwali tal-kumpaniji skont ir-Regolament li kull sena tinġabar u tiġi aggregata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.²⁰ L-aġenzija tħejji rapport dwar l-attivitajiet relatati mal-gassijiet F għar-rappreżentanti tal-Istati Membri u għall-Kummissjoni (DĠ CLIMA), li jinkludi fost l-oħrajn *data* dwar l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet, il-produzzjoni, il-qerda, u r-reklamazzjoni rilevanti għall-gassijiet F bl-ingrossa u għat-tagħmir li jkun fih tali gassijiet. Barra minn hekk, sabiex tikkonforma mal-Protokoll, il-Kummissjoni qed tuża d-*data* sabiex tirrapporta kull sena dwar il-produzzjoni, il-materja prima, il-qerda, l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-HFCs lis-Segretarjat tal-Ożonu tal-Protokoll f'isem l-UE. Barra minn hekk, l-EEA tippubblika u taġġorna regolarment verżjoni pubblika tar-rapport fil-forma ta' indikatur tal-gassijiet F ibbażat fuq il-web. Il-miżuri proposti dwar ir-rapportar u l-monitoraġġ ikomplu jtejbu din il-bażi tad-*data* fil-futur.

²⁰ <https://www.eea.europa.eu/publications/fluorinated-greenhouse-gases-2020>

It-tibdil fl-ambitu tar-rapportar (sustanzi ġodda; ir-riċevituri tal-kwota eżentata; il-faċilitajiet ta' reklamazzjoni) se jagħtu l-istampa sħiħa dwar il-gassijiet u l-użi rilevanti. Il-bażijiet ta' *data* dwar ir-rapportar tal-emissjonijiet se jtejbū l-għarfien dwar l-emissjonijiet u, b'hekk, l-impatt tas-settur tal-gassijiet F kif ukoll kwalità aħjar tad-*data* rrapportata għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC). Is-simplifikazzjoni tar-regoli dwar ir-rapportar u l-verifika għandha tgħin ukoll sabiex tinkiseb kwalità tad-*data* aħjar b'mod aktar effiċjenti.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja mill-qrib il-prezzijiet, it-tħaddim tas-sistema ta' kwoti u żviluppi oħrajn tas-suq tas-settur fuq il-bażi ta' kuntratti ma' esperti esterni. L-Istati Membri jaġġornaw b'mod regolari dwar l-attivitajiet rilevanti mwettqin bħal (i) il-għbir u l-użu ta' *data* sabiex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet, (ii) skemi ta' responsabbiltà tal-produtturi, (iii) l-infurzar u miżuri oħrajn meħudin dwar attivitajiet illegali inklużi penali għall-Kumitat ta' Implimentazzjoni stabbilit fir-Regolament.

Finalment, il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni tal-miżuri proposti. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tikkooopera mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali eż. l-esperti nazzjonali dwar sustanzi li jnaqqsu l-ożonu, l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Il-kumitat imsemmi fil-proposta se jassisti lill-Kummissjoni fil-ħidma tagħha u se jiddiskuti mistoqsijiet dwar l-infurzar armonizzat tar-regoli proposti fejn xieraq. L-iżvilupp tal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea se jiġi mmonitorjat ukoll, u hekk ukoll kwalunkwe deċiżjoni mill-Kumitat ta' Implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Montreal dwar il-konformità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha.

Prestazzjoni tajba tar-Regolament tkun tfixxer li:

- L-emissjonijiet ta' gassijiet F għandhom jonqsu kif previst mill-immudellar imwettaq skont il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja, jiġifieri fl-2030 l-emissjonijiet annwali għandhom ikunu ta' 37 MtCO₂e.
- Ma għandu jkun hemm l-ebda problema ta' konformità mal-Protokoll ta' Montreal rigward l-obbligi fuq l-HFCs.
- L-implimentazzjoni mingħajr xkiel tas-sistema ta' kwoti u t-tnaqqis tal-kummerċ illegali sabiex tiġi evitata ħsara f'termini ambjentali, ekonomiċi jew reputazzjonali.
- Il-monitoraġġ u r-rapportar jappoġġaw l-evalwazzjoni tal-politika u l-verifika tal-konformità b'mod aktar effettiv iżda effiċjenti wkoll.

L-impatti tar-Regolament għandhom jiġu evalwati regolarment; l-ewwel evalwazzjoni, fuq il-bażi ta' din id-*data*, għandha tiġi ppubblikata sal-2033. F'dan il-kuntest, ikun meħtieġ studju ta' esperti sabiex jiġi stmat il-progress li sar fuq il-banek tal-fowm. L-evalwazzjoni għandha teżamina wkoll l-iżviluppi fil-kostijiet amministrattivi.

• **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta.**

Il-miżuri stabbiliti skont ir-Regolament dwar il-gassijiet F sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra ma humiex f'riskju fil-proposta kurrenti. Il-proposta tiżgura prinċipalment li r-Regolament propost ikun allinjat mal-oġettivi klimatiċi ambizzjużi tal-UE u li se tiġi garantita l-konformità fit-tul mal-obbligi internazzjonali. Ir-regoli eżistenti huma ċċarati u msaħħin sabiex jiżguraw infurzar aħjar.

Kapitolu I

Il-proposta tistabbilixxi s-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament u tinkludi d-definizzjonijiet neċessarji.

Kapitolu II

Il-proposta tinkludi regoli dwar il-konteniment (il-prevenzjoni tal-emissjonijiet, il-kontrolli tat-tnixxijiet, is-sistema ta' detezzjoni tat-tnixxijiet u r-regoli dwar l-irkupru). Il-prevenzjoni tal-emissjonijiet tkopri l-gassijiet F elenkati fl-Annessi I u II, u hija imposta fuq l-atturi rilevanti kollha matul il-produzzjoni, il-ħżin, it-trasport, il-manifattura u t-tħaddim tal-gassijiet F u tat-tagħmir li jkun fih dawn il-gassijiet. Il-kontrolli tat-tnixxijiet u ż-żamma tar-rekords ikopru wkoll il-gassijiet elenkati fl-Anness II tat-Taqsima I. L-obbligi ta' rkupru tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra huma estiżi sabiex ikopru wkoll il-fowms f'pannelli sandwich u f'bordijiet laminati meta jitneħħew mill-bini. Il-proposta tistabbilixxi wkoll obbligi ta' taħriġ u ta' ċertifikazzjoni li jinkludu wkoll kompiti fir-rigward ta' tagħmir li fih gassijiet użati bħala sostituti għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra (gassijiet alternattivi) sabiex jiġu promossi l-użu u l-immaniġġjar sikuri tagħhom. Il-programmi ta' taħriġ u ta' ċertifikazzjoni għandhom ikopru wkoll aspetti tal-effiċjenza enerġetika.

Kapitolu III

Il-proposta tinkludi restrizzjonijiet u projbizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq ta' gassijiet F u fuq il-prodotti u fuq it-tagħmir ikkonċernati. Tiċċara li l-prodotti u t-tagħmir imqegħdin illegalment fis-suq ma jistgħux jintużaw jew jiġu forniti aktar. Għal prodotti u għal tagħmir imqegħdin fis-suq legalment, il-provvista ulterjuri tagħhom minn sentejn wara l-iskadenza tal-projbizzjoni tkun permessa biss jekk tiġi pprovduta evidenza tat-tqegħid legali (inizjali) tagħhom fis-suq. Kontenituri li ma jistgħux jerġgħu jintlewi għandhom ikunu pprojbiti milli jidħlu fit-territorju doganali u milli jintużaw jew jiġu forniti b'mod ulterjuri.

Il-proposta tinkludi wkoll rekwiżiti ta' tikkettar għat-tqegħid fis-suq ta' gassijiet F f'kontenituri u f'ċertu tagħmir. Dawn ir-rekwiżiti jinkludu l-idrofluworokarburi li huma eżentati mir-rekwiżiti tal-kwoti sabiex jippermettu l-infurzar ta' dawk l-eżenzjonijiet. Il-proposta tipprojbixxi wkoll użi speċifiċi ta' ċerti gassijiet F.

Kapitolu IV

Il-proposta tistabbilixxi skeda għat-tnaqqis tal-produzzjoni għall-HFCs, skont ir-regoli vinkolanti tal-Protokoll ta' Montreal. Produzzjonijiet li jżommu l-produzzjoni illum se jirċievu drittijiet fuq il-bażi tax-xenarju ta' referenza storiku tal-2011 sal-2013, filwaqt li l-Kummissjoni tista', fuq talba ta' Stat Membru u fi ħdan il-limiti tal-produzzjoni ta' dak l-Istat stabbiliti mill-Protokoll, talloka drittijiet addizzjonali lil parteċipanti ġodda. Dan tal-aħħar ma jeżentax l-HFCs esportati għewwa prodotti u tagħmir.

Il-proposta tistabbilixxi wkoll skeda ta' tnaqqis għat-tqegħid fis-suq tal-HFCs billi tistabbilixxi limiti kwantitattivi (kwoti) individwali għall-produtturi u għall-importaturi. L-importaturi u l-produtturi jeħtiġilhom jiżguraw li jkollhom kwota suffiċjenti sabiex ikopru l-kwantitajiet ta' HFCs imqegħdin fis-suq, fil-mument li jseħħ it-tqegħid fis-suq (jiġifieri għall-importaturi fil-ħin tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera). L-HFCs għal ċerti użi huma eżentati mir-rekwiżiti tal-kwoti. Madankollu, l-eżenzjoni mit-tnaqqis gradwali ta' inalaturi b'doża mkejla (MDIs) għall-użu farmaċewtiku titneħħa sabiex tiġi allinjata mal-iskeda ta' tnaqqis gradwali tal-konsum tal-Protokoll ta' Montreal, fejn dawn il-prodotti tal-aħħar ma humiex eżentati. L-użu tal-HFCs bħala propellanti għall-MDIs huwa kompletament emissiv, jiġifieri l-kwantità sħiħa tal-HFCs mimlija f'dawn il-prodotti eventwalment tispiċċa fl-atmosfera, u kiber b'45 % bejn l-2015 u l-2019. Minkejja li hemm żewġ alternattivi xierqa disponibbli li ma jagħmlux ħsara lill-klima li ma jkun jeħtieġu adattament għall-użu tal-MDIs mill-pazjenti u li l-proċess ta' approvazzjoni mill-awtorità medika (EMA) tagħhom għaddej bħalissa, l-industrija tistenna adożzjoni bil-mod mis-suq fin-nuqqas ta' sinjal ta' politika. Bl-inklużjoni

tal-MDIs taħt is-sistema ta' kwoti, jista' jiġi ffrankat ammont sinifikanti ta' emissjonijiet sal-2050, bi ftit li xejn kostijiet għall-manifatturi u għall-pazjenti.²¹

Il-kwoti jiġu allokat i kull sena lil parteċipanti ġodda esklussivament fuq il-bażi ta' dikjarazzjoni u lil importaturi u lil produtturi storiċi (eżistenti) fuq il-bażi tal-valuri referenzjarji tagħhom (u fuq il-bażi ta' dikjarazzjoni jekk issir). Ċerti kundizzjonijiet japplikaw għall-allokazzjoni tal-kwoti lill-importaturi u lill-produtturi kollha, inkluż il-ħlas ta' ammont ta' allokazzjoni. L-importaturi u l-produtturi li jikkondividu l-istess sid(ien) benefiċjarju/i għandhom jitqiesu bħala impriża waħda għall-fini tad-determinazzjoni tal-valuri referenzjarji u tal-allokazzjoni tal-kwoti. L-HFCs imposti f'ċertu tagħmir għandhom jitqiesu wkoll fis-sistema ta' kwoti.

L-importaturi u l-produtturi li għandhom valur referenzjarju jistgħu jittrasferixxu l-kwota allokata kollha tagħhom jew parti minnha lil impriża oħra bil-għan li jqiegħdu l-HFCs fis-suq bl-ingrossa u jistgħu jawtorizzaw ukoll l-użu tal-kwota kollha tagħhom jew ta' parti minnha għal impriża oħra għall-fini ta' tqegħid fis-suq tat-tagħmir iċċarġjat bl-HFCs.

Il-proposta tipprevedi wkoll it-tħaddim tal-Portal tal-gassijiet F għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' allokazzjoni tal-kwoti, tal-obbligi ta' liċenzjar u ta' rapportar u tal-interkonnessjoni tiegħu mat-Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana. L-importaturi u l-produtturi reġistrati għandhom aċċess għall-allokazzjonijiet tal-kwoti individwali tagħhom, għall-penali, għall-kwantitajiet imqiegħdin fis-suq kif irrapportati, kif ukoll għat-trasferimenti u għall-awtorizzazzjonijiet għall-użu tal-kwoti reġistrati minn dawn l-impriżi. L-iżbalji klerikali allegati fir-reġistrazzjoni tal-informazzjoni mill-impriżi u fid-data rapportata tagħhom iridu jiġu ssostanzjati b'evidenza u jridu jiġu ppreżentati fil-ħin lill-Kummissjoni.

Kapitolu V

Il-proposta timponi bħala kundizzjoni għall-kummerċ, liċenzja valida li trid tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali f'każijiet ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni.

Il-proposta tiċċara wkoll ir-rwol tal-awtoritajiet doganali u tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fl-infurzar tal-kontrolli fuq il-kummerċ previsti fiha. L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'każijiet ta' importazzjonijiet u ta' esportazzjonijiet hija elenkata kif ukoll x'għandhom jivverifikaw l-awtoritajiet doganali b'mod partikolari matul il-kontrolli doganali mwettqin fuq bażi ta' riskju. Il-kontenituri li ma jistgħux jergħu jimtlew għandhom jiġu kkonfiskati jew issekwestrati jew jinħarġu mis-suq. Għal oġġetti oħrajn, l-awtoritajiet doganali u tas-sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha, inklużi l-konfiska jew il-qbid fejn meħtieġ, sabiex daww l-oġġetti projbiti ma jergħux jidħlu fis-suq minn uffiċċju doganali ieħor tal-UE. L-esportazzjoni mill-ġdid ta' gassijiet jew ta' prodotti illegali koperti skont ir-Regolament għandha tkun ipprojbita. Il-postijiet u l-uffiċċji doganali ddeżinjati jew approvati biss għandhom jitħallew jittrattaw każijiet ta' importazzjonijiet u ta' esportazzjonijiet ta' gassijiet F; dawn l-uffiċċji u l-postijiet iddeżinjati biss għandhom jitħallew jifflu jew jagħlqu proċedura ta' tranżitu.

Fl-aħħar nett, il-proposta timponi projbizzjoni fuq il-kummerċ tal-HFCs ma' daww li ma humiex Partijiet għall-Protokoll, f'konformità mal-obbligi stabbiliti fil-Protokoll mill-2028.

Kapitolu VI

Il-proposta tistabbilixxi obbligi ta' rapportar b'mod partikolari għall-produtturi, għall-importaturi tal-gassijiet bl-ingrossa kif ukoll iċċarġjati fi prodotti u f'tagħmir, fuq l-esportaturi, fuq l-utenti tal-materja prima, fuq il-faċilitajiet ta' qerda u ta' reklamazzjoni u fuq l-impriżi li rċievu idrofluworokarburi li jaqgħu taħt l-eżenzjonijiet mir-regoli dwar il-kwoti.

²¹ Sib aktar informazzjoni dwar l-MDIs fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja.

Ir-rapportar isir b'mod elettroniku permezz tal-Portal tal-gassijiet F. Il-verifika, soġġetta għal limiti kwantitattivi, tad-*data* rapportata għandha ssir ukoll permezz tal-Portal tal-gassijiet F.

Il-proposta tirrikjedi li l-Istati Membri jiġbru d-*data* dwar l-emissjonijiet b'mod elettroniku, fejn possibbli.

Kapitolu VII

Il-proposta tispjefika l-każijiet fejn huwa meħtieġ l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru, kif ukoll fost l-Istati Membri u mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi.

Il-proposta tistabbilixxi wkoll l-obbligu għall-awtoritajiet kompetenti li jivverifikaw il-konformità tal-impriżi mar-Regolament fuq bażi ta' riskju u fejn tkun disponibbli evidenza konkreta.

Il-proposta tiżgura wkoll li r-rapporti mill-informaturi fir-rigward tal-ksur tar-Regolament jibbenefikaw mil-livell ta' protezzjoni previst skont id-Direttiva (UE) 2019/1937.

Kapitolu VIII

Fl-aħħar nett, il-proposta tistabbilixxi li l-livell u t-tip ta' penali amministrattivi għall-ksur tar-Regolament iridu jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati u għandhom iqisu wkoll il-kriterji rilevanti (bħan-natura u l-gravità tal-ksur). B'mod partikolari, tipproponi li tiġi imposta multa amministrattiva f'każijiet ta' produzzjoni, ta' użu jew ta' kummerċ illegali tal-gassijiet jew tal-prodotti u tat-tagħmir koperti minn dan ir-Regolament. Id-dispożizzjonijiet proposti huma allinjati, u jikkumplimentaw il-Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz ta' pjeni kriminali adottata fil-15 ta' Diċembru 2021²².

Il-proposta tistabbilixxi wkoll forum ta' konsultazzjoni rappreżentat mill-Istati Membri u mir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet ambjentali, ir-rappreżentanti tal-manifatturi, l-operaturi u l-persuni ċċertifikati li jagħtu pariri u jipprovdu għarfien espert lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

²²

COM(2021) 851 final.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 517/2014

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²³,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²⁴,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew nieda strateġija ġdida għat-tkabbir għall-Unjoni bl-għan li jitransforma lill-Unjoni f'soċjetà ġusta u għanja b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva. Huwa jtenni l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li żżid il-miri klimatiċi tagħha u tagħmel lill-Ewropa l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050 u għandu l-għan li jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u minn impatti relatati mal-ambjent. Barra minn hekk, l-UE ħadet impenn favur l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha.
- (2) Il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra huma sustanzi kimiċi magħmulin mill-bniedem li huma gassijiet serra ("GHG") b'saħħithom ħafna, spiss diversi eluf ta' drabi aktar b'saħħithom mid-diossidu tal-karbonju ("CO₂"). Flimkien mas-CO₂, il-metan u l-ossidu nitruż, huma jappartjenu għall-grupp ta' emissjonijiet ta' GHG koperti mill-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ("il-Ftehim ta' Pariġi").²⁵ L-emissjonijiet tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra llum jammontaw għal 2,5 % mill-emissjonijiet totali ta' GHG, fl-Unjoni, iżda rduppjaw mill-1990 sal-2014, b'kuntrast ma' emissjonijiet oħrajn ta' gassijiet serra, li naqsu.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶ ġie adottat sabiex ireġġa' lura ż-żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fluworurati. Kif konkluż minn evalwazzjoni mħejjija mill-Kummissjoni, ir-Regolament (UE) Nru 517/2014

²³ ĠU C , , p. .

²⁴ ĠU C , , p. .

²⁵ ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

²⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195).

wassal għal tnaqqis sena wara sena fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fluworurati. Mill-2015 sal-2019, il-provvista tal-idrofluworokarburi (“HFCs”) naqset b’37 % f’tunnellati metriċi u b’47 % f’termini ta’ tunnelli ekwivalenti ta’ CO₂. Kien hemm ukoll bidla ċara fl-użu ta’ alternattivi b’potenzjal aktar baxx ta’ tisħin globali (“GWP”) inklużi alternattivi naturali (pereżempju CO₂, ammonijaka, idrokarburi, ilma) f’ħafna tipi ta’ tagħmir li tradizzjonalment kien juża gassijiet fluworurati b’effett ta’ serra.

- (4) Ir-Rapport speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta’ Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC)²⁷ ikkonkluda li se jkun meħtieġ tnaqqis fl-emissjonijiet ta’ gassijiet fluworurati b’effett ta’ serra sa 90 % sal-2050 globalment meta mqabbel mas-sena 2015. Bħala rispons għall-urġenza għall-azzjoni klimatika, l-Unjoni żiedet l-ambizzjoni klimatika tagħha permezz tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima).²⁸ Dak ir-Regolament jistabbilixxi mira vinkolanti netta għat-tnaqqis tal-GHG ta’ mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990 u n-newtralità klimatika sal-2050. L-Unjoni tejbet ukoll il-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali inizjali tagħha skont il-Ftehim ta’ Pariġi minn tnaqqis ta’ mill-inqas 40 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030, għal tal-anqas 55 %. Madankollu, l-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 turi li l-iffirankar tal-emissjonijiet previst sal-2030 fil-kuntest tal-oġġettivi klimatiċi skaduti tal-Unjoni ma huwiex se jintlaħaq bis-sħiħ.
- (5) Minħabba ż-żieda globali fl-emissjonijiet tal-HFCs, il-Partijiet għall-Protokoll ta’ Montreal tal-1987 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (“il-Protokoll”) iddeċidew fl-2016 skont l-Emenda ta’ Kigali²⁹ li jimplimentaw tnaqqis gradwali tal-HFCs, jiġifieri li jnaqqsu l-produzzjoni u l-konsum tal-HFCs b’aktar minn 80 % matul it-30 sena li ġejjin. Dan jimplika li kull Parti jeħtieġha tikkonforma ma’ skeda għat-tnaqqis tal-konsum u tal-produzzjoni tal-HFCs kif ukoll tipprovdi għal sistema ta’ liċenzjar għall-importazzjonijiet u għall-esportazzjonijiet u għar-rapportar dwar l-HFCs. Huwa stmat li l-Emenda ta’ Kigali waħedha se tiffiranka sa 0,4 °C ta’ tisħin addizzjonali sal-aħħar tas-seklu.
- (6) Huwa importanti li dan ir-Regolament jiżgura li l-Unjoni tikkonforma mal-obbligi internazzjonali tagħha skont l-Emenda ta’ Kigali għall-Protokoll fit-tul, b’mod partikolari, fir-rigward tat-tnaqqis fil-konsum u fil-produzzjoni tal-HFCs, tal-obbligi ta’ rapportar u ta’ liċenzjar, b’mod partikolari bl-introduzzjoni ta’ tnaqqis gradwali għall-produzzjoni u biż-żieda tal-istadji ta’ tnaqqis għat-tqegħid tal-HFCs fis-suq għaż-żmien ta’ wara l-2030.
- (7) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-obbligi ta’ rapportar skont il-Protokoll, jenħtieġ li l-potenzjali ta’ tisħin globali tal-HFCs jiġu kkalkolati f’termini tal-potenzjal ta’ tisħin globali ta’ 100 sena ta’ kilogramma ta’ gass meta mqabbla ma’ kilogramma ta’ CO₂ fuq il-bażi tar-Raba’ Rapport ta’ Valutazzjoni adottat mill-IPCC. Għal sustanzi oħrajn, jenħtieġ li jintuża l-aktar Rapport ta’ Valutazzjoni riċenti tal-IPCC. Fejn ikun disponibbli, jenħtieġ li jiġi pprovdut il-potenzjal ta’ tisħin globali ta’ 20 sena sabiex jinforma aħjar dwar l-impatti klimatiċi tas-sustanzi koperti minn dan ir-Regolament.

²⁷ Ir-Rapport Speċjali tal-IPCC. Global warming of 1.5 C (Awwissu 2021).

²⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

²⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1541 tas-17 ta’ Lulju 2017 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Emenda ta’ Kigali għall-Protokoll ta’ Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, (ĠU L 236, 14.9.2017, p. 1).

- (8) Ir-rilaxx intenzjonat ta' sustanzi fluworurati, fejn illegali, huwa ksur serju ta' dan ir-Regolament u jenħtieġ li jkun ipprojbit b'mod espliċitu; jenħtieġ li l-operaturi u l-manifatturi tat-tagħmir jkunu obbligati jipprevjenu tnixxijiet ta' tali sustanzi sa fejn ikun possibbli, inkluż permezz ta' kontroll tat-tnixxijiet tal-aktar tagħmir rilevanti.
- (9) Minħabba li l-proċess tal-produzzjoni għal xi komposti fluworurati jista' jirriżulta f'emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra oħrajn prodotti bħala prodotti sekondarji, jenħtieġ li tali emissjonijiet ta' prodotti sekondarji jinqerdu jew jiġu rkuprati għall-użu sussegwenti bħala kundizzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra. Jenħtieġ li l-produtturi u l-importaturi jkunu meħtieġa jiddokumentaw il-miżuri adottati sabiex jipprevjenu l-emissjonijiet tat-trifluworometan matul il-proċess tal-produzzjoni.
- (10) Għall-prevenzjoni tal-emissjonijiet ta' sustanzi fluworurati, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar l-irkupru ta' sustanzi minn prodotti u minn tagħmir u l-prevenzjoni ta' tnixxijiet ta' tali sustanzi. Jenħtieġ li l-fowms li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jiġu ttrattati f'konformità mad-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.³⁰ L-obbligi ta' rkupru jenħtieġ li jiġu estiżi wkoll għas-sidien u għall-kuntratturi tal-bini meta jitneħħew ċerti fowms mill-bini, sabiex jiġi mmassimizzat it-tnaqqis fl-emissjonijiet.
- (11) Sabiex jithegġegħ l-użu ta' teknoloġiji mingħajr impatt jew b'impatt aktar baxx fuq il-klima li jistgħu jinvolvu l-użu ta' sustanzi li huma tossiċi, f'ammabbli jew bi pressjoni għolja, it-taħriġ ta' persuni fiżiċi li jwettqu attivitajiet li jinvolvu gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jenħtieġ li jkopri teknoloġiji li jissostitwixxu jew inaqqsu l-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, inkluża informazzjoni dwar aspetti tal-effiċjenza enerġetika u regolamenti u standards tekniċi applikabbli. Il-programmi ta' ċertifikazzjoni u ta' taħriġ stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 517/2014, li jistgħu jiġu integrati fis-sistemi nazzjonali ta' taħriġ vokazzjonali, jenħtieġ li jiġu rrieżaminati jew adattati sabiex it-tekniċi jkunu jistgħu jittrattaw teknoloġiji alternattivi b'mod sikur.
- (12) Il-projbizzjonijiet eżistenti dwar l-użi speċifiċi tal-eżafluworur tal-kubrit, l-aktar sustanza li hija magħrufa li tagħmel ħsara lill-klima, jenħtieġ li jinżammu u jiġu kkomplementati minn restrizzjonijiet addizzjonali fuq l-użu fis-settur kritiku tad-distribuzzjoni tal-enerġija.
- (13) Meta jkunu disponibbli alternattivi adegwati għall-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra speċifiċi, jenħtieġ li jiġu introdotti projbizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq ta' tagħmir ġdid għar-refriġerazzjoni, għall-arja kundizzjonata u għall-protezzjoni kontra n-nar li jkun fih gassijiet fluwrurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tiegħu jiddependi fuq dawk il-gassijiet. Meta ma jkunx hemm alternattivi vijabbli disponibbli jew dawn ma jkunx jistgħu jintużaw minħabba raġunijiet tekniċi jew ta' sikurezza, jew meta l-użu ta' tali alternattivi jkun jimplika kostijiet sproporzjonati, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Kummissjoni tawtorizza eżenzjoni li tippermetti t-tqegħid fis-suq ta' tali prodotti u tagħmir għal perjodu limitat.
- (14) Għal raġunijiet ta' tnaqqis tal-impatt indirett tat-tħaddim ta' tagħmir għar-refriġerazzjoni u għall-arja kundizzjonata fuq il-klima, il-konsum massimu tal-enerġija ta' tali tagħmir stabbilit fil-miżuri ta' implimentazzjoni rilevanti adottati skont id-

³⁰ Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 197, 24.7.2012, p.38).

Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹ jenħtieġ li jkompli jitqies bħala raġuni għall-eżenzjoni ta' tipi speċifikati ta' tagħmir mill-projbizzjoni tal-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.

- (15) Jenħtieġ li kontenituri li ma jistgħux jerġgħu jimtlew għal sustanzi li jnaqqsu l-ożonu jiġu pprojbiti, meta jitqies li ammont ta' refriġerant inevitabbilment jibqa' f'dawn il-kontenituri meta jitbattlu, li mbagħad jiġi rrilaxxat fl-atmosfera. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprojbixxi l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq, il-provvista sussegwenti jew it-tqegħid fis-suq, l-użu sakemm ma jkunx għal użi fil-laboratorji u għal użi analitiċi, u l-esportazzjoni tagħhom.
- (16) Sabiex jiġu ffaċilitati l-infurzar tat-tqegħid fis-suq ta' projbizzjonijiet u r-restrizzjoni għal prodotti u hża; tagħmir li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq daww il-gassijiet, inkluż meta jitqiegħdu fis-suq f'kontenituri, huwa importanti li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti neċessarji ta' tikkettar għal daww l-oġġetti.
- (17) Sabiex jiġi implimentat il-Protokoll, inkluż it-tnaqqis gradwali tal-kwantitajiet ta' HFCs, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli talloka kwoti lil produtturi u lil importaturi individwali għat-tqegħid tal-HFCs fis-suq, filwaqt li tiżgura li l-limitu kwantitattiv ġenerali permess mill-Protokoll ma jinqabiżx. Għall-protezzjoni tal-integrità tat-tnaqqis gradwali tal-kwantitajiet ta' HFCs imqegħdin fis-suq, jenħtieġ li jittieħed kont tal-HFCs li jinsabu fit-tagħmir taħt is-sistema ta' kwoti.
- (18) Inizjalment, il-kalkolu tal-valuri referenzjarji u l-allokazzjoni tal-kwoti lil produtturi u lil importaturi individwali kienu bbażati fuq il-kwantitajiet ta' HFCs li rrapportaw li tqiegħdu fis-suq matul il-perjodu ta' referenza mill-2009 sal-2012. Madankollu, sabiex l-impriżi ma jiġux esklużi milli jidħlu fis-suq, jew milli jespandu l-attivitajiet tagħhom, jenħtieġ li parti iżgħar mill-kwantità massima ġenerali tkun riżervata għall-importaturi u għall-produtturi li qabel ma kinux qiegħdu l-HFCs fis-suq u għall-importaturi u għall-produtturi li għandhom valur ta' referenza li jixtiequ jżidu l-allokazzjoni tal-kwoti tagħhom.
- (19) Permezz ta' kalkolu mill-ġdid triannwali tal-valuri referenzjarji u tal-kwoti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-impriżi jkunu jistgħu jkomplu l-attivitajiet tagħhom fuq il-bażi tal-volumi medji li qiegħdu fis-suq fi snin reċenti, inklużi wkoll impriżi li qabel ma kellhom l-ebda valur ta' referenza.
- (20) Meta jitqies il-valur tas-suq tal-kwota allokata, huwa xieraq li jintalab prezz għall-allokazzjoni tagħha. Dan jevita frammentazzjoni ulterjuri tas-suq għad-detriment ta' daww l-impriżi li jeħtieġu l-provvista ta' HFCs u li diġà jiddependu fuq il-kummerċ tal-HFCs fis-suq li qed jiċkien. Huwa preżunt li l-impriżi li jiddeċiedu li ma jitolbu u ma jħallsu l-ebda kwota, li għaliha jkunu intitolati fis-sena/snin ta' qabel il-kalkolu tal-valuri ta' referenza, iddeċidew li jħallu s-suq u, għalhekk, ma jiksbu l-ebda valur ta' referenza ġdid. Jenħtieġ li d-dħul jintuża sabiex ikopri l-kostijiet amministrattivi.
- (21) Sabiex tinżamm il-flessibbiltà tas-suq fl-HFCs bl-ingrossa, jenħtieġ li jkun possibbli li l-kwoti jiġu ttrasferiti minn impriżi li rċievu valur ta' referenza lil produtturi oħrajn fl-Unjoni jew lil produtturi jew lil importaturi oħrajn li huma rappreżentati fl-Unjoni minn rappreżentant uniku.

³¹ Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

- (22) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi u topera l-hekk imsejjaħ Portal tal-gassijiet F għall-ġestjoni tal-kwoti għat-tqegħid tal-HFCs fis-suq, għar-reġistrazzjoni tal-impriżi kkonċernati, u għar-rapportar dwar is-sustanzi kollha u dwar it-tagħmir kollu mqegħdin fis-suq, b'mod partikolari meta t-tagħmir jiġi ċċarġjat minn qabel b'HFCs li ma jkunux tqiegħdu fis-suq qabel l-iċċarġjar. Sabiex jiġi żgurat li operaturi ġenwini biss ikunu qed jirreġistraw fil-Portal tal-gassijiet F, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet speċifiċi. Reġistrazzjoni valida fil-Portal tal-gassijiet F jenħtieġ li tikkostitwixxi liċenzja, li hija rekwiżit essenzjali skont il-Protokoll għall-monitoraġġ tal-kummerċ u għall-prevenzjoni ta' attivitajiet illegali f'dan ir-rigward.
- (23) Sabiex jiġu żgurati kontrolli doganali awtomatiċi, f'ħin reali, fil-livell tal-vjeġġ kif ukoll skambju elettroniku u ħżin ta' informazzjoni dwar il-vjeġġi kollha ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u l-prodotti u t-tagħmir ikkonċernati ppreżentati lid-dwana, huwa neċessarju li l-Portal tal-gassijiet F jiġi interkonness mal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana stabbilit bir-Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [*għandha tiddaħħal ir-referenza sħiħa ladarba jiġi adottat dak ir-Regolament*].³²
- (24) Sabiex ikun jista' jsir il-monitoraġġ tal-effettività ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar jiġi estiż sabiex ikopri sustanzi fluworurati oħrajn li għandhom potenzjal sinifikanti ta' tisħin globali jew li x'aktarx jissostitwixxu l-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li jiġu rrapportati wkoll il-qerda ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u l-importazzjoni fl-Unjoni ta' dawk il-gassijiet meta jkun jinsabu fi prodotti u f'tagħmir. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti limiti *de minimis* sabiex jiġi evitat piż amministrattiv sproporzjonat, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-mikrointrapriżi meta dan ma jirriżultax f'nuqqas ta' konformità mal-Protokoll.
- (25) Sabiex jiġi żgurat li r-rapporti dwar il-kwantitajiet sostanzjali ta' sustanzi jkun akkurati u li l-kwantitajiet ta' HFCs li jinsabu f'tagħmir iċċarġjat minn qabel jitqiesu skont is-sistema ta' kwoti tal-Unjoni, jenħtieġ li tkun meħtieġa verifika minn parti terza.
- (26) L-użu ta' *data* konsistenti u ta' kwalità għolja għar-rapportar dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fluworurati huwa essenzjali sabiex tiġi żgurata l-kwalità tar-rapportar tal-emissjonijiet skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima. L-istabbiliment ta' sistemi ta' rapportar mill-Istati Membri tal-emissjonijiet ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jkun jipprovi koerenza mar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³³. Id-*data* miġbura mill-kumpaniji dwar it-tnixxijiet ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra minn tagħmir skont dan ir-Regolament tista' ttejjeb b'mod sinifikanti dawk is-sistemi ta' rapportar tal-emissjonijiet. B'dak il-mod, jenħtieġ li dan iwassal għal stima aħjar tal-emissjonijiet ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra fl-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra.
- (27) Sabiex jiġu ffaċilitati l-kontrolli doganali, huwa importanti li tiġi speċifikata l-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa lill-awtoritajiet doganali f'każijiet ta' importazzjonijiet u ta' esportazzjonijiet tal-gassijiet u tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament, kif ukoll il-kompiti għall-awtoritajiet doganali meta jiġu implimentati l-

³² Ir-Regolament (UE) Nru .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 ĠU C , , p. [*għandha tiddaħħal referenza sħiħa ladarba jiġi adottat dak ir-Regolament*]

³³ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet għall-importazzjonijiet u għall-esportazzjonijiet ta' dawk is-sustanzi u tal-prodotti u tat-tagħmir koperti minn dan ir-Regolament.

- (28) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji kollha, inklużi l-konfiska u l-qbid, sabiex jipprevjenu d-dħul illegali fl-Unjoni jew il-ħruġ illegali minnha ta' gassijiet u ta' prodotti koperti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-esportazzjoni mill-ġdid ta' prodotti importati illegalment koperti minn dan ir-Regolament tkun ipprojbita fi kwalunkwe każ.
- (29) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet doganali li jwettqu kontrolli skont dan ir-Regolament ikollhom ir-riżorsi u l-għarfien xierqa, pereżempju permezz ta' taħriġ magħmul disponibbli għalihom, u jkunu mgħammrin biżżejjed bil-ħsieb li jindirizzaw każijiet ta' kummerċ illegali tal-gassijiet u tal-prodotti u tat-tagħmir koperti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru dawk l-uffiċċji doganali li jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet u għalhekk jingħataw il-mandat li jwettqu kontrolli doganali fuq l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet u f'każijiet ta' tranżitu.
- (30) Il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni meħtieġa bejn l-awtoritajiet kompetenti kollha involuti fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, l-awtoritajiet ambjentali u kwalunkwe awtorità kompetenti oħra b'funzjonijiet ta' spezzjoni, fost l-Istati Membri u mal-Kummissjoni, huma importanti ħafna biex jiġi indirizzat il-ksur ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-kummerċ illegali. Minħabba n-natura kunfidenzjali tal-iskambju ta' informazzjoni doganali relatata mar-riskju, jenħtieġ li għal dak l-għan tintuża s-Sistema ta' Ġestjoni tar-Riskji Doganali.
- (31) Fit-tweqqiq tal-kompiti assenjati lilha minn dan ir-Regolament, u bil-ħsieb li jiġu promossi l-kooperazzjoni u l-iskambju adegwat ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni f'każijiet ta' kontrolli ta' konformità u ta' kummerċ illegali ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi assistita mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF). L-OLAF jenħtieġ li jkollu aċċess għall-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiffaċilita t-tweqqiq tal-kompiti tiegħu.
- (32) L-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' HFCs kif ukoll ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom HFCs jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk il-gassijiet minn u lejn Stat li ma huwiex parti għall-Protokoll jenħtieġ li jiġu pprojbiti mill-2028 'il quddiem. Għalhekk, il-projbizzjoni parallela prevista skont il-Protokoll mill-2033 avvanzat, sabiex jiġi żgurat li l-miżuri globali għat-tnaqqis tal-HFCs tal-Emenda ta' Kigali jipprovdu l-benefiċċju previst għall-klima mill-aktar fis possibbli.
- (33) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistipulaw regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Dawn il-penali jenħtieġ li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.
- (34) Huwa neċessarju wkoll li jiġu previsti penali amministrattivi ta' tali livell u tip li verament jiskoraġġixxu l-ksur ta' dan ir-Regolament.
- (35) Jenħtieġ li l-ksur serju ta' dan ir-Regolament jitħarrek ukoll skont id-dritt kriminali, f'konformità mad-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.³⁴
- (36) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet ambjentali tagħhom, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u dawk doganali, iwettqu kontrolli,

³⁴ Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

dwar approċċ ibbażat fuq ir-riskju sabiex jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet kollha ta' dan ir-Regolament. Tali approċċ huwa neċessarju sabiex jiġu mmirati l-attivitajiet li jirrappreżentaw l-ogħla riskju ta' kummerċ illegali jew ta' rilaxx illegali ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra koperti minn dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jwettqu kontrolli meta jkollhom evidenza jew informazzjoni rilevanti oħra dwar każijiet potenzjali ta' nuqqas ta' konformità. Fejn rilevanti u, sa fejn ikun possibbli, jenħtieġ li tali informazzjoni tiġi kkomunikata lill-awtoritajiet doganali sabiex jipproċedu għal analiżi tar-riskju qabel il-kontrolli, f'konformità mal-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.³⁵ Huwa importanti li jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-segwitu tal-ħruġ ta' penali jiġu informati meta jkunu ġew stabbiliti każijiet ta' ksur ta' dan ir-Regolament minn awtoritajiet kompetenti oħrajn.

- (37) L-informaturi jistgħu jgħibu informazzjoni ġdida għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti li tista' tgħin lill-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw ksur ta' dan ir-Regolament u tippermettilhom jimponu penali. Jenħtieġ li jiġi żgurat li jkunu fis-seħħ arranġamenti adegwati li jippermettu lill-informaturi jwissu lill-awtoritajiet kompetenti dwar ksur reali jew potenzjali ta' dan ir-Regolament u li jipproteġu lill-informaturi minn ritaljazzjoni. Għal dak l-għan, jenħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġi previst li d-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁶ tkun applikabbli għar-rapportar ta' ksur ta' dan ir-Regolament u għall-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw tali ksur.
- (38) Sabiex tissaħħaħ iċ-ċertezza legali, l-applikabbiltà, skont dan ir-Regolament, tad-Direttiva (UE) 2019/1937 għal rapporti ta' ksur ta' dan ir-Regolament u għall-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw tali ksur jenħtieġ li tiġi riflessa fid-Direttiva (UE) 2019/1937. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/1937 jiġi emendat skont dan. Huwa f'idejn l-Istati Membri li jiżguraw li dik l-emenda tkun riflessa fil-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom adottati f'konformità mad-Direttiva, għalkemm la l-emenda u lanqas l-adattament tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni ma huma kundizzjoni għall-applikabbiltà tad-Direttiva (UE) 2019/1937 għar-rapportar ta' ksur ta' dan ir-Regolament u għall-protezzjoni tal-persuni li jirrapportaw.
- (39) Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi hekk imsejjaħ Forum ta' Konsultazzjoni sabiex tiżgura parteċipazzjoni bbilanċjata tar-rappreżentanti tal-Istati Membri u tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet ambjentali, rappreżentanti ta' manifatturi, operaturi u persuni ċċertifikati.
- (40) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' evidenza li għandha tingħata dwar il-qerda jew l-irkupru tal-produzzjoni sekondarja tat-trifluworometan matul il-manifattura ta' sustanzi fluworurati oħrajn; rekwiżiti għall-kontrolli tat-tnixxijiet; il-format tar-rekords, l-istabbiliment u l-manutenzjoni tagħhom; ir-rekwiżiti minimi għall-programmi ta' ċertifikazzjoni u l-attestazzjonijiet tat-taħriġ; il-format tan-notifika ta' programmi ta' ċertifikazzjoni u ta' taħriġ; eżenzjonijiet għal prodotti u għal tagħmir li jaqgħu taħt projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq; il-format tat-tikketti; id-determinazzjoni tad-drittijiet tal-produzzjoni għall-produtturi tal-HFCs; eżenzjonijiet mir-rekwiżit tal-kwoti għall-HFCs għall-użu

³⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

³⁶ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

f'applikazzjonijiet speċifiċi, jew kategoriji speċifiċi ta' prodotti jew ta' tagħmir; id-determinazzjoni tal-valuri ta' referenza għall-produtturi u għall-importaturi għat-tqegħid tal-HFCs fis-suq; il-modalitajiet u l-arranġamenti dettaljati għall-ħlas tal-ammont dovut; l-arranġamenti dettaljati għad-dikjarazzjoni ta' konformità għat-tagħmir iċċarġjat minn qabel u għall-verifika tiegħu kif ukoll għall-akkreditazzjoni tal-verifikaturi; il-funzjonament bla xkiel tar-reġistru; l-awtorizzazzjoni ta' kummerċ ma' entitajiet mhux koperti mill-Protokoll; id-dettalji tal-verifika tar-rapportar u tal-akkreditazzjoni tal-verifikaturi u l-format għas-sottomissjoni tar-rapporti. Dawn is-setgħat jenħteġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.³⁷

- (41) Sabiex jiġu emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") jenħteġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' prodotti u ta' tagħmir li għalihom l-irkupru ta' gassijiet jew il-qerda tagħhom ikun teknikament u ekonomikament fattibbli u l-ispeċifikazzjoni tat-teknoloġiji li għandhom jiġu applikati; ir-rekwiżiti dwar it-tikkettar; l-esklużjoni mir-rekwiżiti tal-kwoti tal-HFCs f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-Partijiet għall-Protokoll; dwar l-ammonti dovuti għall-allokazzjoni tal-kwota u l-mekkaniżmu għall-allokazzjoni tal-kwoti li jifdal; miżuri addizzjonali għall-monitoraġġ ta' sustanzi u ta' prodotti u ta' tagħmir imqegħdin taħt proċeduri ta' ħażna temporanja u doganali; ir-regoli applikabbli għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' prodotti u ta' tagħmir importati minn u esportati lejn kwalunkwe entità mhux koperta mill-Protokoll; l-aġġornament tal-potenzjali tat-tisħin globali tas-sustanzi elenkati. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti u li daww il-konsultazzjonijiet jittwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet³⁸. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-tnejn ta' atti delegati.
- (42) Il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-proċessar ta' *data* personali mill-Istati Membri hija rregolata bir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁹ u l-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-proċessar ta' *data* personali mill-Kummissjoni hija rregolata bir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁰ b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità u tas-sigurtà tal-proċessar, tat-trasferiment tad-*data* personali mill-Kummissjoni għall-Istati Membri, tal-legalità tal-proċessar u tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* għall-informazzjoni, l-aċċess għal u r-rettifika tad-*data* personali tagħhom.

³⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p 13).

³⁸ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

³⁹ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

⁴⁰ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

- (43) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ta opinjoni fi [*data tal-ġhoti tal-opinjoni*].
- (44) Billi l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu suffiċjentement mill-Istati Membri iżda, minħabba n-natura transkonfinali tal-problema ambjentali indirizzata u l-effetti ta' dan ir-Regolament fuq il-kummerċ fl-Unjoni u dak estern, jistgħu pjuttost jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawn l-oġġettivi.
- (45) Għandhom isiru numru ta' emendi għar-Regolament (UE) Nru 517/2014. Fl-interess taċ-ċarezza, dak ir-Regolament jenħtieġ li jitħassar u jiġi sostitwit.
- (46) Fid-dawl tal-allokazzjoni annwali tal-kwoti u tal-proċess ta' rapportar stabbiliti f'dan ir-Regolament, huwa xieraq li dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Jannar [*OP jekk jogħġbok daħħal is-sena wara s-sena tad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*],

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament:

- (a) jistabbilixxi regoli dwar il-konteniment, l-użu, l-irkupru u l-qerda ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u dwar miżuri anċillari relatati, u jiffaċilita l-użu sikur ta' sustanzi alternattivi;
- (b) jimponi kundizzjonijiet fuq l-importazzjoni, fuq l-esportazzjoni, fuq it-tqegħid fis-suq, fuq il-provvista ulterjuri u fuq l-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u ta' prodotti u ta' tagħmir speċifiċi li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq daww il-gassijiet;
- (c) jimponi kundizzjonijiet fuq l-użi speċifiċi ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra;
- (d) jistabbilixxi limiti kwantitattivi għat-tqegħid tal-idrofluworokarburi fis-suq;
- (e) jistabbilixxi regoli dwar ir-rapportar.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Annessi I, II u II, kemm jekk waħedhom kif ukoll jekk f'taħlita.

2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għal prodotti u għal tagħmir, u partijiet minnhom, li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk il-gassijiet.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “potenzjal ta' tisħin globali” jew “GWP” tfisser il-potenzjal ta' tisħin klimatiku ta' gass serra meta mqabbel ma' dak tad-diossidu tal-karbonju (“CO₂”), ikkalkolat f'termini tal-potenzjal ta' tisħin fuq 100 sena, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, ta' kilogramma ta' gass b'effett ta' serra meta mqabbel ma' kilogramma ta' CO₂, kif stipulat fl-Annessi I, II, III u VI jew, fil-każ ta' taħlitiet, ikkalkolat f'konformità mal-Anness VI;
- (2) “taħlita” tfisser fluwidu jew soluzzjoni magħmula minn żewġ sustanzi jew aktar, li tal-anqas waħda minnhom hija sustanza elenkata fl-Anness I, II jew III;
- (3) “tunnellata/i ta' ekwivalenti ta' CO₂” tfisser kwantità ta' gassijiet b'effett ta' serra espressa bħala l-prodott tal-piż tal-gassijiet b'effett ta' serra f'tunnellati metriċi u tal-potenzjal ta' tisħin globali tagħhom;
- (4) “idrofluworokarburi” jew “HFCs” tfisser is-sustanzi elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I, jew taħlitiet li fihom xi waħda minn dawk is-sustanzi;
- (5) “operatur” tfisser l-impriża li teżerċita s-setgħa attwali fuq il-funzjonament tekniku ta' prodotti u ta' tagħmir koperti minn dan ir-Regolament jew tas-sid meta ddeżinjat minn Stat Membru bħala responsabbli għall-obbligi tal-operatur f'każijiet speċifiċi;
- (6) “tqegħid fis-suq” tfisser il-forniment jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' persuna oħra fl-Unjoni, għall-ewwel darba, bi ħlas jew mingħajr ħlas, ir-rilaxx doganali għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni, u l-użu ta' sustanzi prodotti jew l-użu ta' prodotti jew ta' tagħmir manifatturat għall-użu proprju;
- (7) “importazzjoni” tfisser id-dħul ta' sustanzi, ta' prodotti u ta' tagħmir koperti minn dan ir-Regolament fit-territorju doganali tal-Unjoni sa fejn it-territorju huwa kopert minn ratifika tal-Protokoll ta' Montreal tal-1987 dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu u tinkludi l-ħażna temporanja u l-proċeduri doganali msemmijin fl-Artikoli 201 u 210 tar-Regolament (UE) 952/2013;
- (8) “esportazzjoni” tfisser il-ħruġ mit-territorju doganali tal-Unjoni, sa fejn it-territorju jkun kopert minn ratifika tal-Protokoll ta' Montreal tal-1987 dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu, ta' sustanzi, ta' prodotti u ta' tagħmir;
- (9) “tagħmir issiġillat ermetikament” tfisser tagħmir li fih il-partijiet kollha li fihom il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jiġu ssikkati matul il-proċess tal-manifattura tiegħu fil-bini tal-manifattur permezz ta' wweldjar, issaldjar jew konnessjoni permanenti simili, li tista' tinkludi valvi b'limitu massimu jew portijiet ta' servizz b'limitu massimu li jippermettu tiswija jew rimi xierqa;
- (10) “kontenitur” tfisser prodott destinat prinċipalment għat-trasport jew għall-ħżin ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra;
- (11) “rkupru” tfisser il-ġbir u l-ħażna ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra minn prodotti, inkluż kontenituri, u minn tagħmir waqt il-manutenzjoni jew is-servizzar jew qabel ir-rimi tal-prodotti jew tat-tagħmir;

- (12) “riċiklaġġ” tfisser l-użu mill-ġdid ta’ gass fluworurat b’effett ta’ serra rkuprat wara proċess bażiku ta’ tindif, inklużi l-filtrazzjoni u t-tnixxif;
- (13) “reklamazzjoni” tfisser il-proċessar mill-ġdid ta’ gass fluworurat b’effett ta’ serra rkuprat sabiex jilħaq il-prestazzjoni ekwivalenti ta’ sustanza verġni, waqt li jitqies l-użu maħsub tiegħu;
- (14) “qerda” tfisser il-proċess ta’ trasformazzjoni jew ta’ dekompożizzjoni permanenti b’mod komplut, sa fejn ikun possibbli, ta’ gass fluworurat b’effett ta’ serra f’ sustanza stabbli waħda jew aktar li ma tkunx gass fluworurat b’effett ta’ serra;
- (15) “dekummissjonar” tfisser it-tneħħija mit-tħaddim jew mill-użu ta’ prodott jew ta’ tagħmir, li jkun fih gassijiet fluworurati b’effett ta’ serra, inkluż it-tifi finali ta’ installazzjoni;
- (16) “tiswija” tfisser ir-restawr ta’ prodotti jew ta’ tagħmir li jġarrab ħsara jew li jnixxi li fih gassijiet fluworurati b’effett ta’ serra jew li l-funzjonament tiegħu jiddependi minn dawk il-gassijiet, u li jinvolvi parti li jkun fiha jew li tkun iddiżinjata sabiex ikun fiha tali gassijiet;
- (17) “installazzjoni” tfisser it-tgħaqqid ta’ biċċetjn jew aktar ta’ tagħmir jew ta’ ċirkwiti li fihom jew li huma maħsubin sabiex ikun fihom gassijiet fluworurati b’effett ta’ serra, bil-ħsieb li tintrama sistema fil-lok fejn tkun se tiġi operata, li timplika t-twāhhil flimkien ta’ kondutturi ta’ sistema li jgħorru l-gass sabiex jitlesta ċirkwit;
- (18) “manutenzjoni jew servizzjar” tfisser l-attivitajiet kollha, bl-esklużjoni tal-irkupru f’konformità mal-Artikolu 8 u l-verifiki ta’ tnixxijiet f’konformità mal-Artikolu 4 u mal-punt (b) tal-Artikolu 10(1) ta’ dan ir-Regolament, li jimplikaw il-ftuħ taċ-ċirkwiti li fihom jew li huma maħsubin sabiex ikun fihom gassijiet fluworurati b’effett ta’ serra, il-forniment lis-sistema b’gassijiet fluworurati b’effett ta’ serra, it-tneħħija ta’ parti jew aktar miċ-ċirkwit jew mit-tagħmir, l-assemblaġġ mill-ġdid ta’ żewġ partijiet jew aktar taċ-ċirkwit jew tat-tagħmir, kif ukoll it-tiswija ta’ tnixxijiet;
- (19) “sustanzi verġni” tfisser sustanzi li ma ntużawx preċedentement;
- (20) “stazzjonarju” tfisser dak li normalment ma junx fi tranżitu waqt operazzjoni u jinkludi tagħmir mobbli tal-arja kundizzjonata;
- (21) “mobbli” tfisser normalment fi tranżitu waqt it-tħaddim;
- (22) “fowm b’komponent uniku” tfisser kompożizzjoni ta’ form inkluża f’dispensur tal-aerosol wieħed fi stat likwidu li ma jkunx irreaġixxa jew li jkun irreaġixxa b’mod parzjali u li tespandi u tibbies meta toħroġ mid-dispensur;
- (23) “trakk refriġerat” tfisser vettura bil-mutur b’massa ta’ aktar minn 3,5 tonnelli li hija maħsuba u mibnija primarjament sabiex iġġorr oġġetti u li hija mġhammra b’unità ta’ refriġerazzjoni;
- (24) “trejler refriġerat” tfisser vettura li hija maħsuba u mibnija sabiex tiġi rmunkata minn trakk jew minn trattur, primarjament sabiex iġġorr oġġetti u li hija mġhammra b’unità ta’ refriġerazzjoni;
- (25) “sistema ta’ detezzjoni ta’ tnixxijiet” tfisser apparat mekkaniku, elettriku jew elettroniku kalibrat għad-detezzjoni ta’ tnixxijiet ta’ gassijiet fluworurati b’effett ta’ serra li, f’każ ta’ detezzjoni, iwissi lill-operatur;
- (26) “impriża” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li twettaq attività msemmija f’dan ir-Regolament;

- (27) “materja prima” tfisser kwalunkwe gass fluworurat b’effett ta’ serra elenkat fl-Annessi I u II, li jgħaddi minn trasformazzjoni kimika fi proċess li fih jinbidel kompletament mill-kompożizzjoni oriġinali tiegħu u li l-emissjonijiet tiegħu ma jkunux sinifikanti;
- (28) “użu kummerċjali” tfisser użu għall-ħżin, għall-wiri jew għad-distribuzzjoni ta’ prodotti, għal bejgħ lill-utenti aħħarin, f’bejgħ bl-imnut jew f’servizzi tal-ikel;
- (29) “tagħmir għall-protezzjoni min-nar” tfisser it-tagħmir u s-sistemi użati f’applikazzjonijiet ta’ prevenzjoni jew ta’ soppressjoni ta’ nar u tinkludi ċ-ċilindri għat-tifi tan-nar;
- (30) “ċiklu Rankine organiku” tfisser ċiklu li fih sustanzi kondensabbli li jikkonvertu s-sħana minn sors ta’ sħana f’enerġija għall-ġenerazzjoni elettriċa jew mekkanika;
- (31) “tagħmir militari” tfisser armi, munizzjon u materjal intenzjonati speċifikament għal finijiet militari li huma neċessarji għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Istati Membri;
- (32) “kommutatur tal-elettriku” tfisser apparati ta’ swiċċijiet u l-ikkombinar tagħhom ma’ tagħmir assoċjati ta’ kontroll, ta’ kejl, ta’ protezzjoni u ta’ regolar, u assemblaġġi ta’ apparati u ta’ tagħmir bħal dawn b’interkonnnessjonijiet, b’aċċessorji, b’kompartimenti u bi strutturi ta’ sostenn assoċjati, maħsubin għall-użu marbut mal-ġenerazzjoni, mat-trażmissjoni, mad-distribuzzjoni u mal-konverżjoni tal-enerġija elettriċa;
- (33) “sistemi ta’ refriġerazzjoni ċentralizzati kollettivi” tfisser sistemi b’żewġ kumpressuri jew aktar li jiġu operati b’mod parallel, li huma konnessi ma’ kondensur komuni wiehied jew aktar u ma’ numru ta’ apparat ta’ tkessi bħal vetrini għall-wiri, kabinetti u friżi, jew ma’ kmamar imkessħin għall-ħżin;
- (34) “ċirkwit refreġiranti primarju ta’ sistemi kaskati” tfisser iċ-ċirkwit primarju f’sistemi indiretti ta’ temperatura medja fejn il-kombinazzjoni ta’ żewġ ċirkwiti jew aktar ta’ refriġerazzjoni separata tkun konnessa f’serje b’mod li iċ-ċirkwitu primarju jassorbi s-sħana tal-kondensur miċ-ċirkwitu sekondarju għat-temperatura medja;
- (35) “użu” tfisser l-utilizzazzjoni ta’ gassijiet fluworurati b’effett ta’ serra fil-produzzjoni, fil-manutenzjoni jew fis-servizzar, inkluż il-mili mill-ġdid tal-prodotti u tat-tagħmir, jew f’attivitajiet oħrajn imsemmijin f’dan ir-Regolament;
- (36) “stabbiliment fl-Unjoni” tfisser li persuna fiżika jkollha r-residenza abitwali tagħha fl-Unjoni u li persuna ġuridika jkollha stabbiliment permanenti tan-negozju fl-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 5(32) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

KAPITOLU II

KONTENIMENT

Artikolu 4

Il-prevenzjoni tal-emissjonijiet

1. Ir-rilaxx intenzjonat fl-atmosfera ta’ gassijiet fluworurati b’effett ta’ serra elenkati fl-Annessi I u II għandu jkun ipprojbit meta r-rilaxx ma jkunx teknikament neċessarju għall-użu maħsub.

2. L-operaturi u l-manifatturi ta' tagħmir u ta' installazzjonijiet li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I jew II, kif ukoll l-impriżi fil-pussess ta' tali tagħmir matul it-trasport jew il-ħżin tiegħu, għandhom jieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji kollha sabiex jipprevjenu r-rilaxx mhux intenzjonat ta' kwalunkwe gass bħal dan. Huma għandhom jieħdu l-miżuri kollha li jkunu teknikament u ekonomikament vijabbli sabiex jimminimizzaw it-tnixxija tal-gassijiet.
3. Matul il-produzzjoni, il-ħżin, it-trasport, u t-trasferiment minn kontenitur jew minn sistema għal oħra jew għal tagħmir jew għal installazzjoni, ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Annessi I u II, l-impriża għandha tiegħu l-prekawzjonijiet neċessarji kollha sabiex tillimita kemm jista' jkun ir-rilaxx tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Annessi I u II. Dan il-paragrafu japplika wkoll meta l-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Annessi I u II jiġu prodotti bħala prodotti sekondarji.
4. Meta tinstab tnixxija tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I jew II, l-operaturi, il-manifatturi tat-tagħmir u tal-installazzjonijiet u l-impriżi fil-pussess tat-tagħmir matul it-trasport, jew il-ħżin tiegħu, għandhom jiżguraw li t-tagħmir jew l-installazzjoni tisewwa mingħajr dewmien żejjed.
Meta t-tagħmir ikun soġġett għal kontrolli għal tnixxijiet skont l-Artikolu 5(1), u tnixxija fit-tagħmir tkun issewwiet, l-operaturi għandhom jiżguraw li t-tagħmir jiġi vverifikat minn persuna fiżika ċċertifikata f'konformità mal-Artikolu 10 fi żmien xahar wara t-tiswija sabiex jiġi vverifikat li t-tiswija kienet effettiva.
5. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1), it-tqegħid fis-suq ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandu jkun ipprojbit, sakemm il-produtturi jew l-importaturi ma jipprovdux evidenza lill-awtorità kompetenti fiż-żmien ta' tali tqegħid, li kwalunkwe trifluworometan prodott bħala prodott sekondarju matul il-proċess tal-manifattura, inkluż matul il-manifattura tal-materja prima għall-produzzjoni tagħhom, ikun inqered jew ġie rkuprat għall-użu sussegwenti, bl-użu tal-aħjar tekniki disponibbli.
Sabiex jipprovdu dik l-evidenza, l-importaturi u l-produtturi għandhom ifasslu dikjarazzjoni ta' konformità u jgħaqqdu d-dokumentazzjoni ta' sostenn dwar il-faċilità tal-produzzjoni u l-miżuri ta' mitigazzjoni adottati sabiex jiġu evitati l-emissjonijiet tat-trifluworometan. Il-produtturi u l-importaturi għandhom iżommu d-dikjarazzjoni ta' konformità u d-dokumentazzjoni ta' sostenn għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin wara t-tqegħid fis-suq u jagħmluhom disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u għall-Kummissjoni, meta jintalbu.
Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-arranġamenti dettaljati relatati mad-dikjarazzjoni ta' konformità u mad-dokumentazzjoni ta' sostenn imsemmijin fit-tieni subparagrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 34(2).
6. Il-persuni fiżiċi li jwettqu l-kompiti msemmijin fil-punti (a) sa (c) tal-Artikolu 10(1), għandhom jiġu ċċertifikati f'konformità mal-Artikolu 10 u għandhom jieħdu miżuri ta' prekawzjoni sabiex jipprevjenu t-tnixxija ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Annessi I u II.
L-impriżi li jwettqu l-installazzjoni, is-servizzjar, il-manutenzjoni, it-tiswija jew id-dekummissjonar tat-tagħmir elenkat fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 5(2) għandhom jiġu ċċertifikati f'konformità mal-Artikolu 10 u għandhom jieħdu miżuri ta'

prekawzjoni sabiex jipprevjenu t-tnixxija ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Annessi I u II.

Artikolu 5

Kontroll għal tnixxijiet

1. L-operaturi ta' tagħmir li fih 5 tunnellata f'ekwivalenti ta' CO₂ jew aktar ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I jew kilogramma jew aktar ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima I tal-Anness II, mhux inklużi fil-fowms, għandhom jiżguraw li t-tagħmir jiġi vverifikat għal tnixxijiet.

Tagħmir issiġillat ermetikament li jkun fih anqas minn 10 tunnellati f'ekwivalenti ta' CO₂ ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I jew 2 kilogrammi f'gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima I tal-Anness II, ma għandux jiġi vverifikat għal tnixxijiet, dment li t-tagħmir ikun issiġillat b'mod ermetiku u l-partijiet konnessi tiegħu jkollhom rata ta' tnixxija ttestjata ta' anqas minn 3 grammi fis-sena taħt pressjoni ta' mill-inqas kwart tal-pressjoni massima permissibbli.

Il-kommutatur elettriku ma għandux jiġi vverifikat għal tnixxijiet dment li jkun konformi ma' waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) ikollu rata ta' tnixxija ttestjata ta' anqas minn 0,1 % fis-sena kif stabbilit fl-ispeċifikazzjoni teknika tal-manifattur u ttikkettat f'dan is-sens;
 - (b) ikollu tagħmir li jimmonitorja l-pressjoni jew id-densità;
 - (c) ikun fih anqas minn 6 kilogrammi f'gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I.
2. Il-paragrafu 1 japplika għall-operaturi tat-tagħmir li ġej li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I jew fit-Taqsima I tal-Anness II:
 - (a) tagħmir ta' refriġerazzjoni stazzjonarju;
 - (b) tagħmir tal-arja kundizzjonata stazzjonarju;
 - (c) pompi tas-sħana stazzjonarji;
 - (d) tagħmir stazzjonarju ta' protezzjoni min-nar;
 - (e) unitajiet ta' refriġerazzjoni ta' trakkijiet u ta' trejlers refriġerati;
 - (f) ċikli Rankine organiċi.
 - (g) kommutatur elettriku.

Fir-rigward tat-tagħmir imsemmi fil-punti (a) sa (f) tal-ewwel subparagrafu, il-kontrolli għandhom jitwettqu minn persuni fiżiċi ċċertifikati f'konformità mar-regoli previsti fl-Artikolu 10.

3. Il-kontrolli ta' tnixxijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jitwettqu bil-frekwenza li ġejja:
 - (a) għal tagħmir li fih anqas minn 50 tunnellata f'ekwivalenti ta' CO₂ ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I jew anqas minn 10 kilogrammi ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima I tal-Anness II: tal-anqas kull 12-il xahar; jew fejn tiġi installata sistema ta' detezzjoni tat-tnixxijiet, tal-anqas kull 24 xahar;

- (b) għal tagħmir li fih 50 tunnellata f'ekwivalenti ta' CO₂ jew aktar, iżda anqas minn 500 tunnellata f'ekwivalenti ta' CO₂ ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I jew bejn 10 u 100 kilogramma f'gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima I tal-Anness II: tal-anqas kull sitt xhur jew, fejn tiġi installata sistema ta' detezzjoni tat-tnixxijiet, tal-anqas kull 12-il xahar;
 - (c) għal tagħmir li fih 500 tunnellata jew aktar f'ekwivalenti ta' CO₂ ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I jew aktar minn 100 kilogramma f'gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima I tal-Anness II: tal-anqas kull tliet xhur jew, fejn tiġi installata sistema ta' detezzjoni tat-tnixxijiet, tal-anqas kull sitt xhur.
4. L-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1 għat-tagħmir għall-protezzjoni min-nar kif imsemmi fil-punt (d) tal-paragrafu 2 għandhom jitqiesu li ġew dment li sakemm jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) ir-reġim eżistenti ta' spezzjoni jissodisfa l-istandards ISO 14520 jew EN 15004; u
 - (b) it-tagħmir ta' protezzjoni min-nar ikun spezzjonat kull meta jkun meħtieġ skont il-paragrafu 3.
5. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tispjega r-rekwiżiti għall-kontrolli tat-tnixxijiet li għandhom jitwettqu f'konformità mal-paragrafu 1 għal kull tip ta' tagħmir imsemmi fil-paragrafu 2 u tidentifika dawk il-partijiet tat-tagħmir li x'aktarx li jnixxu l-aktar. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2).

Artikolu 6

Sistemi ta' detezzjoni ta' tnixxijiet

1. L-operaturi tat-tagħmir elenkat fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 5(2) u li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I fi kwantitajiet ta' 500 tunnellata jew aktar f'ekwivalenti ta' CO₂, għandhom jiżguraw li t-tagħmir jiġi pprovdut b'sistema ta' detezzjoni ta' tnixxijiet li twissi lill-operatur jew lil kumpanija tas-servizzjar dwar kwalunkwe tnixxija.
2. L-operaturi tat-tagħmir elenkat fil-punti (f) u (g) tal-Artikolu 5(2), u li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I fi kwantitajiet ta' 500 tunnellata jew aktar ta' ekwivalenti ta' CO₂ u installat mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem, għandhom jiżguraw li dan it-tagħmir jiġi pprovdut b'sistema ta' detezzjoni ta' tnixxijiet li twissi lill-operatur jew lil kumpanija tas-servizzjar dwar kwalunkwe tnixxija.
3. L-operaturi tat-tagħmir elenkat fil-punti (a) sa (d) u (f) tal-Artikolu 5(2), li jkun soġġett għall-paragrafu 1 jew 2, għandhom jiżguraw li s-sistemi ta' detezzjoni ta' tnixxijiet jiġu vverifikati tal-anqas kull tnax-il xahar sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tagħhom.
4. L-operaturi tat-tagħmir elenkat fil-punt (g) tal-Artikolu 5(2) li jkun soġġett għall-paragrafu 2 għandhom jiżguraw li s-sistemi ta' detezzjoni ta' tnixxijiet jiġu vverifikati tal-anqas darba kull sitt snin sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tagħhom.

Żamma ta' rekords

1. L-operaturi tat-tagħmir li jeħtieġ li jiġi vverifikat għal tnixxijiet skont l-Artikolu 5(1) għandhom jistabbilixxu u jżommu rekords għal kull biċċa tagħmir bħal dan li jispeċifikaw l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) il-kwantità u t-tip ta' gassijiet installati;
 - (b) il-kwantitajiet ta' gassijiet miżjudin waqt l-installazzjoni, il-manutenzjoni jew is-servizzjar jew minħabba tnixxija;
 - (c) jekk il-kwantitajiet ta' gassijiet ikunux ġewx irriċiklati jew irreklamati, inkluż l-isem u l-indirizz fl-Unjoni tal-faċilità ta' riċiklaġġ jew ta' reklamazzjoni u, fejn applikabbli, in-numru taċ-ċertifikat;
 - (d) il-kwantità ta' gassijiet irkuprati;
 - (e) l-identità tal-impriża li installat, isservizzjat u mantniet u, fejn applikabbli, sewwiet jew iddekummissjonat it-tagħmir, inkluż, fejn ikun applikabbli, in-numru taċ-ċertifikat tagħha;
 - (f) id-dati u r-riżultati tal-verifiki mwettqin skont l-Artikolu 5(1), (2) u (3), kif ukoll id-dati u r-riżultati ta' kwalunkwe tiswija ta' tnixxija;
 - (g) jekk it-tagħmir ġie ddekummissjonat, il-miżuri meħudin għall-irkupru u għar-rimi tal-gassijiet.
2. Sakemm ir-rekords imsemmijin fil-paragrafu 1 ma jkunux mażzunin f'bażi ta' *data* stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, japplikaw ir-regoli li ġejjin:
 - (a) l-operaturi msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom iżommu r-rekords imsemmijin f'dak il-paragrafu għal tal-anqas ħames snin;
 - (b) impriżi li jwettqu l-attivitajiet imsemmijin fil-punt (e) tal-paragrafu 1 għall-operaturi għandhom iżommu kopji tar-rekords imsemmijin fil-paragrafu 1 għal tal-anqas ħames.

Fuq talba, ir-rekords imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat jew tal-Kummissjoni.
3. Għall-finijiet tal-Artikolu 11(5), l-impriżi li jfornu gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I u tal-Anness II għandhom jistabbilixxu rekords tal-informazzjoni rilevanti dwar ix-xerrejja ta' dawn il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, inklużi d-dettalji li ġejjin:
 - (a) in-numri taċ-ċertifikati tax-xerrejja;
 - (b) il-kwantitajiet rispettivi ta' dawk il-gassijiet mixtrijin.

L-impriżi li jfornu dawk il-gassijiet għandhom jżommu dawk ir-rekords għal tal-anqas ħames snin.

L-impriżi li jfornu dawn il-gassijiet għandhom, fuq talba, iqiegħdu tali rekords għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat u tal-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tista' tiddetermina l-format tar-rekords imsemmijin fil-paragrafi 1 u 3 u tispeċifika kif jenħtieġ li dawn jiġu stabbiliti u jinżammu. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2).

Artikolu 8

Rkupru u qerda

1. L-operaturi ta' tagħmir stazzjonarju jew ta' unitajiet ta' refriġerazzjoni ta' trakkijiet u ta' trejlers refriġerati li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I u tal-Anness II, li ma humiex inklużi f'fowms, għandhom jiżguraw li l-irkupru ta' daww il-gassijiet jitwettaq minn persuni fiżiċi li għandhom iċ-ċertifikati rilevanti previsti mill-Artikolu 10, sabiex dawn il-gassijiet jiġu rriċiklati, irreklamati jew jinqerdu.

Dan l-obbligu japplika għall-operaturi ta' kwalunkwe wieħed mit-tagħmir li ġej:

- (a) iċ-ċirkwiti ta' tkessiġ ta' tagħmir stazzjonarju ta' refriġerazzjoni, ta' kundizzjonament tal-arja u ta' pompi tas-sħana;
 - (b) iċ-ċirkwiti ta' tkessiġ ta' unitajiet ta' refriġerazzjoni ta' trakkijiet u ta' trejlers refriġerati;
 - (c) tagħmir stazzjonarju li fih solventi b'bażi ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra;
 - (d) tagħmir stazzjonarju ta' protezzjoni min-nar;
 - (e) kommutatur elettriku stazzjonarju.
2. Kwalunkwe gass fluworurat b'effett ta' serra rkuprat elenkat fit-Taqsima 1 tal-Anness I u tal-Anness II ma għandux jintuża għall-mili jew għall-mili mill-ġdid ta' tagħmir sakemm il-gass ma jkunx ġie rriċiklat jew irreklammat.
3. Eżatt qabel ma tarmih, l-impriża li tuża kontenitur b'gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I u tal-Anness II għandha tagħmel arranġamenti għall-irkupru ta' kwalunkwe gass residwu sabiex tiżgura li jiġu rriċiklati, irreklamati jew jinqerdu.
4. Mill-1 ta' Jannar 2024, is-sidien u l-kuntratturi tal-bini għandhom jiżguraw li matul ir-rinnovazzjoni, ir-rikondizzjonar jew id-demolizzjoni attivitajiet li jimplikaw it-tneħħija ta' pannelli b'wiċċ tal-metall li jkun fihom fowms b'gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I u tal-Anness II, l-emissjonijiet jiġu evitati sa fejn ikun possibbli permezz tal-irkupru għall-użu mill-ġdid jew għall-qerda tal-fowms u tal-gassijiet li jkun hemm fihom. L-irkupru għandu jitwettaq minn persuni fiżiċi kwalifikati kif xieraq.
5. Mill-1 ta' Jannar 2024, is-sidien tal-bini u l-kuntratturi għandhom jiżguraw li matul ir-rinnovazzjoni, ir-rikondizzjonar jew id-demolizzjoni attivitajiet li jimplikaw it-tneħħija ta' fowms f'bordijiet laminati installati f'kavitajiet jew fi strutturi mibnjin li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I u tal-Anness II, l-emissjonijiet jiġu evitati sa fejn ikun possibbli permezz tal-irkupru għall-użu mill-ġdid jew għall-qerda tal-fowms u tal-gassijiet li jkun hemm fihom. L-irkupru għandu jitwettaq minn persuni fiżiċi kwalifikati kif xieraq.

Meta l-irkupru tal-fowms imsemmija fl-ewwel subparagrafu ma jkunx teknikament fattibbli, is-sid jew il-kuntrattur tal-bini għandu jfassal dokumentazzjoni li tipprova

evidenza għall-infattibbiltà tal-irkupru fil-każ speċifiku. Tali dokumentazzjoni għandha tinżamm għal ħames snin u għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni, fuq talba, tal-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru u tal-Kummissjoni.

6. L-operaturi ta' prodotti u ta' tagħmir mhux elenkati fil-paragrafi 1, 6 u 7 li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I u tal-Anness II, għandhom jagħmlu arranġamenti għall-irkupru tal-gassijiet, sakemm ma jkunx jista' jiġi stabbilit li dan ma jkunx teknikament fattibbli jew jinvolvi kostijiet sproporzjonati. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-irkupru jitwettaq minn persuni fiżiċi kwalifikati kif xieraq, sabiex il-gassijiet jiġu rriċiklati, irrekklamati jew jinqerdu jew għandhom jagħmlu arranġamenti għall-qerda tagħhom mingħajr irkupru minn qabel.

L-irkupru ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I u tal-Anness II, minn tagħmir tal-arja kundizzjonata f'vetturi tat-triq li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹ għandu jitwettaq minn persuni fiżiċi kwalifikati kif xieraq.

Għall-irkupru ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I u tal-Anness II, minn tagħmir tal-arja kundizzjonata f'vetturi bil-mutur li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/40/KE, il-persuni fiżiċi biss li jkollhom tal-anqas attestazzjoni ta' taħriġ f'konformità mal-Artikolu 10(2) għandhom jitqiesu bħala kwalifikati kif xieraq.

7. Il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I u l-prodotti li fihom tali gassijiet għandhom jinqerdu biss minn teknoloġiji approvati mill-Partijiet għall-Protokoll ta' Montreal tal-1987 dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu ("il-Protokoll") jew minn teknoloġiji li għadhom ma ġewx approvati, iżda huma ambjentalment ekwivalenti u jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar l-iskart u mar-rekwiżiti addizzjonali skont tali leġiżlazzjoni.

Gassijiet fluworurati b'effett ta' serra oħrajn li għalihom ma jkunux ġew approvati teknoloġiji ta' qerda, għandhom jinqerdu biss mit-teknoloġija ta' qerda l-aktar ambjentalment aċċettabbli li ma tinvolvi kostijiet eċċessivi, u li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar l-iskart u li jiġu ssodisfati rekwiżiti addizzjonali skont tali leġiżlazzjoni.

8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi lista ta' prodotti u ta' tagħmir li għalihom l-irkupru ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I u tal-Anness II, jew il-qerda ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom gassijiet bħal dawn mingħajr irkupru minn qabel ta' dawn il-gassijiet għandhom jitqiesu teknikament u ekonomikament fattibbli, filwaqt li jiġu speċifikati, jekk ikun xieraq, it-teknoloġiji li għandhom jiġu applikati.
9. L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-irkupru, ir-riċiklaġġ, ir-reklamazzjoni u l-qerda ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I u tal-Anness II.

⁴¹ Id-Direttiva 2006/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar emissjonijiet minn sistemi ta' kondizzjonament tal-arja f'vetturi bil-mutur li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE (ĠU L 161, 14.6.2006, p. 12).

Skemi ta' responsabbiltà tal-produtturi

Mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom iħeġġu l-iżvilupp ta' skemi ta' responsabbiltà tal-produtturi għall-irkupru ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I u II u għar-riċiklaġġ, għar-riġenerazzjoni jew għall-qerda tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet meħudin.

Artikolu 10

Ċertifikazzjoni u taħriġ

1. L-Istati Membri għandhom, fuq il-bażi tar-rekwiżiti minimi msemmin fil-paragrafu 5, jistabbilixxu jew jadattaw programmi ta' ċertifikazzjoni, inklużi proċessi ta' evalwazzjoni, u jiżguraw li t-taħriġ dwar il-ħiliet prattiċi u l-għarfien teoretiku jkun disponibbli għall-persuni fiżiċi li jwettqu l-kompiti li ġejjin li jinvolvu gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I u tal-Anness II u alternattivi rilevanti oħrajn għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra:
 - (a) l-installazzjoni, is-servizzjar, il-manutenzjoni, it-tiswija jew id-dekummissjonar tat-tagħmir elenkat fil-punti (a) sa (g) tal-Artikolu 5(2);
 - (b) il-verifiki tat-tnixxijiet tat-tagħmir imsemmi fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 5(2), kif previst fl-Artikolu 5(1);
 - (c) l-irkupru kif previst fl-Artikolu 8(1).
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi ta' taħriġ għall-persuni fiżiċi li jirkupraw gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima I tal-Anness I u tal-Anness II minn tagħmir tal-arja kundizzjonata f'vetturi bil-mutur li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴² ikunu disponibbli, skont il-paragrafu 5.
3. Il-programmi ta' ċertifikazzjoni u t-taħriġ previsti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikopru dawn li ġejjin,
 - (a) ir-regolamenti u l-istandards tekniċi applikabbli;
 - (b) il-prevenzjoni tal-emissjonijiet;
 - (c) l-irkupru ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I u tal-Anness II;
 - (d) l-immaniġġar sikur ta' tagħmir tat-tip u tad-daqs koperti miċ-ċertifikat; u
 - (e) aspetti tal-effiċjenza enerġetika.
4. Iċ-ċertifikati taħt il-programmi ta' ċertifikazzjoni msemmin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjoni li l-applikant ikun temm b'suċċess proċess ta' evalwazzjoni stabbilit f'konformità mal-paragrafi 1, 3 u 5.
5. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-programmi ta' ċertifikazzjoni u l-attestazzjonijiet tat-taħriġ.

⁴²

Id-Direttiva 2006/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar emissjonijiet minn sistemi ta' kundizzjonament tal-arja f'vetturi bil-mutur li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE (ĠU L 161, 14.6.2006, p. 12).

Dawk ir-rekwiżiti minimi għandhom jispeċifikaw, għal kull tip ta' tagħmir imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, il-ħiliet prattiċi u l-għarfien teoretiku meħtieġa, fejn adatt, filwaqt li ssir distinzjoni bejn l-attivitajiet differenti li għandhom jiġu koperti, il-modalitajiet taċ-ċertifikazzjoni jew tal-attestazzjoni kif ukoll il-kundizzjonijiet għar-rikonossiment reċiproku taċ-ċertifikati u tal-attestazzjonijiet tat-taħriġ. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2).

6. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jadattaw programmi ta' ċertifikazzjoni fuq il-bażi tar-rekwiżiti minimi msemmijin fil-paragrafu 5 għall-impreżi li jwettqu installazzjoni, servizzjar, manutenzjoni, tiswija jew dekommissjonar tat-tagħmir elenkat fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 5(2), li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima I tal-Anness I u tal-Anness II, u alternattivi rilevanti oħrajn għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għal partijiet oħrajn.
7. Iċ-ċertifikati u l-attestazzjonijiet tat-taħriġ eżistenti maħruġin f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 517/2014 għandhom jibqgħu validi f'konformità mal-kundizzjonijiet li fihom ikunu nħarġu oriġinarjament.
8. Sal-1 ta' Jannar [*OP, jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar programmi ta' ċertifikazzjoni u ta' taħriġ.

L-Istati Membri għandhom jirrikonossu iċ-ċertifikati u l-attestazzjonijiet tat-taħriġ maħruġin fi Stat Membru ieħor f'konformità ma' dan l-Artikolu. Ma għandhomx jirrestrinġu l-libertà li jiġu pprovduti servizzi jew il-libertà tal-istabbiliment għaliex ċertifikat ikun inħareġ fi Stat Membru ieħor.
9. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tiddetermina l-format tan-notifika msemmija fil-paragrafu 8. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2).
10. Kwalunkwe impreżi li tassinja kompitu msemmi fil-paragrafu 1 lil impreżi oħra għandha tiegħu passi raġonevoli sabiex tiżgura li din tal-aħħar ikollha iċ-ċertifikati neċessarji għall-kompiti meħtieġa msemmijin fil-paragrafu 1.
11. Meta l-obbligi skont dan l-Artikolu relatati mal-provvista ta' ċertifikazzjoni u ta' taħriġ ikunu jimponu piżijiet sproporzjonati fuq Stat Membru minħabba d-daqs żgħir tal-popolazzjoni tiegħu u n-nuqqas konsegwenti ta' domanda għal tali taħriġ u ċertifikazzjoni, il-konformità tista' tinkiseb permezz tar-rikonossiment ta' ċertifikati maħruġin fi Stati Membri oħrajn.

L-Istati Membri li japplikaw dan il-paragrafu għandhom jinformat lill-Kummissjoni li għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn.
12. Dan l-Artikolu ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jistabbilixxu aktar programmi ta' ċertifikazzjoni u ta' taħriġ fir-rigward ta' tagħmir ieħor minbarra dak imsemmi fil-paragrafu 1.

KAPITOLU III

RESTRIZZJONIJIET U KONTROLL TAL-UŻU

Artikolu 11

Restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq u fuq il-bejgħ

1. It-tqegħid fis-suq tal-prodotti u tat-tagħmir, inklużi partijiet tagħhom, elenkati fl-Anness IV, b'eżenzjoni għal tagħmir militari, għandu jkun projbit mid-data speċifikata f'dak l-Anness, filwaqt li ssir distinzjoni, fejn ikun applikabbli, skont it-tip jew il-potenzjal ta' tisħin globali tal-gass li jkun hemm fihom.

Il-prodotti u t-tagħmir imqegħdin illegalment fis-suq wara d-data msemija fl-ewwel subparagrafu, ma għandhomx sussegwentement jintużaw jew jiġu forniti, jew jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' persuni oħrajn fl-Unjoni għall-ħlas jew mingħajr ħlas jew esportati. Tali prodotti u tagħmir jistgħu jinħażnu jew jiġu ttrasportati biss għar-rimi sussegwenti u għall-irkupru tal-gass qabel ir-rimi skont l-Artikolu 8.

Sentejn wara d-dati individwali elenkati fl-Anness IV, il-provvista jew it-tqegħid sussegwenti għad-dispożizzjoni ta' parti oħra fl-Unjoni għall-ħlas jew mingħajr ħlas ta' prodotti jew ta' tagħmir imqegħdin legalment fis-suq qabel id-data msemija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu permessi biss jekk tiġi pprovduta evidenza li l-prodott jew it-tagħmir tqiegħed legalment fis-suq qabel id-data.

2. Il-projbizzjoni stabbilita fl-ewel subparagrafu tal-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal tagħmir li, fir-rekwiżiti ta' ekodisinn adottati skont id-Direttiva 2009/125/KE, għalih ġie stabbilit li minħabba effiċjenza akbar fl-użu tal-enerġija waqt li jkun qed jitħaddem, l-emissjonijiet ekwivalenti għas-CO₂ matul iċ-ċiklu tal-ħajja jkunu anqas minn dawk ta' tagħmir ekwivalenti li jissodisfa r-rekwiżiti ta' ekodisinn rilevanti.
3. Minbarra l-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq stabbilita fil-punt 1 tal-Anness IV, l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq, kwalunkwe provvista sussegwenti, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni għal persuni oħrajn fl-Unjoni għall-ħlas jew mingħajr ħlas, l-użu jew l-esportazzjoni ta' kontenituri li ma jistgħux jerġgħu jimtlew għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I u tal-Anness II, vojta jew mimlijin kompletament jew parzjalment għandu jkun ipprojbit. Contenituri bħal dawn jistgħu jinħażnu jew jiġu ttrasportati biss għar-rimi sussegwenti. Din il-projbizzjoni ma tapplikax għal kontenituri għal użi fil-laboratorji jew analitiċi.

Il-paragrafu japplika għal:

- (a) kontenituri li ma jistgħux jerġgħu jimtlew mingħajr ma jiġu adattati għal dak l-għan (ma jistgħux jerġgħu jimtlew); u
 - (b) kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew iżda jiġu importati jew jitqiegħdu fis-suq mingħajr ma jkun sar provvediment għar-ritorn tagħhom għall-mili mill-ġdid.
4. B'segwitu għal talba ssostanzjata minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru u b'kont meħud tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista', eċċezzjonalment, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tawtorizza eżenzjoni għal mhux aktar minn erba' snin sabiex tippermetti t-tqegħid fis-suq ta' prodotti u ta' tagħmir elenkati fl-Anness IV, inklużi partijiet tagħhom, li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tagħhom jiddipendi minn dawk il-gassijiet, meta jintwera li:

- (a) għal prodott speċifiku jew biċċa tagħmir speċifika, jew għal kateorija speċifika ta' prodotti jew ta' tagħmir, ma jkunux disponibbli alternattivi, jew dawn ma jistgħux jintużaw għal raġunijiet tekniċi jew ta' sikurezza; jew
- (b) l-użu ta' alternattivi teknikament vijabbli u sikuri jkun jinvolvi kostijiet sproporzjonati.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2).

5. Huma biss l-impriżi li għandhom ċertifikat meħtieġ skont il-punt (a) tal-Artikolu 10(1) jew l-attestazzjoni tat-taħriġ meħtieġa skont l-Artikolu 10(2), jew impriżi li jimpjegaw persuni li għandhom tali ċertifikat jew attestazzjoni ta' taħriġ għandhom jitħallew jixtru gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I jew tal-Anness II, għall-fini tat-twettiq tal-installazzjoni, tas-servizzjar, tal-manutenzjoni jew tat-tiswija tat-tagħmir li fih dawk il-gassijiet, jew li l-funzjonament tiegħu jiddependi fuq dawk il-gassijiet, imsemmijin fil-punti (a) sa (g) tal-Artikolu 5(2), u fl-Artikolu 10(2).

Dan il-paragrafu ma għandux jipprevjeni lill-impriżi mhux iċċertifikati, li ma jwettqux tali attivitajiet, milli jiġbru, jittrasportaw jew li jwasslu gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I u tal-Anness II.

6. Tagħmir mhux ermetikament issiġillat iċċarġjat b'gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I u tal-Anness II jista' jinbiegħ biss lil utent aħħari meta tingħata prova li l-installazzjoni għandha titwettag minn impriża ċertifikata f'konformità mal-Artikolu 10.

Artikolu 12

Tikkettar u informazzjoni dwar prodott u tagħmir

1. Il-prodotti u t-tagħmir li ġejjin li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk il-gassijiet elenkati fl-Annessi I u II, jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk ikunu ttikkettati:
 - (a) tagħmir ta' refriġerazzjoni;
 - (b) tagħmir tal-arja kundizzjonata;
 - (c) pompi tas-sħana;
 - (d) tagħmir ta' protezzjoni kontra n-nar;
 - (e) kommutatur elettriku;
 - (f) dispensur tal-aerosols li jkun fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, inklużi inalaturi b'doża mkejla;
 - (g) il-kontenituri kollha tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra;
 - (h) solventi b'bażi ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra;
 - (i) ċikli Rankine organiċi.
2. Prodotti jew tagħmir soġġetti għal eżenzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 11(4) għandhom ikunu ttikkettati kif xieraq u għandhom jinkludu referenza li dawk il-prodotti jew tagħmir jistgħu jintużaw biss għall-fini li għalih tkun ingħatat eżenzjoni skont dak l-Artikolu.

3. It-tikketta meħtieġa skont il-paragrafu 1 għandha tindika l-informazzjoni li ġejja:
- (a) indikazzjoni li l-prodott jew it-tagħmir fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tiegħu jiddipendi minn dawk il-gassijiet;
 - (b) id-deżinjazzjoni industrijali aċċettata għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra kkonċernati jew, jekk ma tkun disponibbli l-ebda denominazzjoni bħal din, l-isem kimiku;
 - (c) mill-1 ta' Jannar 2017, il-kwantità espressa fil-piż u fl-ekwivalenti tas-CO₂ ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra li jinsabu fil-prodott jew fit-tagħmir, jew il-kwantità ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra li għaliha t-tagħmir huwa ddisinjat, u l-potenzjal ta' tisħin globali ta' dawk il-gassijiet.

It-tikketta għandha tindika l-informazzjoni li ġejja, fejn applikabbli:

- (a) referenza li l-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jkunu jinsabu f'tagħmir ermetikament issiġillat;
 - (b) referenza li l-kommutatur elettriku jkollu rata ta' tnixxija ttestjata ta' anqas minn 0,1 % fis-sena kif stabbilit fl-ispeċifikazzjoni teknika tal-manifattur.
4. It-tikketta meħtieġa skont il-paragrafu 1 għandha tkun tinqara b'mod ċar u ma tkunx tista' titħassar u għandha titqiegħed jew:
- (a) ħdejn il-punti ta' servizz għall-iċċarġjar jew għall-irkupru tal-gass fluworurat b'effett ta' serra; jew
 - (b) fuq dik il-parti tal-prodott jew tat-tagħmir li fiha l-gass fluworurat b'effett ta' serra.

It-tikketta għandha tkun bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fih l-oġġett għandu jitqiegħed fis-suq.

5. Fowms u poliolli mħalltin minn qabel li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Annessi I u II ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq sakemm il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra ma jkunux identifikati permezz ta' tikketta li tuża denominazzjoni industrijali aċċettata, jew jekk ma tkun disponibbli l-ebda denominazzjoni bħal din, l-isem kimiku. It-tikketta għandha tindika b'mod ċar li l-fowm jew il-poliolu mħallat minn qabel fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra. Fil-każ tat-twavel tal-fowm, dik l-informazzjoni għandha tiġi ddikjarata b'mod ċar u li ma jistax jitħassar fuq it-twavel.
6. Gassijiet fluworurati b'effett ta' serra riġenerati jew reċiklati għandhom ikunu ttikkettati b'indikazzjoni li s-sustanza ġiet irriġenerata jew irriċiklata u informazzjoni dwar in-numru tal-lott u l-isem u l-indirizz tal-faċilità ta' riġenerazzjoni jew ta' riċiklaġġ fl-Unjoni.
7. Gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I u mqegħdin fis-suq għall-qerda għandhom ikunu ttikkettati b'indikazzjoni li l-kontenut tal-kontenitur jista' biss jinqered.
8. Gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I u maħsubin għall-esportazzjoni diretta għandhom ikunu ttikkettati b'indikazzjoni li l-kontenut tal-kontenitur jista' biss jiġi esportat direttament.
9. Gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I u mqegħdin fis-suq għall-użu f'tagħmir militari għandhom ikunu ttikkettati b'indikazzjoni li l-kontenut tal-kontenitur jista' jintuża biss għal dak il-fini.

10. Gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Annessi I u II imqegħdin fis-suq għall-inċiżjoni ta' materjal semikonduttur jew għat-tindif ta' kmamar ta' depożizzjoni ta' fwar tal-kimiċi fis-settur tal-manifattura tas-semikondutturi għandhom ikunu ttikkettati b'indikazzjoni li l-kontenut tal-kontenitur jista' jintuża biss għal dak il-fini.
11. Gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I u mqegħdin fis-suq għall-użu bħala materja prima għandhom ikunu ttikkettati b'indikazzjoni li l-kontenut tal-kontenitur jista' biss jintuża bħala materja prima.
12. Gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I u mqegħdin fis-suq għall-produzzjoni ta' inalaturi b'doża mkejla għall-ġhoti ta' ingredjenti farmaċewtiċi għandhom ikunu ttikkettati b'indikazzjoni li l-kontenut tal-kontenitur jista' jintuża biss għal dak il-fini.
13. Fil-każ tal-idrofluworokarburi, it-tikketta msemminja fil-paragrafi 7 sa 11 għandha tinkludi l-indikazzjoni "eżentat mill-kwota skont ir-Regolament (UE) Nru .../... [OP: Jekk jogħġbok żid referenza għal dan ir-Regolament]".
Fin-nuqqas tar-rekwiżiti tat-tikkettar imsemmijin fl-ewwel subparagrafu u fil-paragrafi 7 sa 11, l-idrofluworokarburi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tal-kwoti skont l-Artikolu 16(1).
14. Fil-każijiet imsemmijin fil-punti 3, 8, 18(b) u (c), 19 u 20 tal-Anness IV, il-prodott għandu jkun ittikkettat b'indikazzjoni li jista' jintuża biss fejn meħtieġ mill-istandard ta' sikurezza li għandu jiġi speċifikat. Fil-każ imsemmi fil-punti 20 u 22 tal-Anness IV, il-prodott għandu jkun ittikkettat b'indikazzjoni li l-prodott jista' jintuża biss fejn meħtieġ mill-applikazzjoni medika li għandha tiġi speċifikata.
15. L-informazzjoni msemminja fil-paragrafi 3 u 5 għandha tiġi inkluża f'manwali ta' struzzjonijiet għall-prodotti u għat-tagħmir ikkonċernati.
Fil-każ ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra fl-Annessi I u II b'potenzjal ta' tisħin globali ta' 150 jew aktar, dik l-informazzjoni għandha tiġi inkluża wkoll fid-deskrizzjonijiet użati għar-reklamar.
16. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tiddetermina l-format tat-tikketti msemmijin fil-paragrafu 1 u fil-paragrafi 4 sa 14. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemminja fl-Artikolu 34(2).
17. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 li jemendaw ir-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti fil-paragrafi 4 sa 14, fejn xieraq, fid-dawl ta' żvilupp kummerċjali jew teknoloġiku.

Artikolu 13

Kontroll tal-użu

1. L-użu tal-eżafluworur tal-kubrit fil-pressofunditura tal-manjeżju u fir-riċiklaġġ tal-liġi tal-pressofunditura tal-manjeżju huwa pprojbit.
2. L-użu tal-eżafluworur tal-kubrit sabiex jimtlew it-tajers tal-vetturi huwa pprojbit.
3. Mill-1 ta' Jannar 2024, l-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I, b'potenzjal ta' tisħin globali ta' 2 500 jew aktar, għas-servizzjar jew għall-manutenzjoni ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni huwa pprojbit.

Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal tagħmir militari jew għal tagħmir intenzjonat għal applikazzjonijiet iddisinjati għat-tkessiħ ta' prodotti għal temperaturi taħt - 50 °C.

Sal-1 ta' Jannar 2030, il-projbizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhiex tapplika għall-kategoriji ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra li ġejjin:

- (a) gassijiet fluworurati b'effett ta' serra rreklamati elenkati fl-Anness I b'potenzjal ta' tisħin globali ta' 2 500 jew aktar użati għall-manutenzjoni jew għas-servizzjar ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni eżistenti, dment li jkunu ġew ittikkettati f'konformità mal-Artikolu 12(6);
- (b) gassijiet fluworurati b'effett ta' serra riċiklati elenkati fl-Anness I b'potenzjal ta' tisħin globali ta' 2 500 jew aktar użati għall-manutenzjoni jew għas-servizzjar ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni eżistenti, dment li jkunu ġew irkuprati minn tali tagħmir. Gassijiet riċiklati bħal dawn jistgħu jintużaw biss mill-impriża li tkun wettqet l-irkupru tagħhom bħala parti mill-manutenzjoni jew mis-servizzjar jew mill-impriża li għaliha jkun twettaq l-irkupru bħala parti mill-manutenzjoni jew mis-servizzjar.

Il-projbizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhiex tapplika għal tagħmir ta' refriġerazzjoni li għalih tkun ġiet awtorizzata eżenzjoni f'konformità mal-Artikolu 11(4).

4. L-użu ta' desfluran bħala anestetiku li jittieħed man-nifs huwa pprojbit mill-1 ta' Jannar 2026, ħliet meta dan l-użu jkun strettament meħtieġ u, għal raġunijiet mediċi, ma jkun jista' jintuża l-ebda anestetiku ieħor. L-utent għandu jipprova evidenza, fuq talba, dwar il-ġustifikazzjoni medika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru u lill-Kummissjoni.

KAPITOLU IV

SKEDA TAL-PRODUZZJONI U TNAQQIS TAL-KWANTITÀ TA' IDROFLUWOROKARBURI MQEGĦDIN FIS-SUQ

Artikolu 14

Il-produzzjoni ta' idrofluworokarburi

1. Il-produzzjoni ta' idrofluworokarburi hija permessa sal-punt li l-produtturi jkunu ġew allokati drittijiet ta' produzzjoni mill-Kummissjoni kif stabbilit f'dan l-Artikolu.
2. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha talloka d-drittijiet tal-produzzjoni fuq il-bażi tal-Anness V għall-produtturi li pproduċew idrofluworokarburi fl-2022, fuq il-bażi tad-*data* rrapportata skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014. It-tali atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 34(2).
3. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, u fuq talba tal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' temenda l-atti ta' implimentazzjoni msemmijin fil-paragrafu 2 sabiex talloka drittijiet ta' produzzjoni addizzjonali lill-produtturi msemmijin fil-paragrafu 2 jew lil kwalunkwe impianta oħra stabbilita fl-Unjoni, filwaqt li tirrispetta l-limiti tal-produzzjoni tal-Istat Membru skont il-Protokoll. It-tali atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 34(2).

4. Tliet snin wara l-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemminjati fil-paragrafu 2, u kull tliet snin wara din, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u temenda, jekk ikun meħtieġ, dawn l-atti ta' implimentazzjoni, filwaqt li tqis il-bidliet fid-drittijiet tal-produzzjoni skont l-Artikolu 15 matul il-perjodu ta' tliet snin preċedenti. It-tali atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 34(2).

Artikolu 15

It-trasferiment u l-awtorizzazzjoni tad-drittijiet tal-produzzjoni għar-razzjonalizzazzjoni industrijali

1. Għall-finijiet ta' razzjonalizzazzjoni industrijali fi Stat Membru, il-produtturi jistgħu jittrasferixxu totalment jew parzjalment id-drittijiet tal-produzzjoni tagħhom lil kwalunkwe impriża oħra f'dak l-Istat Membru, dment li jiġu rrispettati l-limiti tal-produzzjoni tal-Partijiet skont il-Protokoll. It-trasferimenti għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti u jitwettqu permezz tal-Portal tal-gassijiet F.
2. Għall-finijiet ta' razzjonalizzazzjoni industrijali bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni tista', bi qbil kemm mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih tinsab il-produzzjoni rilevanti ta' produttur, u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikunu disponibbli drittijiet ta' produzzjoni żejda, tawtorizza permezz tal-Portal tal-gassijiet F lil dak il-produttur sabiex jisboq il-produzzjoni tiegħu msemmija fl-Artikolu 14(2) b'ammont speċifikat, b'kunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Protokoll.
3. Il-Kummissjoni tista', bi qbil kemm mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih tinsab il-produzzjoni rilevanti ta' produttur kif ukoll mal-awtorità kompetenti tal-Parti kkonċernata tal-pajjiż terz, tawtorizza produttur sabiex jgħaqqad il-livelli kkalkolati ta' produzzjoni msemminjati fl-Artikolu 14(2) mal-livelli kkalkolati ta' produzzjoni permessi lil produttur f'Parti ta' pajjiż terz skont il-Protokoll u l-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' dak il-produttur għall-fini ta' razzjonalizzazzjoni industrijali ma' Parti ta' pajjiż terz, dment li l-livelli ta' produzzjoni kkalkolati kkombinati miż-żewġ produtturi ma jwasslux għal skorriment tad-drittijiet tal-produzzjoni skont il-Protokoll ta' Montreal u tiġi rrispettata kwalunkwe leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

Artikolu 16

It-tnaqqis tal-kwantità ta' idrofluworokarburi mqegħdin fis-suq

1. It-tqegħid fis-suq ta' idrofluworokarburi huwa permess biss sal-punt li l-produtturi u l-importaturi jkunu ġew allokati kwoti mill-Kummissjoni kif stabbilit fl-Artikolu 17.
Il-produtturi u l-importaturi għandhom jiżguraw li l-kwantitajiet ta' idrofluworokarburi li jqiegħdu fis-suq ma jaqbżux il-kwota rispettiva tagħhom disponibbli għalihom fil-mument tat-tqegħid fis-suq.
2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal idrofluworokarburi:
(a) importati fl-Unjoni għall-qerda;

- (b) użati minn produttur f'applikazzjonijiet ta' materja prima jew forniti direttament minn produttur jew minn importatur lil impriżi għall-użu f'applikazzjonijiet ta' materja prima;
 - (c) forniti direttament minn produttur jew minn importatur lil impriżi, għall-esportazzjoni barra l-Unjoni, li ma jinsabux fi prodotti jew f'tagħmir, meta dawk l-idrofluworokarburi ma jkunux sussegwentement magħmulin disponibbli għal kwalunkwe parti oħra fl-Unjoni, qabel l-esportazzjoni;
 - (d) forniti direttament minn produttur jew minn importatur għall-użu f'tagħmir militari;
 - (e) forniti direttament minn produttur jew minn importatur lil impriża li tużahom għall-inċiżjoni ta' materjal semikonduttur jew għat-tindif ta' kmamar ta' depożizzjoni ta' fwar kimiċi fis-settur tal-manifattura tas-semikondutturi.
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 sabiex temenda l-paragrafu 2 u teskludi mir-rekwiżit tal-kwota stabbilit fil-paragrafu 1 idrofluworokarburi f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-Partijiet għall-Protokoll.
4. B'segwitu għal talba ssostanzjata minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru u b'kont meħud tal-oġettivi ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista', eċċezzjonalmanet, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tawtorizza eżenzjoni għal mhux aktar minn erba' snin sabiex ikunu esklużi mir-rekwiżit tal-kwota stabbilit fil-paragrafu 1 l-idrofluworokarburi għall-użu f'applikazzjonijiet speċifiċi, jew kategoriji speċifiċi ta' prodotti jew ta' tagħmir, meta fit-talba jintwera li:
- (a) għal dawk l-applikazzjonijiet, prodotti jew tagħmir partikolari, ma jkunux disponibbli alternattivi, jew ma jistgħux jintużaw għal raġunijiet tekniċi jew ta' sikurezza; u
 - (b) ma tkunx tista' tiġi żgurata provvista suffiċjenti ta' idrofluworokarburi mingħajr ma jkunu involuti kostijiet sproporzjonati.
- Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2).
5. L-emissjoni tal-idrofluworokarburi matul il-produzzjoni għandha titqies bħala mqiegħda fis-suq fis-sena li fiha sseħħ.
6. Dan l-Artikolu u l-Artikoli 17, 20 sa 29 u 31 għandhom japplikaw ukoll għall-idrofluworokarburi li jinsabu f'polioli mħalltin minn qabel.

Artikolu 17

Id-determinazzjoni tal-valuri ta' referenza u l-allokazzjoni tal-kwoti għat-tqegħid tal-idrofluworokarburi fis-suq

1. Sal-31 ta' Ottubru [OP: *Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*] u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-valuri ta' referenza għall-produtturi u għall-importaturi f'konformità mal-Anness VII għat-tqegħid tal-idrofluworokarburi fis-suq.

Il-Kummissjoni għandha tiddetermina dawk il-valuri ta' referenza għall-importaturi u għall-produtturi kollha li importaw jew ipproduċew l-idrofluworokarburi matul it-tliet snin preċedenti, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni li jiddetermina l-valuri ta'

referenza għall-importaturi u għall-produtturi kollha. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2).

2. Importatur jew produttur jista' jinnotifika lill-Kummissjoni dwar suċċessjoni jew akkwizzizzjoni permanenti tal-parti tan-negozju tiegħu rilevanti għal dan l-Artikolu, li jirriżultaw f'bidla fl-attribuzzjoni tal-valuri ta' referenza tiegħu u tas-suċċessur legali.

Il-Kummissjoni tista' titlob dokumentazzjoni rilevanti għal dan l-għan. Il-valuri ta' referenza aġġustati għandhom ikunu aċċessibbli fil-Portal tal-gassijiet F.

3. Sal-1 ta' April [*OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*] u kull tliet snin wara din, il-produtturi u l-importaturi jistgħu jagħmlu dikjarazzjoni għar-riċevuta ta' kwoti mir-riżerva msemmija fl-Anness VIII permezz tal-Portal tal-gassijiet F.

4. Sal-31 ta' Diċembru [*PO: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], u kull sena wara din, il-Kummissjoni għandha talloka kwoti għal kull importatur u produttur għat-tqegħid tal-idrofluworokarburji fis-suq, skont l-Anness VIII. Il-kwoti għandhom jiġu nnotifikati permezz tal-Portal tal-gassijiet F lill-importaturi u lill-produtturi.

5. L-allokazzjoni tal-kwoti hija soġġetta għall-ħlas tal-ammont dovut li huwa uguali għal tliet euro għal kull tunnellata f'ekwivalenti ta' CO₂ tal-kwota li għandha tiġi allokata. L-importaturi u l-produtturi għandhom jiġu nnotifikati permezz tal-Portal tal-gassijiet F bl-ammont totali dovut għall-allokazzjoni massima kkalkolata tal-kwoti għas-sena kalendarja ta' wara u bl-iskadenza għat-tlestija tal-pagament. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tiddetermina l-modalitajiet u l-arranġamenti dettaljati għall-pagament tal-ammont dovut. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2).

L-importaturi u l-produtturi jistgħu jħallu biss għal parti mill-allokazzjoni massima kkalkolata tal-kwoti offruta lilhom. F'każ bħal dan, dawn l-importaturi u l-produtturi għandhom jiġu allokati l-kwota li tikkorrispondi għall-pagament li jsir sal-iskadenza stabbilita.

Il-Kummissjoni għandha tqassam mill-ġdid il-kwota li għaliha ma jkunx sar pagament sal-iskadenza stabbilita, mingħajr ħlas, lil dawk l-importaturi u l-produtturi biss li jkunu ħallu l-ammont totali dovut għall-allokazzjoni massima kkalkolata tal-kwoti tagħhom imsemmija fl-ewwel subparagrafu u li jkunu għamlu dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 3. Din id-distribuzzjoni għandha ssir fuq il-bażi tas-sehem ta' kull importatur jew produttur mis-somma tal-kwota massima kkalkolata kollha offruta lil dawk l-importaturi u l-produtturi u mħallsa bis-sħiħ minnhom.

Il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata li ma tallokax bis-sħiħ il-kwantità massima msemmija fl-Anness VII jew talloka kwoti addizzjonali, bħala kontinġenza għal kwistjonijiet ta' implimentazzjoni matul il-perjodu ta' allokazzjoni.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 sabiex temenda l-paragrafu 5 fir-rigward tal-ammonti dovuti għall-allokazzjoni tal-kwota u tal-mekkaniżmu sabiex jiġu allokati l-kwoti li jifdal, fejn dan ikun neċessarju sabiex jiġi evitat tfixkil kbir fis-suq tal-idrofluworokarburji, jew meta l-mekkaniżmu ma jkunx qiegħed jaqdi l-iskop tiegħu u jkun qiegħed ikollu effetti mhux mixtieqa jew mhux intenzjonati.

7. Id-dħul iġġenerat mill-ammont tal-allokazzjoni tal-kwota għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046. Dak id-dħul għandu jiġi assenjat lill-programm LIFE u lill-Intestatura 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali (l-Amministrazzjoni Pubblika Ewropea), sabiex ikopri l-kostijiet tal-persunal estern li jaħdem fuq il-ġestjoni tal-allokazzjoni tal-kwoti, tas-servizzi tal-IT, u tas-sistemi ta' liċenzjar għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Protokoll. Kwalunkwe dħul li jifdal wara li jiġu koperti dawn il-kostijiet għandu jiddaħħal fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Artikolu 18

Il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni u għar-riċevuta tal-allokazzjonijiet tal-kwoti

1. Il-kwoti għandhom jiġu allokati biss lill-produtturi jew lill-importaturi li għandhom stabbiliment fl-Unjoni, jew li jkunu taw mandat lil rappreżentant wieħed biss bi stabbiliment fl-Unjoni li jassumi r-responsabbiltà sħiħa tal-konformità ma' dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant uniku jista' jkun l-istess wieħed li nġhata l-mandat skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³.
2. Huma biss l-importaturi u l-produtturi li jkollhom esperjenza fl-attivitajiet ta' negozjar ta' sustanzi kimiċi għal tliet snin konsekuttivi qabel il-perjodu ta' allokazzjoni tal-kwoti, li għandhom jitħallew jissottomettu dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(3) jew jirċievu allokazzjoni tal-kwoti fuq dik il-bażi skont l-Artikolu 17(4). L-importaturi u l-produtturi għandhom jippreżentaw evidenza għal dan l-għan, fuq talba, lill-Kummissjoni.
3. Għall-finijiet tar-reġistrazzjoni fil-Portal tal-gassijiet F, l-importaturi u l-produtturi għandhom jipprovdu indirizz fiżiku fejn tinsab il-kumpanija u minn fejn twettaq in-negozju tagħha. Impriża waħda biss għandha tiġi rreġistrata bl-istess indirizz fiżiku.
Għall-finijiet tas-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni tal-kwota skont l-Artikolu 17(3) u tar-riċevuta ta' allokazzjoni tal-kwota skont l-Artikolu 17(4) kif ukoll għall-fini tad-determinazzjoni tal-valuri ta' referenza skont l-Artikolu 17(1), l-impriżi kollha li jikkondividu l-istess sid benefiċjarju, għandhom jitqiesu bħala impriża waħda. Hija biss dik l-impriża waħda, li hija dik reġistrata l-ewwel fir-reġistru sakemm ma jkunx indikat mod ieħor mis-sid benefiċjarju, li għandha tkun intitolata għal valur ta' referenza skont l-Artikolu 17(1) u allokazzjoni tal-kwota skont l-Artikolu 17(4).

Artikolu 19

L-iċċarġjar minn qabel tat-tagħmir bl-idrofluworokarburi

1. Tagħmir tar-refriġerazzjoni, arja kundizzjonata u pompi tas-sħana ċċarġjati b'idrofluworokarburi ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq ħlief jekk l-idrofluworokarburi ċċarġjati fit-tagħmir jitqiesu fis-sistema ta' kwoti msemmija f'dan il-Kapitolu.

⁴³ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

2. Meta jquieghdu fis-suq tagħmir iċċarġjat minn qabel kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-manifatturi u l-importaturi tat-tagħmir għandhom jiżguraw li l-konformità mal-paragrafu 1 tkun iddokumentata bis-sħiħ u għandhom jiffirmolaw dikjarazzjoni ta' konformità f'dan ir-rigward.

Bil-formulazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' konformità, il-manifatturi u l-importaturi tat-tagħmir għandhom jassumu r-responsabbiltà għall-konformità ma' dan il-paragrafu u mal-paragrafu 1.

Il-manifatturi u l-importaturi tat-tagħmir għandhom iżommu din id-dokumentazzjoni u d-dikjarazzjoni ta' konformità għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin wara t-tqegħid fis-suq ta' dak it-tagħmir u għandhom jagħmluha disponibbli, fuq talba, għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u għall-Kummissjoni.

3. Meta l-idrofluworokarburi li jinsabu fit-tagħmir imsemmi fil-paragrafu 1 ma jkunux tqiegħdu fis-suq qabel ma jiġi iċċarġjat it-tagħmir, l-importaturi ta' dak it-tagħmir għandhom jiżguraw li, sat-30 ta' April [OP: *Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*] u kull sena wara din, l-akkuratezza tad-dokumentazzjoni, tad-dikjarazzjoni ta' konformità u l-veraċità tar-rapport tagħhom skont l-Artikolu 26 ikunu kkonfermati, għas-sena kalendarja preċedenti, f'livell raġonevoli ta' assigurazzjoni minn awditur indipendenti reġistrat fil-Portal tal-gassijiet F.

L-awditur indipendenti għandu jkun jew:

- (a) akkreditat skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴; jew,
 - (b) akkreditat sabiex jivverifika rapporti finanzjarji ta' konformità mal-leġislazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.
4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-arranġamenti dettaljati relatati mad-dikjarazzjoni ta' konformità msemmija fil-paragrafu 2, mal-verifika mill-awditur indipendenti u mal-akkreditazzjoni tal-verifikaturi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2).
5. L-importaturi tat-tagħmir imsemmi fil-paragrafu 1, li ma għandhom l-ebda stabbiliment fl-Unjoni, għandhom jagħtu mandat biss lil rappreżentant bi stabbiliment fl-Unjoni li jassumi r-responsabbiltà sħiħa tal-konformità ma' dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant uniku jiista' jkun l-istess wieħed li nġhata l-mandat skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.
6. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal impriżi li jquieghdu fis-suq anqas minn 100 tunnellata f'ekwivalenti ta' CO₂ ta' idrofluworokarburi, fis-sena, li jinsabu fit-tagħmir imsemmi fil-paragrafu 1.

⁴⁴ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p.32).

Il-Portal tal-gassijiet F

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u tiżgura t-tħaddim ta' sistema elettronika għall-ġestjoni tas-sistema ta' kwoti, għal-liċenzjar tal-importazzjonijiet u tal-esportazzjonijiet u għar-rapportar ("il-Portal tal-gassijiet F").
2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-interkonnnessjoni tal-Portal tal-gassijiet F mal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana permezz tat-Tieqa Unika Doganali tal-Unjoni Ewropea - Sistema ta' Skambju taċ-Ċertifikati stabbilita bir-Regolament (UE) Nru .../... [għandha tiddaħħal ir-referenza sħiħa ladarba jiġi adottat dak ir-Regolament].
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-interkonnnessjoni tal-ambjenti nazzjonali tagħhom ta' tieqa unika għad-dwana mas-Sistema ta' Tieqa Unika Doganali tal-Unjoni għall-Iskambju taċ-Ċertifikati għall-fini tal-iskambju ta' informazzjoni mal-Portal tal-gassijiet F.
4. L-impriżi għandu jkollhom reġistrazzjoni valida fil-Portal tal-gassijiet F qabel l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u ta' prodotti u ta' tagħmir li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk il-gassijiet ħlief f'każijiet ta' ħażna temporanja u għall-attivitajiet li ġejjin:
 - (a) is-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni skont l-Artikolu 17(3);
 - (b) ir-riċevuta ta' allokazżjoni ta' kwoti għat-tqegħid fis-suq ta' idrofluworokarburi f'konformità mal-Artikolu 17(4) jew it-twertiq jew ir-riċevuta ta' trasferiment ta' kwoti f'konformità mal-Artikolu 21(1) jew it-twertiq jew ir-riċevuta ta' awtorizzazzjoni għall-użu ta' kwota f'konformità mal-Artikolu 21(2) jew id-delega ta' dik l-awtorizzazzjoni għall-użu ta' kwota f'konformità mal-Artikolu 21(3);
 - (c) il-forniment, jew ir-riċevuta ta' idrofluworokarburi għall-finijiet elenkati fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 16(2);
 - (d) għat-twertiq tal-attivitajiet li jeħtieġu rapportar skont l-Artikolu 26;
 - (e) għar-riċevuta ta' drittijiet tal-produzzjoni skont l-Artikolu 14 u għat-twertiq jew għar-riċevuta ta' trasferiment u ta' awtorizzazzjoni tad-drittijiet tal-produzzjoni msemmija fl-Artikolu 15;
 - (f) għall-verifika tar-rapporti msemmijin fl-Artikoli 19(3) u 26(8).Ir-reġistrazzjoni għandha tkun valida biss ladarba l-Kummissjoni tivvalida u sakemm ma tkunx sospiża jew revokata mill-Kummissjoni jew irtirata mill-impriża.
5. Reġistrazzjoni valida fil-Portal tal-gassijiet F fil-mument tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni tikkostitwixxi liċenzja meħtieġa skont l-Artikolu 22.
6. Sa fejn ikun neċessarju, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-funzjonament bla xkiel tal-Portal tal-gassijiet F. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2).
7. L-awtoritajiet kompetenti, inklużi l-awtoritajiet doganali, tal-Istati Membri għandu jkollhom aċċess għall-Portal tal-gassijiet F sabiex jippermettu l-implimentazzjoni tar-

rekwiżiti u tal-kontrolli rilevanti. L-aċċess għall-Portal tal-gassijiet F mill-awtoritajiet doganali għandu jiġi żgurat permezz tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana.

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità tad-*data* inkluża fil-Portal tal-gassijiet F.

8. Kwalunkwe talba mill-importaturi u mill-produtturi għal korrezzjonijiet tal-informazzjoni rreġistrata fil-Portal tal-gassijiet F, minnhom infushom, dwar it-trasferimenti tal-kwota msemmin fl-Artikolu 21(1), l-awtorizzazzjonijiet għall-użu tal-kwota msemmin fl-Artikolu 21(2) jew id-delegazzjonijiet tal-awtorizzazzjonijiet imsemmin fl-Artikolu 21(3), għandha tiġi kkomunikata, bil-kunsens tal-impriżi kollha involuti fit-tranżazzjoni, lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara s-sena tar-reġistrazzjoni tat-trasferiment tal-kwota jew tal-awtorizzazzjoni għall-użu tal-kwota u għandha tiġi ssostanzjata b'evidenza li tistabbilixxi li tikkonċerna żball klerikali.

Minkejja l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, it-talbiet għal korrezzjonijiet ta' *data* li jaffettwaw b'mod negattiv l-intitolamenti ta' importaturi u ta' produtturi oħrajn mhux involuti fit-tranżazzjoni sottostanti għandhom jiġu miċħudin.

Artikolu 21

Trasferiment tal-kwoti u awtorizzazzjoni sabiex jintużaw kwoti għat-tqegħid fis-suq ta' idrofluworokarburi f'taġġmir importat

1. Kwalunkwe produttur jew importatur li għalih ikun ġie ddeterminat valur ta' referenza skont l-Artikolu 17(1) jista' jittrasferixxi fil-Portal tal-gassijiet F l-allokazzjoni tal-kwoti tiegħu fuq il-bażi tal-Artikolu 17(4), għall-kwantitajiet kollha jew għal kwalunkwe kwantità, lil produttur jew lil importatur ieħor fl-Unjoni jew lil produttur jew lil importatur ieħor li jkun rappreżentat fl-Unjoni minn rappreżentant uniku msemmi fl-Artikolu 18(1).

Il-kwota ttrasferita kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhiex tiġi ttrasferita għat-tieni darba.

2. Kwalunkwe produttur jew importatur li għalih ikun ġie ddeterminat valur ta' referenza skont l-Artikolu 17(1), jista' jawtorizza fil-Portal tal-gassijiet F impenn fl-Unjoni jew rappreżentat fl-Unjoni minn rappreżentant uniku msemmi fl-Artikolu 19(5), sabiex juża l-kwota tiegħu kollha jew parti minnha għall-fini tal-importazzjoni ta' taġġmir iċċarġjat minn qabel imsemmi fl-Artikolu 19.

Il-kwantitajiet rispettivi tal-idrofluworokarburi għandhom jitqiesu li tqiegħdu fis-suq mill-produttur jew mill-importatur tal-awtorizzazzjoni fil-mument tal-awtorizzazzjoni.

3. Kwalunkwe impriża li tirċievi awtorizzazzjonijiet tista' tiddelega dik l-awtorizzazzjoni għall-użu ta' kwota riċevuti f'konformità mal-paragrafu 2 fil-Portal tal-gassijiet F lil impriża għall-fini tal-importazzjoni ta' taġġmir iċċarġjat minn qabel imsemmi fl-Artikolu 19. Awtorizzazzjoni delegata ma għandhiex tiġi ddelegata għat-tieni darba.
4. It-trasferimenti ta' kwota, l-awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' kwota u d-delegazzjonijiet tal-awtorizzazzjonijiet imwettqin permezz tal-Portal tal-gassijiet F

għandhom ikunu validi biss jekk l-impriża riċeventi taċċettahom permezz tal-Portal tal-gassijiet F.

KAPITOLU V

KUMMERĊ

Artikolu 22

Importazzjonijiet u esportazzjonijiet

L-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u ta' prodotti u ta' tagħmir li jkun fihom dawk il-gassijiet jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk il-gassijiet ħliet f'każijiet ta' ħażna temporanja, huma soġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja valida lill-awtoritajiet doganali skont l-Artikolu 20(4).

Il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra importati fl-Unjoni għandhom jitqiesu bħala gassijiet verġni.

Artikolu 23

Kontrolli tal-kummerċ

1. L-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jinfurzaw il-projbizzjonijiet u restrizzjonijiet oħrajn stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-importazzjonijiet u tal-esportazzjonijiet.
2. Għall-fini tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, l-impriża li jkollha kwota jew awtorizzazzjonijiet sabiex tuża kwota kif meħtieġ skont dan ir-Regolament u reġistrata fil-Portal tal-gassijiet F skont l-Artikolu 20 għandha tkun l-importatur indikat fid-dikjarazzjoni doganali.

Għall-finijiet tal-importazzjonijiet, għajr għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, l-impriża reġistrata fil-Portal tal-gassijiet F skont l-Artikolu 20 għandha tkun id-dikjarant indikat fid-dikjarazzjoni doganali.

Għall-finijiet tal-esportazzjonijiet, l-impriża reġistrata fil-Portal tal-gassijiet F skont l-Artikolu 20 għandha tkun l-esportatur indikat fid-dikjarazzjoni doganali.
3. F'każijiet ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom dawk il-gassijiet jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk il-gassijiet, l-importatur, jew fejn ma jkunx disponibbli, id-dikjarant indikat fid-dikjarazzjoni doganali jew fid-dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja, u f'każijiet ta' esportazzjonijiet, l-esportatur indikat fid-dikjarazzjoni doganali, għandu jipprovdi lill-awtoritajiet doganali fid-dikjarazzjoni dan li ġej, fejn rilevanti:
 - (a) in-numru ta' identifikazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-Portal tal-gassijiet F;
 - (b) in-numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (EORI);
 - (c) il-massa netta ta' gassijiet bl-ingrossa u ta' gassijiet iċċarġjati fi prodotti u f'tagħmir;
 - (d) il-kodiċi tal-komodità li bih tiġi kklassifikata l-merkanzija;
 - (e) it-tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO₂ ta' gassijiet bl-ingrossa u ta' gassijiet li jinsabu fi prodotti jew f'tagħmir, u f'partijiet minnhom.

4. L-awtoritajiet doganali għandhom jivverifikaw, b'mod partikolari, li f'każijiet ta' rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, l-importatur indikat fid-dikjarazzjoni doganali għandu kwota jew awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' kwota kif meħtieġ minn dan ir-Regolament qabel ma jirrilaxxaw il-merkanzija għaċ-ċirkolazzjoni libera. L-awtoritajiet doganali għandhom jiżguraw li, f'każijiet ta' importazzjonijiet, l-importatur indikat fid-dikjarazzjoni doganali jew, fejn ma jkunx disponibbli, id-dikjarant, u, f'każijiet ta' esportazzjonijiet, l-esportatur indikat fid-dikjarazzjoni doganali, ikun reġistrat fil-Portal tal-gassijiet F skont l-Artikolu 20.
5. Fejn rilevanti, l-awtoritajiet doganali għandhom jikkomunikaw informazzjoni dwar l-iżdoganar tal-merkanzija lill-Portal tal-gassijiet F permezz tal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana.
6. L-importaturi ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I u tal-Anness II, f'kontenituri li jistgħu jergħu jimtlew, għandhom jagħmlu disponibbli għall-awtoritajiet doganali, fiż-żmien meta tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni doganali relatata mar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, dikjarazzjoni ta' konformità li tinkludi evidenza li tikkonferma l-arranġamenti fis-seħħ għar-ritorn tal-kontenitur għall-fini ta' mili mill-ġdid.
7. L-importaturi ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandhom jagħmlu disponibbli għall-awtoritajiet doganali fiż-żmien meta tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni doganali relatata mar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni, l-evidenza msemmija fl-Artikolu 4(5).
8. Id-dikjarazzjoni ta' konformità u d-dokumentazzjoni msemmija fl-Artikolu 19(2) għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet doganali fiż-żmien meta tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni doganali relatata mar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni.
9. L-awtoritajiet doganali għandhom jivverifikaw il-konformità mar-regoli dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, meta jwettqu l-kontrolli bbażati fuq analiżi tar-riskju fil-kuntest tal-Qafas Doganali għall-Ġestjoni tar-Riskju u f'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. L-analiżi tar-riskju għandha tqis b'mod partikolari kwalunkwe informazzjoni disponibbli dwar il-probabbiltà ta' kummerċ illegali ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, u l-istorja tal-konformità tal-impriża kkonċernata.
10. Fuq il-bażi tal-analiżi tar-riskju, meta twettaq kontrolli doganali fiżiċi tal-gassijiet u tal-prodotti koperti skont dan ir-Regolament, l-awtorità doganali għandha, b'mod partikolari, tivverifika dan li ġej fuq l-importazzjonijiet u fuq l-esportazzjonijiet:
 - (a) li l-merkanzija ppreżentata tikkorrispondi għal dik deskritta fil-liċenzja u fid-dikjarazzjoni doganali;
 - (b) li l-prodott jew it-tagħmir ippreżentat ma jaqax taħt ir-restrizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 11(1) u (3);
 - (c) li l-merkanzija tkun ittikkettata f'konformità mal-Artikolu 12 qabel ma l-merkanzija tiġi rrilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera.

L-importatur, jew meta ma jkunx disponibbli d-dikjarant, l-esportatur għandu jagħmel il-liċenzja tiegħu disponibbli għall-awtoritajiet doganali matul il-kontrolli f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.
11. L-awtoritajiet doganali jew l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jipprevjenu tentattivi għall-importazzjoni jew għall-

esportazzjoni tas-sustanzi u tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament li diġà ma kinux permessi jidħlu jew joħorġu mit-territorju.

12. L-awtoritajiet doganali għandhom jikkonfiskaw jew jaqbdu kontenituri li ma jistgħux jerġgħu jimtlew ipprojbiti minn dan ir-Regolament għad-disponiment f'konformità mal-Artikoli 197 u 198 tar-Regolament (UE) 952/2013. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jirtiraw jew isejħu lura mis-suq tali kontenituri f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁵.

Għal sustanzi oħrajn u għal prodotti u għal tagħmir koperti minn dan ir-Regolament, jistgħu jittieħdu miżuri alternattivi sabiex tiġi evitata l-importazzjoni, il-provvista ulterjuri, jew l-esportazzjoni illegali, b'mod partikolari f'każijiet ta' idrofluworokarburi mqegħdin fis-suq bl-ingrossa jew iċċarġjati fi prodotti u f'tagħmir bi ksur tar-rekwiżiti tal-kwota u tal-awtorizzazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Ir-riesportazzjoni ta' gassijiet u ta' prodotti u ta' tagħmir li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament hija pprojbita.

13. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw jew japprovaw uffiċċji doganali jew postijiet oħrajn u għandhom jispeċifikaw ir-rotta lejn daww l-uffiċċji u l-postijiet, f'konformità mal-Artikoli 135 u 267 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, għall-preżentazzjoni lid-dwana tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I u tal-prodotti u tat-tagħmir imsemmijin fl-Artikolu 19 mad-dħul tagħhom fit-territorju doganali tal-Unjoni jew mal-ħruġ tagħhom minnu. Daww l-uffiċċji jew il-postijiet doganali għandhom ikunu attrezziati biżżejjed sabiex iwettqu l-kontrolli fiżiċi rilevanti fuq il-bażi tal-analiżi tar-riskju, u għandhom ikunu informati dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni ta' attivitajiet illegali skont dan ir-Regolament.

Il-postijiet u l-uffiċċji doganali ddeżinjati jew approvati msemmijin fl-ewwel subparagrafu biss għandhom ikunu awtorizzati jifflu jew itemmu proċedura ta' tranżitu tal-gassijiet u tal-prodotti jew tat-tagħmir koperti minn dan ir-Regolament.

Artikolu 24

Miżuri għall-monitoraġġ tal-kummerċ illegali

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi miżuri addizzjonali għal daww stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-monitoraġġ ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom daww il-gassijiet jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq daww il-gassijiet, imqegħdin taħt ħażna temporanja, jew taħt proċedura doganali li tinkludi proċedura ta' ħażna doganali jew żona libera jew fi tranżitu mit-territorju doganali tal-Unjoni fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tar-riskji potenzjali ta' kummerċ illegali marbuta ma' tali movimenti, inklużi metodoloġiji ta' traċċar għal gassijiet imqegħdin fis-suq, filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji ambjentali u l-impatti soċjoekonomiċi ta' tali miżuri.

⁴⁵ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

Il-kummerċ ma' stati jew ma' organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali u ma' territorji mhux koperti mill-Protokoll

1. L-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' idrofluworokarburi u ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom idrofluworokarburi jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk il-gassijiet minn u lejn kwalunkwe stat jew organizzazzjoni ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali li ma tkunx qabliet li tkun marbuta bid-dispożizzjonijiet tal-Protokoll applikabbli għal dawk il-gassijiet għandhom ikunu pprojbiti mill-1 ta' Jannar 2028.
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli applikabbli għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni u għall-esportazzjoni ta' prodotti u ta' tagħmir importati minn u esportati lejn kwalunkwe Stat jew organizzazzjoni ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali soġġetta għall-paragrafu 1, li ġew prodotti bl-użu ta' idrofluworokarburi iżda li ma fihomx gassijiet li jistgħu jiġu identifikati b'mod pożittiv bħala idrofluworokarburi, kif ukoll regoli dwar l-identifikazzjoni ta' tali prodotti u tagħmir. Meta tadotta dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tqis id-deċiżjonijiet rilevanti meħudin mill-Partijiet għall-Protokoll u, fir-rigward tar-regoli dwar l-identifikazzjoni ta' tali prodotti u tagħmir, il-parir tekniku perijodiku mogħti lill-Partijiet għall-Protokoll.
3. B'deroga mill-paragrafu 1, il-kummerċ ma' kwalunkwe stat jew organizzazzjoni reġjonali ta' integrazzjoni ekonomika soġġetta għall-paragrafu 1 f'idrofluworokarburi u f'tagħmir li fih idrofluworokarburi jew li l-funzjonament tiegħu jiddependi fuq dawk il-gassijiet jew li huwa prodott permezz ta' xi wieħed jew aktar minn dawk il-gassijiet jista' jkun awtorizzat mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, dment li jiġi ddeterminata li l-istat jew l-organizzazzjoni reġjonali ta' integrazzjoni ekonomika minn laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll skont l-Artikolu 4(8) tal-Protokoll tkun f'konformità sħiħa mal-Protokoll u tkun issottomettiet *data* għal dak l-għan kif speċifikat fl-Artikolu 7 tal-Protokoll. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 34(2).
4. Soġġett għal kwalunkwe deċiżjoni meħuda skont il-paragrafu 2, il-paragrafu 1 għandu japplika għal kwalunkwe territorju mhux kopert mill-Protokoll bl-istess mod hekk kif tali deċiżjonijiet japplikaw għal kwalunkwe stat jew organizzazzjoni reġjonali ta' integrazzjoni ekonomika soġġetta għall-paragrafu 1.
5. Meta l-awtoritajiet ta' territorju li ma jkunx kopert mill-Protokoll ikunu konformi mal-Protokoll u jkunu ppreżentaw *data* għal dak l-iskop kif speċifikat fl-Artikolu 7 tal-Protokoll, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, li wħud mid-dispożizzjonijiet jew id-dispożizzjonijiet kollha tal- paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx ikunu applikabbli għal dak it-territorju. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 34(2).

KAPITOLU VI

IR-RAPPORTAR U L-ĠBIR TA' DATA DWAR L-EMISSJONIJIET

Artikolu 26

Rapportar minn impriżi

1. Sal-31 ta' Marzu [*OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], u kull sena wara din, kull produttur, importatur u esportatur li pproduċew, importaw jew esportaw idrofluworokarburi jew kwantitajiet li jaqbżu tunnellata metrika waħda jew 100 tunnellata f'ekwivalenti ta' CO₂ ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra oħrajn matul is-sena kalendarja preċedenti għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni d-data speċifikata fl-Anness IX dwar kull waħda minn dawk is-sustanzi għal dik is-sena kalendarja. Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għall-impriżi kollha li jirċievu kwoti skont l-Artikolu 21(1).

Sal-31 ta' Marzu [*OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], u kull sena wara din, kull importatur jew produttur li jkun ġie allokat kwota skont l-Artikolu 17(4), jew ikun irċieva kwoti skont l-Artikolu 21(1) iżda ma jkun qiegħed l-ebda kwantità ta' idrofluworokarburi fis-suq matul is-sena kalendarja preċedenti, għandu jirrapporta lill-Kummissjoni billi jissottometti "rapport zero".
2. Sal-31 ta' Marzu [*OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], u kull sena wara din, kull impriża li tkun qerdet idrofluworokarburi jew kwantitajiet li jaqbżu tunnellata metrika waħda jew 100 tunnellata f'ekwivalenti ta' CO₂ ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra oħrajn matul is-sena kalendarja preċedenti għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni d-data speċifikata fl-Anness IX dwar kull waħda minn dawk is-sustanzi għal dik is-sena kalendarja.
3. Sal-31 ta' Marzu [*OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], kull impriża li użat 1 000 tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂ jew aktar f'gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I bħala materja prima matul is-sena kalendarja preċedenti għandha tirrapporta lill-Kummissjoni d-data speċifikata fl-Anness IX dwar kull waħda minn dawk is-sustanzi għal dik is-sena kalendarja.
4. Sal-31 ta' Marzu [*OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], kull impriża li qiegħdet 100 tunnellata f'ekwivalenti ta' CO₂ jew aktar ta' idrofluworokarburi, jew 500 tunnellata f'ekwivalenti ta' CO₂ jew aktar ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jinsabu fi prodotti jew f'taġħmir fis-suq matul is-sena kalendarja preċedenti għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni d-data speċifikata fl-Anness IX dwar kull waħda minn dawk is-sustanzi għal dik is-sena kalendarja.
5. Sal-31 ta' Marzu [*OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], u kull sena minn hemm 'il quddiem, kull impriża li tkun irċiviet kwalunkwe kwantità ta' idrofluworokarburi msemija fl-Artikolu 16(2) għandha tirrapporta lill-Kummissjoni d-data speċifikata fl-Anness IX dwar kull waħda minn dawk is-sustanzi għal dik is-sena kalendarja.

Sal-31 ta' Marzu [*OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], u kull sena wara din, kull produttur jew importatur li jkun qiegħed fis-suq idrofluworokarburi bl-għan li jipproduċi inalaturi b'doża mkejla għall-konsenja

ta' ingredjenti farmaċewtiċi għandu jirrapporta lill-Kummissjoni d-*data* speċifikata fl-Anness IX. Il-manifatturi ta' tali inalaturi b'doża mkejla għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni d-*data* speċifikata fl-Anness IX dwar l-idrofluworokarburi riċevuti.

6. Sal-31 ta' Marzu [OP: *Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], u kull sena wara din, kull impriża li tkun irreklamata kwantitajiet li jaqsbu tunnellata metrika 1 jew 100 tunnellata f'ekwivalenti ta' CO₂ ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni d-*data* speċifikata fl-Anness IX dwar kull waħda minn dawk is-sustanzi għal dik is-sena kalendarja.
7. Sat-30 ta' April [OP: *Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], kull importatur ta' tagħmir li jkun qiegħed fis-suq tagħmir iċċarġjat minn qabel kif imsemmi fl-Artikolu 19 li jkun fih tal-anqas 1 000 tunnellata ta' idrofluworokarburi ekwivalenti ta' CO₂, u meta dawk l-idrofluworokarburi ma jkunux tqiegħdu fis-suq qabel l-iċċarġjar tat-tagħmir, għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport ta' verifika maħruġ skont l-Artikolu 19(3).
8. Sat-30 ta' April [OP: *Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*], u kull sena wara dik, kull impriża li skont il-paragrafu 1 tirrapporta dwar it-tqegħid fis-suq ta' 1 000 tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂ jew aktar ta' idrofluworokarburi matul is-sena kalendarja preċedenti għandha, barra minn hekk, tiżgura li l-veraċità tar-rapport tagħha tiġi kkonfermata, f'livell raġonevoli ta' assigurazzjoni, minn awditur indipendenti. L-awditur għandu jiġi rreġistrat fil-Portal tal-gassijiet F u għandu jkun jew:
 - (a) akkreditat skont id-Direttiva 2003/87/KE; jew
 - (b) akkreditat sabiex jivverifika rapporti finanzjarji f'konformità mal-leġislazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

It-tranżazzjonijiet imsemmijin fil-punt (c) tal-Artikolu 16(2) għandhom jiġu vverifikati irrispettivament mill-kwantitajiet involuti.

Il-Kummissjoni tista' titlob impenn sabiex tiżgura li l-veraċità tar-rapport tagħha tiġi kkonfermata f'livell raġonevoli ta' assigurazzjoni, minn awditur indipendenti, irrispettivament mill-kwantitajiet involuti, fejn meħtieġ sabiex tikkonferma l-konformità tagħha mar-regoli skont dan ir-Regolament.

Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tispeċifika d-dettalji tal-verifika tar-rapporti u tal-akkreditazzjoni tal-verifikaturi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2).

9. Ir-rapportar u l-verifika kollha msemmijin f'dan l-Artikolu għandhom jitwettqu permezz tal-Portal tal-gassijiet F.

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-format tas-sottomissjoni tar-rapporti msemmijin f'dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2).

Ġbir ta' *data* dwar l-emissjonijiet

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi ta' rapportar għas-setturi rilevanti msemmijin f'dan ir-Regolament, bl-objettiv li tinkiseb *data* dwar l-emissjonijiet.

L-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, jippermettu r-reġistrazzjoni tal-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikolu 7 permezz ta' sistema elettronika ċentralizzata.

KAPITOLU VII

L-INFURZAR

Kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, l-awtoritajiet ambjentali u awtoritajiet oħrajn b'funzjonijiet ta' spezzjoni għandhom jikkooperaw ma' xulxin, mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħrajn, mal-Kummissjoni, u jekk ikun neċessarju, ma' awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament.

Meta tkun meħtieġa kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni xierqa tal-qafas tal-ġestjoni tar-riskju doganali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu l-informazzjoni neċessarja kollha lid-dwana f'konformità mal-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) 952/2013.

2. Meta l-awtoritajiet doganali, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jew kwalunkwe awtorità kompetenti oħra ta' Stat Membru jkunu individwaw ksur ta' dan ir-Regolament, dik l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-awtorità ambjentali jew, jekk ma tkunx rilevanti, lil kwalunkwe awtorità oħra responsabbli għall-infurzar tal-penali f'konformità mal-Artikolu 31.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikun jista' jkollhom aċċess u jiskambjaw b'mod effiċjenti bejniethom kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-infurzar ta' dan ir-Regolament. Tali informazzjoni għandha tinkludi *data* relatata mad-dwana, informazzjoni dwar is-sjieda u l-istatus finanzjarju, kwalunkwe ksur ambjentali, kif ukoll *data* reġistrata fil-Portal tal-gassijiet F.

Dik l-informazzjoni għandha tkun disponibbli wkoll għall-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħrajn u għall-Kummissjoni meta jkun meħtieġ sabiex jiġi żgurat l-infurzar ta' dan ir-Regolament. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni dwar ksur tal-Artikolu 16(1).

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwissu lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra meta jindividwaw ksur ta' dan ir-Regolament li jista' jaffettwa aktar minn Stat Membru wieħed. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, b'mod partikolari, jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħrajn meta jindividwaw prodott rilevanti fis-suq li ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, sabiex ikunu jista' jiġi ssekwestrat, ikkonfiskat, irtirat jew jinġabar lura mis-suq għar-rimi.

Is-Sistema ta' Ġestjoni tar-Riskji Doganali għandha tintuża għall-iskambju ta' informazzjoni doganali relatata mar-riskju.

L-awtoritajiet doganali għandhom jiskambjaw ukoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti relatata mal-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 515/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁶ u għandhom jitolbu assistenza mill-Istati Membri l-oħrajn u mill-Kummissjoni fejn rilevanti.

Artikolu 29

Obbligu li jitwettqu kontrolli

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli sabiex jistabbilixxu jekk l-impriżi jikkonformawx mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.
2. Il-kontrolli għandhom jitwettqu skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju, li jqis, b'mod partikolari, l-istorja tal-konformità ta' impriżi, ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità ta' prodott speċifiku ma' dan ir-Regolament, u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra riċevuta mill-Kummissjoni, mill-awtoritajiet doganali nazzjonali, mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u mill-awtoritajiet ambjentali jew mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu wkoll kontrolli meta jkollhom evidenza jew informazzjoni rilevanti oħra, inkluż abbażi ta' tħassib sostanzjat ipprovdut minn partijiet terzi, dwar nuqqas potenzjali ta' konformità ma' dan ir-Regolament.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom iwettqu wkoll il-kontrolli li l-Kummissjoni tqis neċessarji sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament.

3. Il-kontrolli msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jinkludu żjarat fuq il-post ta' stabbilimenti bil-frekwenza xierqa u l-verifika tad-dokumentazzjoni u tat-tagħmir rilevanti.

Il-kontrolli għandhom jitwettqu mingħajr twissija minn qabel tal-impriża, ħlief fejn tkun meħtieġa notifika minn qabel sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-kontrolli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi jagħtu lill-awtoritajiet kompetenti l-assistenza kollha meħtieġa sabiex daww l-awtoritajiet ikunu jistgħu jwettqu l-kontrolli previsti f'dan l-Artikolu.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu rekords tal-kontrolli li jindikaw partikolarment in-natura u r-riżultati tagħhom, kif ukoll dwar il-miżuri meħuda f'każ ta' nuqqas ta' konformità. Għandhom jinżammu r-rekords tal-kontrolli kollha għal tal-anqas ħames snin.
5. Fuq talba ta' Stat Membru ieħor, Stat Membru jista' jwettaq kontrolli fuq impriżi li jkunu suspettati li jkunu involuti fil-moviment illegali tal-gassijiet u ta' prodotti u ta' tagħmir koperti minn dan ir-Regolament u li jkunu qegħdin joperaw fit-territorju ta' dak l-Istat Membru. L-Istat Membru rikjedenti għandu jiġi informat dwar ir-riżultat tal-kontroll.

⁴⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 515/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajjnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-koooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1).

6. Fit-twettiq tal-kompiti assenjati lilha minn dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' titlob l-informazzjoni neċessarja kollha mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u mill-impriżi. Meta titlob informazzjoni minn impriża l-Kummissjoni għandha fl-istess waqt tgħaddi kopja tat-talba lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun tinsab l-impriża.
7. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-passi xierqa sabiex tippromwovi skambju adegwat ta' informazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-passi xierqa sabiex tipproteġi l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miksuba skont dan l-Artikolu.

Artikolu 30

Rapportar ta' ksur u protezzjoni tal-persuni li jirrapportaw

Id-Direttiva (UE) 2019/1937 għandha tapplika għar-rapportar ta' ksur ta' dan ir-Regolament u għall-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw ksur bħal dan.

KAPITOLU VIII

PENALI, FORUM TA' KONSULTAZZJONI, PROĊEDURA TA' KUMITAT, U EŻERĊIZZJU TA' DELEGA

Artikolu 31

Penali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissuazivi. L-Istati Membri għandhom, sal-1 ta' Jannar [OP jekk jogħġbok daħħal is-sena = sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u b'dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.
2. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont id-Direttiva 2008/99/KE, l-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-liġi nazzjonali, jipprevedu li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jimponu penali amministrattivi xierqa u jieħdu miżuri amministrattivi oħrajn fir-rigward ta' dak il-ksur.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-livell u t-tip ta' penali jkunu xierqa u proporzjonati u jiġu applikati filwaqt li jqisu tal-anqas il-kriterji li ġejjin:
 - (a) in-natura u l-gravità tal-ksur;
 - (b) il-karattru intenzjonali jew negliġenzi tal-ksur;
 - (c) kwalunkwe ksur preċedenti ta' dan ir-Regolament mill-impriża miżmuma responsabbli;
 - (d) is-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriża miżmuma responsabbli;
 - (e) il-benefiċċji ekonomiċi derivati jew mistennijin li jiġu dderivati mill-ksur.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu jistgħu tal-anqas jimponu l-penali li ġejjin f'każ ta' ksur ta' dan ir-Regolament:
 - (a) il-multi;
 - (b) il-konfiska jew is-sekwestru ta' merkanzija miksuba illegalment jew ta' dħul miksub mill-impriża mill-ksur;
 - (c) is-sospensjoni jew ir-revoka tal-awtorizzazzjoni sabiex jitwettqu attivitajiet meta daww jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
5. F'każijiet ta' produzzjoni, ta' importazzjoni, ta' esportazzjoni, ta' tqegħid fis-suq illegali, jew tal-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom daww il-gassijiet jew li l-funzjonijiet tagħhom jiddependi fuq daww il-gassijiet, l-Istati Membri għandhom jipprevedu multi amministrattivi massimi ta' mill-inqas ħames darbiet il-valur tas-suq tal-gassijiet jew tal-prodotti u tat-tagħmir ikkonċernati. F'każ ta' ksur ripetut f'perjodu ta' ħames snin, l-Istati Membri għandhom jipprevedu multi amministrattivi massimi ta' mill-inqas tmien darbiet il-valur tal-gassijiet jew tal-prodotti u tat-tagħmir ikkonċernati.

F'każijiet ta' ksur tal-Artikolu 4(1), l-impatt potenzjali fuq il-klima għandu jiġi rifless billi jitqies il-prezz tal-karbonju fid-determinazzjoni ta' multa amministrattiva.
6. Flimkien mal-penali msemmijin fil-paragrafu 1, impriżi li qabżu l-kwota tagħhom għat-tqegħid fis-suq ta' idrofluworokarbur, allokata f'konformità mal-Artikolu 17(4) jew trasferita lilhom f'konformità mal-Artikolu 21(1), jistgħu jiġu allokati biss allokazzjoni ta' kwota mnaqqsa għall-perjodu ta' allokazzjoni wara li jkun instab iż-żejjed.

L-ammont tat-tnaqqis għandu jiġi kkalkolat bħala 200 % tal-ammont li bih inqabżet il-kwota. Jekk l-ammont tat-tnaqqis ikun ikbar mill-ammont li għandu jiġu allokat skont l-Artikolu 17(4) bħala kwota għall-perjodu ta' allokazzjoni wara li jkun instab iż-żejjed, ma għandha tiġi allokata l-ebda kwota għal dak il-perjodu ta' allokazzjoni u l-kwota għall-perjodi ta' allokazzjoni ta' wara għandha titnaqqas ukoll sa ma jkun tnaqqas l-ammont sħiħ. It-tnaqqis għandu jiġi rreġistrat fil-Portal tal-gassijiet F.

Artikolu 32

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 8(8), fl-Artikolu 12(17), fl-Artikolu 16(3), 17(6), fl-Artikolu 24, fl-Artikolu 25(2) u fl-Artikolu 35 għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat [*mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament*].
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8(8), fl-Artikolu 12(17), fl-Artikolu 16(3), fl-Artikolu 17(6), fl-Artikolu 24, fl-Artikolu 25(2) u fl-Artikolu 35 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat li ġie adottat skont l-Artikolu 8(8), l-Artikolu 12(17), l-Artikolu 16(3), l-Artikolu 17(6), l-Artikolu 24, l-Artikolu 25(2) u l-Artikolu 35 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li huma ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 33

Forum ta' Konsultazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Forum ta' Konsultazzjoni sabiex jipprovdi pariri u għarfien espert fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-regoli ta' proċedura tal-Forum ta' Konsultazzjoni għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni u għandhom jiġu ppubblikati.

Artikolu 34

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat dwar il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

KAPITOLU IX

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

Artikolu 35

Rieżami

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 sabiex temenda l-Annessi I, II III u VI fir-rigward tal-potenzjal ta' tisħin globali tal-gassijiet elenkati, fejn ikun neċessarju fid-dawl ta' Rapporti ta' Valutazzjoni ġodda adottati mill-Bord Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima jew ta' rapporti ġodda tal-Bord ta' Valutazzjoni Xjentifika (PSA) tal-Protokoll ta' Montreal.

Sal-1 ta' Jannar 2033, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 36

Revoka

Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament (UE) Nru 517/2014 għandhom jiftiehm bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness X.

Artikolu 37

Emenda għad-Direttiva (UE) Nru 2019/1937

Fil-punt 2 tat-Taqsima E tal-Parti I tal-Anness tad-Direttiva (UE) Nru 2019/1937, jiżdied il-punt li ġej:

ir-Regolament (UE) Nru [OP: jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 [OP: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza tal-ĠU għal dan ir-Regolament]”.

Artikolu 38

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar [OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena ta' wara s-sena tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

L-Artikoli 20(2), 20(3) u 23(5) għandhom japplikaw mill-:

- (a) [[1 ta' Marzu 2023] data = id-data tal-applikazzjoni speċifikata fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 fl-Anness għall-parti li tikkonċerna gassijiet fluworurati b'effett ta' serra] għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera msemmija fl-Artikolu 201 tar-Regolament (UE) 952/2013;
- (b) [[1 ta' Marzu 2025] data = id-data tal-applikazzjoni speċifikata fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Ambjent ta' Tieqa Unika Ewropea għad-Dwana u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 fl-Anness għall-parti li tikkonċerna gassijiet fluworurati b'effett ta' serra] għal proċeduri ta' importazzjoni għajr dik imsemmija fil-punt (a), u għall-esportazzjoni.

L-Artikolu 17(5) għandu japplika minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena ta' wara s-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburg,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

Werrej

1.	QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA	46
1.1.	Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva	46
1.2.	Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)	46
1.3.	Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' :.....	46
1.4.	Objettiv(i).....	46
1.4.1.	Objettiv(i) ġenerali	46
1.4.2.	Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi (tar-rieżami)	46
1.4.3.	Riżultat(i) u impatt mistennija	47
1.4.4.	Indikaturi tal-prestazzjoni	47
1.5.	Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva.....	48
1.5.1.	Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva	48
1.5.2.	Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.	50
1.5.3.	Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi.....	50
1.5.4.	Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn.....	51
1.5.5.	Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni	51
1.6.	Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva.....	52
1.7.	Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i	52
2.	MIŻURI TA' ĠESTJONI	52
2.1.	Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar.....	52
2.2.	Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll	53
2.2.1.	Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta	53
2.2.2.	Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom	53
2.2.3.	Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq).....	53
2.3.	Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet.....	54
3.	IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA	55

3.1.	Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.....	55
3.2.	Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet	56
3.2.1.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali	56
3.2.2.	Output stmat iffinanzjat bl-appropriazzjonijiet operazzjonali	58
3.2.3.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi	60
3.2.4.	Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali	62
3.2.5.	Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi.....	62
3.3.	Impatt stmat fuq id-dħul.....	63
TOC		

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 517/2014

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Azzjoni Klimatika

Intestatura 3 Riżorsi Naturali u Ambjent

Titolu 9 – Ambjent u Azzjoni Klimatika

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja⁴⁷

✓ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

Ir-Regolament propost tal-UE dwar il-gassijiet F għandu l-objettiv ġenerali li:

- Jipprevjeni emissjonijiet ta' gassijiet F, u b'hekk jikkontribwixxu għall-objettivi klimatiċi tal-UE;
- Jiżgura l-konformità fir-rigward tal-obbligi relatati mal-idrofluworokarburi (HFCs) skont *il-Protokoll ta' Montreal* dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu.

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi (tar-rieżami)

L-objettivi speċifiċi għar-rieżami tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 dwar il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra (ir-Regolament dwar il-gassijiet f):

⁴⁷

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

- Jikseb tnaqqis addizzjonali fl-emissjonijiet ta' gassijiet F sabiex jikkontribwixxi aktar għall-ilħuq tal-mira ta' tnaqqis ta' 55 % sal-2030 u tan-newtralità karbonika sal-2050.

- Jallinja bis-sħiħ ir-regoli tal-UE dwar il-gassijiet F mal-Protokoll ta' Montreal sabiex jipprevjeni n-nuqqas ta' konformità.
- Jiffaċilita l-implimentazzjoni u l-infurzar imtejbin, il-funzjonament tas-sistema ta' kwoti u jippromwovi t-taħriġ dwar alternattivi għall-gassijiet F.
- Itejjeb il-monitoraġġ u r-rapportar sabiex jiġu eliminati l-lakuni eżistenti u jtejjeb il-kwalità tal-proċess u tad-data għall-konformità.
- Itejjeb iċ-ċarezza u l-koerenza interna sabiex jappoġġa l-implimentazzjoni u l-fehim aħjar tar-regoli.

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Objettiv speċifiku tar-rieżami A:

L-iffrankar kumulattiv tal-emissjonijiet ta' madwar 40 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂ sal-2030 u ta' madwar 310 Miljun tunnellata f'ekwivalenti ta' CO₂ sal-2050, minbarra dak l-iffrankar diġà antiċipat mir-Regolament attwali dwar il-gassijiet F. Il-bidliet proposti jwasslu għal iffrankar globali tal-kostijiet u f'haġna subsetturi tal-ekonomija u se jippromwovu l-innovazzjoni u t-teknoloġiji ekoloġiċi u xi setturi jibbenefikaw minn produzzjoni, minn riċerka u minn impjiegi ogħla fit-tul.

Objettiv speċifiku tar-rieżami B:

Konformità sħiħa mal-Protokoll ta' Montreal fir-rigward tal-obbligi relatati mal-idrofluworokarburi.

Objettiv speċifiku tar-rieżami Ċ:

L-attivitajiet illegali jitnaqqsu, b'mod partikolari minħabba regoli aktar preċiżi fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-idrofluworokarburi kif ukoll bidla mill-allokazzjoni tal-kwoti mingħajr hla għall-ħtieġa ta' prezz għall-kwota allokata (EUR 3/ għal kull tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂). Uħud mill-miżuri l-ġodda jżidu b'mod moderat il-piż amministrattiv għall-industrija u għall-awtoritajiet fl-Istati Membri. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-prezz tal-kwota tnaqqas il-benefiċċju miksub mid-detenturi tal-kwoti minn differenza fil-prezz bejn l-UE u s-suq dinji għall-idrofluworokarburi. L-implimentazzjoni tal-prezz tal-kwota żżid b'mod sinifikanti l-piż fuq il-Kummissjoni minbarra l-isforzi diġà estensivi sabiex tospita, tiżviluppa, iżżomm u topera s-sistema ta' kwoti u timplimenta r-rekwiżiti ta' liċenzjar tal-Protokoll ta' Montreal kemm għall-gassijiet F kif ukoll għas-Sustanzi li jnaqqsu l-ożonu.

Objettiv speċifiku tar-rieżami D:

Il-monitoraġġ ikun aktar komprensiv, li jagħmilha possibbli li jiġi vvalutat il-progress kif ukoll li jiġi identifikati theddidiet futuri. Ikun aktar effiċjenti wkoll billi jiġi allinjati l-limiti u d-dati dwar l-obbligi ta' rapportar u ta' verifika, kif ukoll billi jiġi ddiġitalizzat il-proċess.

Objettiv speċifiku tar-rieżami Nru E:

Konformità aħjar mar-Regolament u sinerġiji ma' politiki oħrajn.

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Objettiv A: It-tqabbil tal-livell ta' emissjonijiet immudellat sal-2030 mal-emissjonijiet attwali kif irrapportati skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013;

Objettiv B: L-evitar ta' kwalunkwe deċiżjoni mill-Kumitat ta' Implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Montreal dwar il-konformità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha mar-regoli tal-Protokoll ta' Montreal dwar l-idrofluworokarburji;

Objettiv Ċ: *Data* miġbura dwar il-funzjonament tas-sistema ta' kwoti kif ukoll ir-rispons tal-industrija u tal-Istati Membri, inkluż il-livell perċepit tagħhom ta' attivitajiet illegali;

Objettiv D: Il-feedback tal-partijiet ikkonċernati u tal-Istati Membri dwar il-proċess ta' rapportar u l-esperjenza fil-kontroll tal-konformità;

Objettiv E: Il-feedback tal-partijiet ikkonċernati u tal-Istati Membri dwar iċ-ċarezza u l-koerenza perċepiti ma' politiki oħrajn.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Fl-2021, l-UE żiedet l-ambizzjoni klimatika tagħha permezz tar-Regolament (UE) 2021/1119 (il-**Liġi Ewropea dwar il-Klima**). Din il-liġi tistabbilixxi mira kumplessiva vinkolanti għat-tnaqqis nett tal-gassijiet serra (GHG) ta' mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990 u għan-newtralità klimatika sal-2050. Il-liġi hija bbażata fuq il-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030⁴⁸ li jenfasizza li l-azzjoni klimatika hija meħtieġa fis-setturi kollha u li **l-istrumenti ta' politika kollha rilevanti għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tagħna jridu jaħdmu b'koerenza**. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni pproponiet li żżid il-miri annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' GHG għall-Istati Membri mill-2021 sal-2030 għal setturi mhux koperti mis-Sistema eżistenti tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) fil-proposta tagħha sabiex temenda r-Regolament (UE) 2018/842 (ir-**Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi**).⁴⁹

L-emissjonijiet tal-gassijiet F huma gassijiet serra b'tisħin għoli li jgħoddu mal-miri nazzjonali tal-emissjonijiet ta' GHG għall-Istati Membri. Illum, l-emissjonijiet tal-gassijiet F jirrappreżentaw kważi 5 % tal-emissjonijiet kollha ta' GHG koperti mill-miri tagħhom. Ir-Regolament propost dwar il-gassijiet F **se jkompli jappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom sabiex jilhqqu l-miri nazzjonali tagħhom tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra** bl-aktar mod kosteffettiv. Ir-Regolament propost qiegħed isegwi l-istess approċċi bħar-Regolament attwali minħabba li ġeneralment jitqies bħala pjuttost effettiv. Madankollu, tkun opportunità mitlufa li ma jiġix sfruttat potenzjal mhux użat sabiex jitnaqqsu aktar l-emissjonijiet ta' gassijiet F b'kostijiet moderati. Huwa neċessarju wkoll li tiġi żgurata konformità sħiħa mal-

⁴⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna", COM(2020) 562 final.

⁴⁹ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/842 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, COM(2021) 555 final

Emenda ta' Kigali għall-Protokoll ta' Montreal, li ġiet miftiehma internazzjonalment wara l-adozzjoni tar-Regolament attwali dwar il-gassijiet F. Fl-aħħar nett, hemm bżonn li jiġi żgurat li r-Regolament ikun jista' jiġi infurzat b'mod aktar effettiv u effiċjenti.

L-Regolament huwa **direttament applikat fl-Istati Membri** kollha u se jkun jesiġi li jaġġornaw il-programmi ta' taħriġ u ċertifikazzjoni f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni riveduti fi żmien sena mid-data ta' applikazzjoni tar-Regolament. L-Istati Membri se jkollhom ukoll jaġġustaw il-penali tagħhom għall-ksur tar-Regolament dwar il-gassijiet F fi żmien sena mid-data ta' applikazzjoni tar-Regolament. L-obbligi għall-awtoritajiet kompetenti, inklużi l-awtoritajiet doganali u ta' sorveljanza, huma ċċarati fir-Regolament rieżaminat sabiex jittejjbu l-kontrolli u l-infurzar.

L-**Aġenzija Ambjentali Ewropea (EEA)** jeħtiġilha tadatta ftit l-għodda ta' rapportar tagħha għall-impriżi li jirrapportaw dwar il-gassijiet F, minħabba l-bidliet fl-obbligi ta' rapportar.

Il-**Kummissjoni** jeħtiġilha tkompli tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tas-sistema ta' liċenzjar tal-kwoti u tal-kummerċ għall-idrofluworokarburi, li bħalissa tkopri madwar 5000 impriża. Jekk wieħed jassumi li r-Regolament propost se jsir applikabbli mill-2024, il-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura dan li ġej:

2023 - 2024:

- Hosting, operazzjoni, manutenzjoni kontinwi tal-Portal tal-gassijiet F u tas-Sistema ta' Liċenzjar tal-HFCs u l-iżviluppi relatati mal-iskambji tad-*data* bejn il-Portal tal-gassijiet F u s-Sistema ta' Liċenzjar tal-HFCs u s-sistemi tal-IT doganali tal-Istati Membri permezz tas-Sistema ta' Skambju tad-DĠ TAXUD tat-Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana li hija komponent ċentrali tal-Ambjent tat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana kif ukoll miżuri xierqa għas-sigurtà tad-*data*.
- L-aċċertar tan-nisġiet mal-modulu ta' rapportar ospitat fl-EEA u l-iżvilupp ulterjuri kif meħtieġ minħabba r-rieżami, b'mod partikolari l-modulu ta' verifika elettronika.
- It-tħejjija tal-iżviluppi tal-IT tal-Portal tal-gassijiet F u tas-Sistema ta' Liċenzjar tal-HFCs sabiex jikkomplementaw is-sistema tal-IT attwali b'funzjonijiet ġodda sabiex jiġu implimentati l-bidliet previsti jekk ir-Regolament propost u l-leġiżlazzjoni sekondarja, b'mod partikolari l-proċess ta' ħlas tal-kwoti u t-titjib tar-rabtiet mar-Regolament dwar l-ODS.
- L-isforzi operazzjonali u amministrattivi relatati mat-tħejjija tal-bidliet fir-rekwiżiti dwar l-allokazzjoni tal-kwoti u r-reġistrazzjoni, inkluż il-ġbir tad-dħul.
- L-adozzjoni tal-miżuri ta' implimentazzjoni rilevanti.

2025:

- Aktar żvilupp tal-Portal tal-gassijiet F u tas-Sistema ta' Liċenzjar tal-HFCs u d-dħul fis-seħħ tal-funzjonalitajiet il-ġodda.
- It-tħaddim u x-xegħil ta' modulu ġdid ta' verifika.

- Il-kontinwazzjoni tal-kompiti relatati mal-iskambji tad-*data* mal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u mal-modulu ta' rapportar tal-EEA.
- It-tnejn u l-implimentazzjoni tal-allokazzjoni l-għdida proposta tal-kwoti u tal-proċess għall-għbir tad-dħul.
- **2026 – u wara:**
- L-implimentazzjoni sħiħa tas-sistema riveduta tal-kwoti tal-HFCs u tal-Portal tal-gassijiet F u tas-Sistema ta' Liċenzjar tal-HFCs.
- Il-manutenzjoni tal-IT tal-Portal tal-gassijiet F u tas-Sistema ta' Liċenzjar tal-HFCs.
- Huwa meħtieġ livell suffiċjenti u stabbli ta' riżorsi sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-funzjonament xierqa tas-sistemi li huma meħtieġa sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa mal-Protokoll ta' Montreal.

Meta jitqies li d-detenturi tal-kwoti qegħdin jibbenefikaw mill-kwota alllokata lilhom, jidher xieraq li d-dħul li jirriżulta mill-prezz tal-kwota, ladarba jkun disponibbli, jintuża sabiex ikopri l-kostijiet tal-implimentazzjoni tas-sistema. Barra minn hekk, minħabba r-rekwiżiti tal-Protokoll ta' Montreal kemm għall-idrofluworokarburi kif ukoll għas-sustanzi li jnaqqsu l-ożonu (ODS), il-ħoloq neċessarji mal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana u l-faċilitazzjoni ta' infurzar aħjar, huwa propost li d-dħul mill-bejgħ tal-kwoti jintuża sabiex ikopri l-kostijiet relatati ma' dawn l-attivitajiet meħtieġa. Id-dħul li jifdal huwa propost li jiġi rritornat lill-Baġit tal-UE bħala dħul mhux assenjat. Sakemm jiġi ġġenerat dħul mill-allokazzjoni tal-kwoti, il-kostijiet ta' implimentazzjoni jkollhom jitwettqu mill-Kummissjoni.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-fini ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.*

Il-miżuri fir-Regolament huma relatati ma' prodotti u ma' tagħmir li huma nnegożjati fis-suq uniku tal-UE. Il-miżuri huma relatati wkoll mal-ħtieġa ta' konformità mal-obbligi tal-Protokoll ta' Montreal fil-livell tal-UE. Ma huwiex biss l-aktar effettiv li dawn il-miżuri jittieħdu fil-livell tal-UE iżda prattikament ma jkunx fattibbli li tiġi ssalvagwardjata l-konformità tal-Protokoll ta' Montreal permezz ta' 27 regola nazzjonali u sistemi ta' liċenzjar kummerċjali differenti. Dan huwa kkonfermat bis-sħiħ mill-evalwazzjoni (l-Anness 5 tal-valutazzjoni tal-impatt).

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Ir-Regolament attwali dwar il-gassijiet F ġie adottat fl-2014 u jibni fuq l-ewwel Regolament dwar il-gassijiet F mill-2006. L-evalwazzjoni tar-Regolament attwali dwar il-gassijiet F turi li fil-biċċa l-kbira kien effettiv.

Madankollu, hemm xi sfidi li jeħtieġ li jiġu indirizzati (*ara l-obbjettivi speċifiċi ta' rieżami aktar 'il fuq*). Din il-proposta hija mmirata lejn dawn il-kwistjonijiet b'diversi miżuri bbażati fuq it-tagħlimiet meħudin.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tas-sistema ta' kwoti u tal-liċenzji, l-isfidi tal-infurzar u livell mhux sodisfaċenti ta' importazzjonijiet illegali kienu qegħdin joħlqu riskji għall-integrità ambjentali, għall-kompetittività ta' negozjanti ġenwini u

għar-reputazzjoni tal-UE. Barra minn hekk, l-isforzi amministrattivi meħtieġa mill-Kummissjoni sabiex timplimenta r-Regolament attwali kienu sottovalutati b'mod sever minħabba li:

- Kien hemm żieda qawwija mhux prevista fid-detenturi tal-kwoti (minn 100 għal madwar 2000 importatur tal-idrofluworokarburi).
- Matul il-proċedura ta' kodeċiżjoni ġew inklużi l-importaturi ta' tagħmir li fih l-idrofluworokarburi (3000 impriża addizzjonali).
- L-importazzjonijiet illegali kienu jeħtieġu ħafna azzjonijiet, inkluża ħidma estensiva għat-tħejjija tal-ħoloq mal-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana.
- Htieġa kontinwa sabiex tiżdied is-sigurtà tal-IT.

S'issa, il-Kummissjoni allokat riżorsi mill-ġdid u bbażat fuq l-akkwist ta' servizzi mis-suq. Madankollu, din ma hijiex soluzzjoni sostenibbli fit-tul meta wieħed iqis li l-miżuri l-ġodda f'din il-proposta jitolbu saħansitra aktar riżorsi għall-implimentazzjoni mill-Kummissjoni fil-livell tal-UE.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn

Il-proposta ma hijiex se titlob riżorsi addizzjonali mill-baġit tal-UE. Għall-kuntrarju, ladarba jibda jinġabar l-prezz tal-kwota, is-sistema ta' kwoti tibda tiġġenera dħul annwali mill-bejgħ tal-kwota li fil-biċċa l-kbira jaqbeż l-ammonti meħtieġa sabiex jiġu koperti l-ispejjeż kollha għall-operazzjoni, għall-manutenzjoni u għall-iżvilupp tas-sistema ta' kwoti għall-idrofluworokarburi u għall-liċenzjar kummerċjali meħtieġ mill-Protokoll ta' Montreal kif ukoll tal-ħoloq neċessarji mat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana.

Id-dħul residwu sostanzjali wara li jkunu koperti dawn il-kostijiet tal-IT u dawk amministrattivi se jiddaħħal fil-baġit tal-Unjoni bħala dħul mhux assenjat.

Id-dħul **massimu** mill-bejgħ tal-kwota (EUR 3 għal kull tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂) jidnaqqas gradwalment minn EUR 125 miljun fl-2024 għal EUR 20 miljun fl-2036, ara t-tabella fit-taqsima 3.3.

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Huwa propost li sakemm iseħħ dħul mill-bejgħ tal-kwoti, il-Kummissjoni se tkompli tiżgura l-implimentazzjoni tas-sistema ta' kwoti tal-HFCs u tas-sistemi ta' liċenzjar kummerċjali għall-HFCs u għall-ODS meħtieġa skont il-Protokoll ta' Montreal permezz tar-riallokazzjoni tar-riżorsi. Ladarba d-dħul ikun disponibbli, parti mill-kompiti rilevanti għall-implimentazzjoni se tiġi ffinanzjata mill-bejgħ tal-kwota lill-impriżi li jkunu qegħdin jużaw u jibbenefikaw mis-sistema.

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ durata limitata

- ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

✓ durata mhux limitata

✓ Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu mill-2023 sal-2025,

✓ segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i⁵⁰

✓ Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- ✓ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

☐ Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;
- ☐ lill-korpi regolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-korpi regolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprova d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Għar-rapportar meħtieġ fl-Artikolu 26 tal-proposta, l-EEA għandha l-kompitu li timplimenta.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

⁵⁰

Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni huma deskritti fl-Artikoli 26 u 34 tar-Regolament propost dwar il-gassijiet F.

Il-Kummissjoni se tkompli wkoll timmonitorja u tevalwa l-progress dwar l-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-gassijiet F, li jirrikjedi li l-impriżi soġġetti għall-obbligi ta' rapportar jissottomettu lill-Kummissjoni rapport annwali tal-attivitajiet tagħhom taħt ċerti limiti.

L-EEA se tkompli tmexxi r-Repożitorju tad-Data dwar in-Negożju (BDR) li permezz tiegħu jiġu ppreżentati kemm ir-rapporti tal-kumpaniji lill-Kummissjoni kif ukoll ir-rapportar ta' Montreal fil-livell tal-UE.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni twettaq regolarment studji dwar diversi aspetti pertinenti tal-politika tal-UE dwar il-klima.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

L-implimentazzjoni ta' din il-proposta se teħtieġ ir-riallokazzjoni tar-riżorsi umani fi ħdan il-Kummissjoni (għall-fażi preparatorja 2023-2025) filwaqt li wara l-implimentazzjoni tal-allokazzjoni l-għdida proposta tal-kwoti, il-proċess tal-ġbir tad-dħul u l-ġbir tad-dħul, kif ukoll kompiti potenzjalment relatati oħrajn, jenħtieġ li r-riżorsi meħtieġa sabiex ikopru l-kostijiet tal-ġestjoni jiġu ffinanzjati mid-dħul.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Diffikultajiet bl-aġġornament f'waqtu tas-sistemi tal-IT.

Mill-esperjenza miksuba matul l-iżvilupp u l-operazzjonijiet tal-Portal attwali tal-gassijiet F u tas-Sistema ta' Liċenzjar HFCs, jista' jiġi antiċipat li fattur kruċjali għal aġġustament b'suċċess se jkun l-iżvilupp ulterjuri f'waqtu tas-sistema, inkluż l-istabbiliment tas-sistema għall-ġbir tad-dħul.

Sa fejn ikun possibbli, jenħtieġ li tiġi prevista esternalizzazzjoni tal-ġbir tad-dħul u tal-kompiti relatati sabiex jiġu minimizzati r-riskji.

Il-Kummissjoni se tkompli tiżgura li jkun hemm fis-seħħ proċeduri għall-monitoraġġ tal-iżvilupp tal-Portal tal-gassijiet F u tas-Sistema ta' Liċenzjar tal-HFCs fid-dawl tal-oġġettivi relatati mal-ippjanar u mal-kostijiet u għall-monitoraġġ tal-funzjonament tal-Portal tal-gassijiet F u tas-Sistema ta' Liċenzjar tal-HFCs, inkluża l-integrazzjoni tagħha fl-Ambjent ta' Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea għad-Dwana, fid-dawl tal-oġġettivi relatati mal-output tekniku, mal-kosteffettività, mas-sigurtà u mal-kwalità tas-servizz.

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

Din il-proposta ma toħloqx kontrolli/riskji sinifikanti ġodda li ma jkunux koperti minn qafas ta' kontroll intern eżistenti. Ma ġiet prevista l-ebda miżura speċifika lil hinn mill-applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Se tapplika l-istrateġija tad-DĠ CLIMA għall-prevenzjoni u għad-detezzjoni ta' frodi.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta'	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.[1]	mill-pajjiżi tal-EFTA[2]	mill-pajjiżi kandidati[3]	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
3	09 01 01 01	Mhux diff.	IVA	LE	LE	LE
3	09 02 03	Diff.	IVA	LE	LE	LE
7	20 02 06 01	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
7	20 02 06 02	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba: mhux applikabbli

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

DG: CLIMA			2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Appropriazzjonijiet operazzjonali								
09 02 03	Impenji	(1)	0,541	0,410	0,280	0,200	0,200	1,631
	Pagamenti	(2)	0,541	0,410	0,280	0,200	0,200	1,631
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi								
09 01 01 01		(3)	0,560	0,840	0,840	0,840	0,560	3,640
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DG CLIMA	Impenji	= 1 + 3	1,101	1,250	1,120	1,040	0,760	5,271
	Pagamenti	= 2 + 3	1,101	1,250	1,120	1,040	0,760	5,271

TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0,541	0,410	0,280	0,200	0,200	1,631
	Pagamenti	(5)	0,541	0,410	0,280	0,200	0,200	1,631
TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi		(6)	0,560	0,840	0,840	0,840	0,560	3,640
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	= 4 + 6	1,101	1,250	1,120	1,04	0,76	5,271
	Pagamenti	= 5 + 6	1,101	1,250	1,120	1,04	0,76	5,271

TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 6 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	= 4+ 6	1,101	1,250	1,120	1,040	0,760	5,271
	Pagamenti	= 5+ 6	1,101	1,250	1,120	1,040	0,760	5,271

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

Jenħtieġ li din it-taqsimha timtela billi tintuża d-“*data* baġitarja ta’ natura amministrattiva” li, qabel kollox, trid tiġi introdotta fl-[Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva](#) (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella’ fid-DECIDE għall-finijiet ta’ konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

		2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
DĠ: CLIMA							
Riżorsi umani (baġit ivvotat)		0,785	1,452	1,452	0,942	0,942	5,573
Riżorsi umani (persunal estern imħallas mid-dħul assenjat)		-	-	-	0,510	0,510	1,020
Nefqa amministrattiva oħra		0,008	0,008	0,004	-	-	0,020
TOTAL TAD-DĠ CLIMA	Appropriazzjonijiet	0,793	1,460	1,456	1,452	1,452	6,613

TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti)	0,793	1,460	1,456	1,452	1,452	6,613
--	---	-------	-------	-------	-------	-------	--------------

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	1,894	2,710	2,576	2,492	2,212	11,884
	Pagamenti	1,894	2,710	2,576	2,492	2,212	11,884

3.2.2. Output stmat ifffinanzjat bl-appoprjazzjonijiet operazzjonali

Appoprjazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

			2023		2024		2025		2026		2027		total	
Indika l-objettivi u l-outputs	OUTPUTS													
	Tip[1]	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost
Id-disinn u l-iżvilupp ulterjuri tas-sistema tal-IT tal-Portal tal-gassijiet F u tas-Sistema ta' Liċenzjar	QRM jew kuntratti ta' servizz	0,140	2	0,280	2	0,280		0,000		0,000		-		0,560
L-iżvilupp tal-Portal tal-gassijiet F u tas-Sistema ta' Liċenzjar tal-HFCs u d-dħul fis-seħħ tal-funzjonalitajiet il-ġodda, inkluża l-implimentazzjoni tal-allokazzjoni tal-kwoti u tal-proċess tal-bejgħ	QRM jew kuntratti ta' servizz	0,140	2	0,280	4	0,560	6	0,840	6	0,840	4	0,560		3,080
CSW-CERTEX tal-UE/Ambjent tat-Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana ⁵¹	MtQ TAXUD			0,541		0,410		0,280		0,200		0,200		1,631
TOTALI			4	1,101	6	1,250	6	1,120	6	1,040	4	0,760	0	5,271

⁵¹ Mill-2026 'il quddiem, huma previsti kostijiet annwali ta' manutenzjoni ta' EUR 0,200 miljun sabiex tinżamm l-interkonnessjoni mas-CSW-CERTEX tal-UE/mal-Ambjent tat-Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali						
Riżorsi umani (baġit ivvotat)	0,785	1,452	1,452	0,942	0,942	5,573
Riżorsi umani (persunal estern imħallas mid-dħul assenjat)	-	-	-	0,510	0,510	1,020
Nefqa amministrattiva oħra	0,008	0,008	0,004	-	-	0,020
Subtotal tal- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0,793	1,460	1,456	1,452	1,452	6,613

Barra mill- INTESTATURA 7⁵² tal-qafas finanzjarju pluriennali						
Riżorsi umani	-	-	-	-	-	-
Nefqiet oħrajn ta' natura amministrattiva	0,560	0,840	0,840	0,840	0,560	3,640
Subtotal barra mill- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0,560	0,840	0,840	0,840	0,560	3,640

TOTAL	1,353	2,300	2,296	2,292	2,012	10,253
--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	---------------

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazżjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazżjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

⁵²

Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

	2023	2024	2025	2026	2027
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)					
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	5	6	6	6	6
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)					
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)					
01 01 01 11 (Riċerka diretta)					
Linji baġitarji oħra (speċifika)					
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full Time: FTE)⁵³					
20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")	0	6	6		
20 02 01 (AC, END, INT minn "dħul assenjat")				6	6
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)					
XX 01 xx yy zz ⁵⁴	- fil-Kwartieri Ġenerali				
	- fid-Delegazzjonijiet				
01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)					
01 01 01 12 (AC, END, INT - Riċerka diretta)					
Linji baġitarji oħra (speċifika)					
TOTAL	5	12	12	12	12

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazżjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazżjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	L-implimentazzjoni ta' tnaqqis gradwali aktar strett, inkluż dwar il-produzzjoni, l-allinjament mal-obbligi internazzjonali u leġislazzjoni aktar komprensiva u kumplessa dwar il-projbizzjonijiet
Persunal estern	Assistenza dwar il-ġestjoni operazzjonali tas-sistema ta' kwoti u tal-liċenzjar inkluż l-ipprezzar

⁵³ AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = Persunal tal-Aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

⁵⁴ Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprijazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ✓ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

Ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa se jinstabu fil-pakkett tal-programm LIFE u/jew fid-dħul iġġenerat mill-prezz tal-allokazzjoni tal-kwoti.

- ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

..

- ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

..

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ✓ ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☐ tippredix l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☒ fuq dħul ieħor
 - jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa
X

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ⁵⁵				
		2023	2024	2025	2026	2027
Artikolu 6 2 1 1 Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika - Dħul assenjat	-	-	125,000	125,000	125,000	53,000

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

20 02 01 - (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)

09 01 01 01 - Nefqa ta' appoġġ għall-Programm għall-Ambjent u Azzjoni Klimatika (LIFE)

09 02 03 – Il-mitigazzjoni u l-adattament tal-azzjoni klimatika

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

Il-baġit għandu jinkludi d-dħul iġġenerat mill-prezz tal-allokazzjoni tal-kwoti. Huwa propost li l-iżvilupp ulterjuri, it-tħaddim, il-manutenzjoni u s-sigurtà tal-IT tas-sistema ta' kwoti tal-HFCs – inkluż modulu ġdid ta' bejgħ tal-kwoti – u tas-sistema tal-liċenzjar tal-gassijiet F u tal-ODS meħtieġa skont il-Protokoll ta' Montreal kif ukoll il-ħoloq neċessarji mal-Ambjent għad-Dwana tat-Tieqa Unika tal-Unjoni Ewropea u l-faċilitazzjoni ta' infurzar aħjar se jiġu ffinanzjati mid-dħul miġbur.

Id-dħul residwu wara li jkunu koperti dawn il-kostijiet tal-IT u dawk amministrattivi se jiddaħħal fil-baġit tal-Unjoni bħala dħul mhux assenjat.

Id-dħul **massimu** mill-bejgħ tal-kwota bi prezz ta' EUR 3 għal kull tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂ huwa mogħti fit-tabella ta' hawn taħt. Id-dħul **attwali se jkun kemxejn aktar baxx** minħabba li parti (minuri) mill-kwota ġenerali xorta se tiġi allokata mingħajr ħlas. Il-qasma bejn il-kwota mħallsa u l-kwota mingħajr ħlas ma hijiex se tkun magħrufa minn qabel, iżda xorta huwa mistenni li sehem għoli ħafna mill-ammont massimu tal-kwota se jiġi allokati bi ħlas. Huwa propost li l-Kummissjoni tista' tbiddel il-prezz fiss tal-kwota jekk ikun meħtieġ minħabba ċirkostanzi speċifiċi ħafna.

Dħul annwali massimu stmat f'miljuni ta' EUR:

⁵⁵

Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

2025 - 2026	125
2027 - 2029	53
2030 - 2032	27
2033 - 2035	25
2036 - 2038	20